# L-Effetti Tal-Pluraliżmu

## Fix-Xandir

AWTORITA' TAX-XANDIR

# Seminar ta' Ġurnata

dwar

# L-Effetti tal-Pluraliżmu fix-Xandir

Organizzat mill-Awtorità tax-Xandir

Il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju 1993

Malta Hilton

AWTORITA' TAX-XANDIR

Published in 1994 by the
Broadcasting Authority
National Road, Blata l-Bajda, Malta
Telephone: 247908, 221281, 223289
Fax: 240855

Setting and printing by
Offset Press Ltd. - Mrieħel

## Seminar organizzat mill-Awtorità tax-Xandir
## L-Effetti tal-Pluraliżmu fix-Xandir
## 11 ta' Ġunju 1993


**Laurence Mizzi**

Introduzzjoni u Merħba ........................................ 1

**Roland Flamini**

Ix-Xandir fis-Settur Pubbliku wara t-tmiem tal-monopolju ........................................ 5

Diskussjoni ta' wara ........................................ 16

**Victor Formosa**

Ix-Xandir Kompetittiv fis-Settur Privat ........................................ 23

Diskussjoni ta' wara ........................................ 38

**Joseph Azzopardi**

Ilmenti Kontra l-Mezzi tax-Xandir ........................................ 41

Diskussjoni ta' wara ........................................ 52

**Joseph Brockdorff**

Dħul mir-Reklami - Hemm biżżejjed għal Kulħadd? ........................................ 61

Diskussjoni ta' wara ........................................ 73

**Lawrence Zammit**

Agħraf l-Udjenza Tiegħek ........................................ 79

Diskussjoni ta' wara ........................................ 90

**Dr. Austin Gatt**

Ix-Xandir u l-Politika ........................................ 93

**Jimmy Magro**

Ix-Xandir u l-Politika ........................................ 105

Diskussjoni ta' wara ........................................ 115

**L-Onor Michael Frendo**

Il-Pjan Nazzjonali għax-Xandir ........................................ 131

# Introduzzjoni

Il-Liġi dwar ix-Xandir tipprovdi għat-twaqqif ta' 10 servizzi tax-xandir bir-radju mal-pajjiż kollu u numru mhux speċifikat ta' servizzi ta' xandir bir-radju fil-komunità. Teżisti wkoll domanda għal aktar servizzi bit-televiżjoni u din, fil-preżent qed tintlaqa' bil-firxa dejjem tikber tal-Cable Television Network u 'l quddiem bil-liċenzjar ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni privati li joperaw fuq bażi kummerċjali.

S'issa diġa' nħarġu għadd ta' liċenzji għax-xandir bir-radju u minn dawn hemm numru li qed joperaw. Is-sistema tal-Cable Television qed tilħaq ukoll għadd ta' lokalitajiet.

Din il-Konferenza se tagħti ħarsa lejn l-effetti varji li din iż-żieda fis-servizzi ta' informazzjoni fil-qasam tax-xandir għandha fuq is-soċjetà maltija. Il-Konferenza għandha tipprovdi l-opportunità biex dawk involuti jew interessati fix-xandir jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u fl-istess ħin jgħinu bl-ideat tagħhom lill-Awtorità tax-Xandir fl-ippjanar ta' strateġija għall-ġejjieni.

# Introduzzjoni u Merħba



## LAURENCE MIZZI
*Chairman*
*Awtorità tax-Xandir*

Is-Sur Laurence Mizzi kien maħtur Chairman ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Lulju ta' 1989. Huwa kien membru ta' l-Awtorità sa mill-1986. Is-sur Mizzi għandu esperjenza ta' aktar minn 40 sena fix-xandir bħala kittieb, *producer* u preżentatur. Huwa okkupa l-post ta' Schools Broadcasting Organiser għal ħafna snin wara li attenda kors ta' taħriġ barra minn Malta f'dik li hi produzzjoni għat-televiżjoni. Is-sur Mizzi kien għalliem u fis-servizz ċivili u llum huwa involut fil-ġurnaliżmu. Huwa wkoll awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet.

## Laurence Mizzi

## Introduzzjoni u Merħba

Nixtieq l-ewwel nett nagħtikom merħba għal din il-Konferenza li s-suġġett tagħha, kif tafu, huwa l-Effetti tal-Pluraliżmu fix-Xandir. Iżda qabel ma nibdew, naħseb li jkun xieraq jekk infakkru għal ftit mumenti lil Francis Ebejer li ħalliena dan l-aħħar.

Għalkemm Francis Ebejer qatt ma kien direttament involut fix-xandir, iżda huwa ta kontribut siewi kemm fix-xandir televiżiv bit-teledrammi kif ukoll lix-xandir bir-radju. Huwa għamel żmien membru tad-Drama Panel tar-Rediffusion. U għal dawk li huma daqsi, jew xi ftit ikbar minni, jiftakru li Francis Ebejer kien wieħed minn tal-bidu li kien jikteb ir-radjudrammi. Ma kienx hu li bdiehom, imma kien wieħed li ikkontribwixxa bil-kitba tar-radjudrammi. Nistedinkom għalhekk biex infakkru l-memorja tiegħu bi ftit mumenti ta' skiet.

Meta xi xhur ilu l-Awtorità ddeċidiet li torganizza din il-Konferenza, l-iskop tagħha kien li nagħtu ħarsa lejn is-sentejn li għaddew minn meta ġiet approvata l-Liġi tax-Xandir - liġi li tqiegħdet fil-prattika sena u nofs ilu.

Kulħadd jaf bl-iżviluppi li saru f'din is-sena u nofs. L-Awtorità allokat tmienja minn disa' liċenzji FM li għandna f'idejna (waħda hija tal-P.B.S. li kienet allokata mill-Gvern). Fil-fatt għad baqgħalna waħda x'nallokaw.

Sadanittant, il-ġimgħa l-oħra, kif hu magħruf, għaddiet l-emenda fil-Parlament li permezz tagħha l-pluraliżmu ser jiġi estiż anke għat-televiżjoni. Iżda, dik hija storja oħra li l-ġimgħa l-oħra nkitbet l-ewwel kapitlu tagħha. Kif ser tisvolġi u kif ser ikun it-tmiem ta' din l-istorja jafuh biss l-allat.

L-iskop tal-laqgħa tagħna hawn dalgħodu huwa xi ħaġa oħra. Xieraq, jidhirli, illi fil-Konferenza tal-lum l-ewwel ħarsa li nagħtu tkun lejn il-P.B.S. Kif tafu inthom, għal ħafna u ħafna snin, il-P.B.S. kellu l-monopolju: l-ewwel permezz tar-Rediffusion Group of Companies imbagħad ta' Xandir Malta - illum P.B.S.

Forsi ftit, pero`, jirrealiżżaw illi dak il-monopolju ma kienx ininterrott. Infatti kien hemm żmien qasir li fih eżista l-pluraliżmu u din il-ħaġa rari ħafna jekk qatt tissemma'. Għax bejn l-1973 u l-1975, fil-waqt li r-Rediffusion kien jeżisti, l-Awtorità tax-Xandir fl-1973 fetħet Radju Malta: kien hemm wieħed, tnejn u jidhirli wkoll tlett servizzi. Barra dawn u r-Rediffusion kien hemm ukoll il-BFBS li b'xi mod kien qiegħed jikkompeti anke magħhom. Għalhekk ta' l-anqas għall-sentejn, f'pajjiżna kien hawn daqsxejn ta' pluraliżmu fir-radjijiet. Dan waqaf ħesrem, fejn jidħlu l-istazzjonijiet Maltin, fl-1975 bit-twaqqif ta' Xandir Malta li nkorporat l-istazzjonijiet ta' l-Awtorità ma' ta' l-ex-Rediffusion f'kumpless wieħed u bl-għeluq tal-BFBS fl-1979.

U għalhekk tajjeb li l-ewwel kelliem ta' dalgħodu jkun is-sur Roland Flamini, Managing Director tal-P.B.S. Is-sur Flamini għandu esperjenza twila fil-ġurnaliżmu internazzjonali, kemm mat-Time Magazine kif ukoll ma' ġurnali oħra. Barra minnhekk, huwa wkoll awtur ta' kotba. Xi żmien ilu ġie Malta, u biex ngħid hekk, il-miġja tiegħu ħabtet mal-ftuħ ta' l-istazzjonijiet u mar-rivoluzzjoni li saret hawnhekk permezz tal-Liġi tax-Xandir.

Nistieden lis-sur Roland Flamini biex jgħidilna qabel xejn, x'effetti ħalla dan il-pluraliżmu fuq il-P.B.S. wara li kien għamel dawk is-snin kollha jsemma' leħnu waħdu. Is-sur Flamini .........

# Ix-Xandir fis-Settur Pubbliku wara t-tmiem tal-Monopolju



## ROLAND FLAMINI
*Managing Director*
*Public Broadcasting Services*

Is-Sur Roland Flamini huwa l-Managing Director ta' Public Broadcasting Services Ltd. Huwa ilu f'din il-kariga mill-1991 u għandu esperjenza estensiva fil-ġurnaliżmu ma' Time magazine. Is-Sur Flamini huwa l-awtur ta' diversi kotba.

## Roland Flamini

# Ix-Xandir fis-Settur Pubbliku wara t-tmiem tal-Monopolju

Inħossni umli illi ninsab ruħi quddiem dawn l-uċuħ kollha ta'nies li naf kemm personalment kif ukoll oħrajn, li huma iżgħar, nafhom biss minn wiċċhom. Għax kif qal iċ-Chairman, jiena verament imissni nkun hemm isfel u jkun hawn xi ħadd li għandu perspettiva storika aħjar minn tiegħi fuq ix-xandir f'Malta. Għaliex qabel ma wasalt hawn f'Diċembru tas-sena l-oħra, fil-1991, l-unika esperjenza li kelli tax-xandir f'Malta kien bħala student meta kont nagħmel xi xandira fuq ir-Rediffusion. Imbagħad kien hemm interruzzjoni ta'erbgħin sena (jew xi ħaġa hekk) illi fiha ġraw verament ħafna affarijiet.

Meta għamilt dan il-punt lill-Onorevoli Michael Frendo, wara li stidinni biex niġi hawn u nieħu l-kariga ta' *managing director* tal-PBS u għidtlu dan li qiegħed ngħid lilkom, hu qalli li dak jiġifieri li politikament jien verġni u l-verġinità f'dan il-każ jaħseb illi tkun tiswa.

Allura jiena qiegħed inkellimkhom mill-pożizzjoni ta' verġni: politikament almenu. Ċerti affarijiet ma nafhomx u kif għedt, ċerti perspettivi storiċi ma nafhomx anqas. Inkellimkhom ukoll minn perspettiva oħra: dak ta' barra minn Malta u speċjalment fl-Amerika imma mhux biss l-Amerika.

Kumbinazzjoni l-ġimgħa li għaddiet f'Washington kelli okkażżjoni li nieħu sehem f'ġurnata ta' studji organizzata mit-Trans Atlantic Dialogue on European Broadcasting. L-għan ta' din l-għaqda hi li tagħti parir u għajnuna prattika lill-pajjiżi ex-kommunisti fuq it-twaqqif u t-tmexxija ta'mezzi tax-xandir indipendenti u demokratiċi, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat.

lx-xandir, kif kulħadd jaf, kellu parti storika u kruċjali fil-ħelsien tal-pajjiżi ta'l-Europa tal-Lvant. Basta nsemmu l-attività ta' *Radio Free Europe* u l-influwenza tat-televiżjoni Ġermaniża Federali fuq il-popolazzjoni ta' dik li, sa ftit żmien ilu, kienet il-Ġermanja l-oħra. Iżda fl-istess demokraziji ġodda kellhom nuqqas ta' esperjenza kbira fil-qasam tax-xandir li mhux taħt il-kontroll politiku u li m'għandux direzzjoni politika. Għalhekk it-Trans Atlantic Dialogue on European Broadcasting fl-Amerika, u xi oħrajn fl-Ewropa qegħdin jagħtu l-għajnuna tagħhom - mhux dejjem, irrid ngħid, bi skop purament altruistiku.

Is-suġġett ewlieni ta' din il-konferenza f'Washington kien, kumbinazzjoni, il-pluraliżmu fix-xandir. Ħadu sehem xandara, funzjonarji u politiċi minn għadd kbir ta' pajjiżi demokratiċi ġodda. Hawn nixtieq ngħid illi jien kont preżenti mhux bħala rappreżentant tal-Public Broadcasting Services Ltd iżda minħabba ċerti rabtiet personali Amerikani. L-anqas hu l-iskop tiegħi illi nagħmel xi paragun politiku. Madankollu huwa fatt illi l-Bulgarija u l-Ungerija, biex insemmi tnejn mill-ħmistax-il pajjiż li ħadu sehem, jinsabu wkoll għaddejjin minn esperjenza tal-pluraliżmu f'pajjiżhom u xi punti minn dak li ntqal fid-diskussjoni jistgħu jkunu għalina ta' konsolazzjoni u ta' għajnuna.

Konsolazzjoni meta nisimgħu liċ-Chairman tal-Kummissjoni tar-Riforma fix-Xandir fil-Polonja jilmenta: "Il-pluraliżmu fix-xandir l-ewwel kien ħolma, mbagħad kien ġlieda, u fl-aħħar sar realta`. Imma llum x'inhu l-pluraliżmu fix-xandir? Rock and roll minn fil-għodu sa fil-għaxija. Din kienet il-ħolma? Fejn hu s-sens ta' proporzjon, il-ħin riservat għall-informazzjoni, edukazzjoni u *entertainment*? Naturalment, it-traduzzjoni hija tiegħi. Imma dawn huma kliem li kultant jinstemgħu anke f'pajjizi mhux il-bogħod minn hawn. Jew meta tisma' l-problemi finanzjarji tad-delegat Slovak li jgħidlek li m'għandux flus biex jagħmel produzzjoni lokali, illi jrid flus biex jibni *News Centre* ġdid. Jew il-problemi universali tal-pubbliku televiżiv li jinjora programmi li jeżaltaw u jxerrdu l-kultura nazzjonali, programmi li jqumu ħafna flus, biex jaraw, programmi bħal "Beverly Hills".

Konsolazzjoni biex jiġi kkonfermat is-suspett - forsi anke l-isperanza - illi m'aħniex waħedna quddiem tendenzi u preferenzi li, kultant, bħala xandara, jaqtgħulna qalbna. Konsolazzjoni għaliex b'xi mod naraw li m'aħniex waħedna f'certi sitwazzjonijiet. Jiena nosserva illi għandna daqsxejn it-tendenza għall-iżolament.

Għajnuna fis-sens ġenerali illi jiswa li naraw lill-oħrajn ghaddejjin mill-verzjoni tagħhom ta' l-istess esperjenza - huma għal raġunijiet tagħhom u aħna għal raġunijiet tagħna, iżda b'xewqa komuni li jinħolqu servizzi tax-xandir li jaqdu l-bżonnijiet tan-nazzjon fil-qasam tal-informazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-*entertainment*, u li f'qasam tax-xandir jirriflettu diversità ta' opinjoni.

Jeżisti dritt fundamentali illi x-xandir għandu jiżviluppa taħt kundizzjonijiet illi jiggarantixxu l-pluraliżmu u l-libertà tal-espressjoni. Fir-radju, hawn Malta, din is-sitwazzjoni saret realtà sena ilu b'liġi storika li temmet il-monopolju ta' l-Istat, monopolju li kien ukoll interrot f'xi drabi, imma li aħna nikkonsidraw bħala monopolju totali, u ħolqot settur privat fix-xandir.

Issa, kif qal iċ-Chairman, il-pluraliżmu għall-PBS jiġifieri għall-kumpanija ġdida li hija s-suċċessur ta' Xandir Malta ma setax ġie f'ħin agħar. F'Awissu l-Public Broadcasting Services Limited xtrat il-*fixed assets* ta' Xandir Malta minn għand it-Telemalta u sirna effettivament kumpanija. Dan kien f'Awissu tas-sena li għaddiet. Imma r-realtà hi li s'issa l-uniku impjegat tal-Public Broadcasting Services, jiġifieri, l-uniku wieħed li jitħallas mill-Public Broadcasting Services Limited huwa jien. Għaliex il-konverżazzjonijiet li aħna qed nagħmlu u li għadhom sejrin mal-General Workers Union, għadhom ma waslux fi ftehim. Il-ftehim huwa viċin imma l-PBS għadha taħdem bl-impjegati tat-Telemalta li jitħallsu mit-Telemalta. Din hija s-sitwazzjoni llum. Il-PBS issib ruħha, f'ċertu sens, f'limbo: la hi ħaġa u lanqas hi oħra. Id-diffikultajiet huma enormi kif wieħed jista' jifhem. Għandna pjani li ma nistgħux nibdew, għandna ideat illi ma jistgħux jiġu fir-realtà. Għandna ċerti speranzi illi nżiedu n-nies f'setturi li għandhom bżonn u li ilhom li kellhom bżonn, biex ngħid hekk, ta' *new blood*. Imma mhux hekk biss, biex nirrafforzawhom u dan ma jistax

jsir. Però, bl-isperanza u bil-paċenzja naħseb illi naslu f'qasir żmien. Effettivament, s'issa il-PBS mhix f'sitwazzjoni illi tkun tista' taffronta it-tibdiliet, ir-revoluzzjoni, kif qal iċ-Chairman, illi qed isir fix-xandir. Niddubbaw. Nagħmlu dak li nistgħu, imma l-problemi jibqu hemm.

Il-fatt hu illi l-pluraliżmu fix-xandir hawn Malta kiber b'ħeffa li tfakkarna fil-miraklu taż-Żwieġ ta' Kana. Illum kien hemm żewġ stazzjonijiet tar-radju u l-għada kien hemm disgħa. Irrid ngħid ukoll illi l-pubbliku Malti adatta ruħu b'ħeffa inkredibbli għal din it-tibdila. U l-pluraliżmu fix-xandir sar f'daqqa waħda, mingħajr ma kien hemm l-ebda proċess ta' tibdila. Xejn. Nistgħu ngħidu li ħafna ma ħasbuhiex darbtejn biex jarmu l-qadim (l-qadim sfortunatament kien aħna) u jżanżnu l-ġdid. M'huwiex sigriet illi r-Radju Nazzjonali ħa skoss. L-aktar li ġie milqut kien Radju 2 għaliex - kif qal id-delegat Pollakk fuq pajjiżu - anke f'Malta il-pluraliżmu fix-xandir ifisser, f'ħafna drabi, pluraliżmu tad-diski ta' *Whitney Houston, UB40* u *The Who*. Dan huwa settur li qabel kien il-monopolju ta' Radju 2. Dan ma jfissirx li ma nħolqux programmi oħra. Iżda jekk inqisu it-tnax-il siegħa ta' programmi bejn is-6.00 ta' fil-għodu u s-6 ta' fil-għaxija fuq id-disa' radjijiet naraw li madwar erbgħin fil-mija tat-total ta' 108 siegħa ta' programmi huwa dovut għall-mużika pop.

Kultant ikun 30 fil-mija u kultant ikun ftit aktar. Naħseb li l-Awtorità żżomm kejl aktar preċiż minn tiegħi, imma jien għamilt eżami fuq dawn l-aħħar ħamest ijiem.

It-taħlita ta' programmi hija ġeneralment aħjar fuq ċerti radjijiet milli fuq oħrajn. Nista' insemmi, per eżempju, illi r-Radju Nazzjonali I huwa wieħed minnhom li għandu taħlita aħjar. Iżda, hemm oħrajn, l-RTK per eżempju, li aħna, dan mhux sigriet, inqisuh bħala il-kompetitur l-aktar importanti ta' Radju Nazzjonali I. Hemm ukoll Radio Live FM li għandu funzjoni totalment differenti, unika, fil-pluraliżmu tax-xandir tagħna. U Radio Super One u sa ċertu punt ukoll Radio 101. Però, Radio 101 dan l-aħħar tlett xhur qed jagħti aktar mużika.

Is-*surveys* juruna li programmi *disco*, jew *pop*, jiġbdu il-*mass audience*, u

b'konsegwenza jiġbdu wkoll ir-reklami. Illi l-forzi tas-suq ikunu fattur determinanti - biex ma ngħidx dominanti - fil-pluraliżmu kien mistenni. Pluraliżmu għalija jfisser ukoll kompetizzjoni. Irridu noqgħodu attenti però illi r-radjijiet ma jitilfux l-identità tagħhom waqt li qegħdin ifittxu din il-ħtieġa ta' sopravvivenza, biex ngħidu hekk.

Fejn hu l-pluraliżmu hekk meta ddawwar id-*dial* tar-radju tisma' l-istess *hit tune* fuq programm jew fuq ieħor? Irridu noqgħodu attenti illi dak li nistgħu nsejħulu nkwinament tal-pluraliżmu ma joħnoqx radjijiet illi jġibu ideat ġodda, illi jġibu ġurnaliżmu ġdid li jgħin il-kultura. Hemm jien nara xi periklu.

Huwa d-dmir ta' kull kap ta' stazzjon li jżomm bħala priorità assoluta is-sopravvivenza finanzjarja tar-radju li lilu ġie fdat. Imma huwa wkoll d-dmir kollettiv tagħna lkoll li ngħollu l-livell tax-xandir f'pajjiżna.

L-aġenziji tar-reklami flimkien mal-klijenti tagħhom għandhom jiftakru li huma wkoll jiffurmaw parti mill-*media* kulturali Maltija u li l-pubbliċità għandha wkoll il-parti tagħha fix-xandir ta' pajjiżna. Fl-Istati Uniti ma hemmx settur pubbliku tax-xandir u l-anqas hemm ħlas ta' liċenzji. Però il-*business* privat jikkontribwixxi miljuni ta' dollari kull sena mhux biss lir-radjijiet u lit-televiżjonijiet kummerċjali imma lill-Public Broadcasting Services Amerikan, l-istazzjon li jxandar programmi ta' livell għoli. Il-Public Broadcasting Services Amerikan m'għandux għajnuna statali u l-anqas jagħmel avviżi pubbliċitarji. Però, is-settur kummerċjali privat iħoss in-neċessità illi jagħti is-*support* tiegħu lil dan l-istazzjon.

Dan kollu qed ngħidu mhux biex nevita illi nitkellem fuq is-suġġett ta' dalgħodu li huwa l-effetti tal-pluraliżmu fuq il-PBS. Qed ngħidu għaliex il-mod kif jiżviluppa s-settur privat għandu effett fuq id-direzzjoni illi jieħu s-settur pubbliku. Mal-flus tal-liċenzji li jirċievi x-xandir pubbliku jiġu ċerti dmirijiet, fosthom dak li jinforma l-poplu b'mod oġġettiv u ndipendenti, li jġib il-quddiem il-kultura ta' pajjiżna u li jkun eżempju ta' livell għoli u konsistenti. Kif naraw minn pajjiżi oħra, d-dħul mill-liċenzji waħdu jirriżulta f'*deficit* u għalhekk ix-xandir pubbliku isib ruħu f'sitwazzjoni komplikata

meta jibda bilfors jikkompeti għar-reklami mas-settur privat. Biex tnaqqas id-*deficit* tagħha anke l-BBC dan l-aħħar ħadet deċiżjoni storika biex tibda tistudja l-mod kif ikollha reklami.

Huwa fatt li l-ġlieda għar-reklami fix-xandir aktarx tbaxxi l-livell u mhux tgħollih; u għalhekk jien nħares b'ċerta ansjeta' lejn dak li qed jiġri fix-xandir privat. Għaldaqstant il-PBS, fl-opinjoni tiegħi, tinsab quddiem żewġ alternattivi. Dana ngħidu mhux biss għar-radju imma anke għat-televizjoni illi minn hawn u ftit ieħor isib ruħu f'sitwazzjoni ta' pluralizmu. Il-PBS tista' tagħmel ftit u tagħmlu tajjeb - per eżempju aħbarijiet, programmi ta' *current affairs*, kultura, mużika klassika bl-isperanza li l-programmi ta' nteress ġenerali jieħdu ħsiebhom is-settur privat. F'dan il-każ jista' jkun li l-PBS ikun jista' jgħix fuq il-liċenzji u b'hekk il-kumpannija tkun qed taħdem biss għas-servizz taċ-ċittadin. Dan huwa *public service*, biex ngħidu hekk, pur.

It-tieni alternattiva hi li l-PBS toffri programm sħiħ, inklużi programmi li jattiraw in-numri kbar kif jgħidu l-Amerikani - *the big numbers* - u allura l-livell ta' kwalita' jiġi determinat mill-esiġenzi tas-suq u l-kompetizzjoni għar-reklami.

Din hija deċiżjoni illi aħna għandna quddiemna. Kif immorru, liema direzzjoni nieħdu, jiddependi ħafna fuq dak li jagħmlu l-istazzjonijiet privati. Fl-opinjoni tiegħi, għadu kmieni biex tiddetermina jekk il-pluraliżmu fix-xandir huwiex suċċess. Huwa fatt tal-ħajja tagħna, dak bla dubju.

Jeżisti. Għandna disa' stazzjonijiet. Imma m'hinix żgur jekk din tiddeterminax suċċess.

Jien naħseb li din l-okkażjoni trid tkun mhux biss ta' ferħ, ta' kongratulazzjoni li għandna pluraliżmu ħaj u attiv, imma din l-okkażjoni għandha tkun ukoll eżami ta' kuxjenza.

Irridu nistaqsu jekk il-programmi llum, ħmistax-il xahar wara li beda jxandar l-ewwel wieħed, humiex ta' l-istess livell li kienu ħmistax-il xahar ilu. Jekk tlifniex xi ftit minn dak il-livell. Jekk l-istazzjonijiet kellhomx jagħmlu korrezzjonijiet fid-deċiżjonijiet tagħhom minnħabba fil-pressjoni tas-suq. Irridu nistaqsu jekk l-istazzjonijiet tas-settur privat kellhomx xi effett pożittiv fuq il-ġurnaliżmu Malti.

Irridu nistaqsu jekk is-settur privat bagħatx nies għall-korsijiet biex jitgħallmu dak li qegħdin jagħmlu. Jekk kienx hemm boroż ta' studju li bihom marru ġurnalisti mis-settur privat biex jipperfezzjonaw il-professjoni tagħhom. Jiena naħseb li għandna ħames snin oħra qabel ma nistgħu ngħidu li nafu is-sitwazzjoni finali. Biex naraw fejn sa jasal il-pluraliżmu f'din il-gżira.

Naħseb, u naħseb li ħafna oħrajn jaħsbuha bħali, illi l-Liġi tax-Xandir għandha difett. Difett fis-sens li tħalli l-partiti politiċi jxandru bħal stazzjonijiet privati. Ma nafx b'nazzjon demokratiku li jħalli l-partiti politiċi, għan-nom tagħhom, ikollhom stazzjonijiet tar-radju. Tgħiduli l-eżempju taljan. L-eżempju taljan huwa ħaġa differenti. Fl-Italja llum l-Istat jiffinanzja tliet stazzjonijiet u kull wieħed minn dawn l-istazzjonijiet jirrifletti tendenza differenti fil-politika ġenerali tal-pajjiż. Imma llum, wara il-Liġi ta' ġimgħatejn ilu, anke fl-Italja l-parlament qiegħed jaħsibha darbtejn fuq din is-sistema.

Bil-Liġi li għaddiet reċentement, infatti, tispiċċa din is-sistema kompletament. Ma jkunx hemm id-dominanza tal-komunisti, tas-soċjalisti u tad-demokristjani fix-xandir. Jiġifieri, anke hemm dieħel pluraliżmu li ma jagħtix lill-partiti politiċi, speċjalment il-partiti politiċi dominanti, l-okkażjoni illi jkollom f'idejhom mezz tax-xandir. Dan m'hinix ngħidu għax jiena kontra l-partiti politiċi. Dan qiegħed ngħidu għax jikkomplikaw l-affarijiet. Ha ngħidilkom kif jikkomplikaw l-affarijiet.

Nieħdu, per eżempju, is-*surveys*. Meta l-*interviewer* jagħmel il-mistoqsijiet, per eżempju, lis-sur Borg u jsaqsieh liema radju jisma', jiena ma nistax nimmagina li jekk is-sur Borg huwa fidil ta' ċertu partit, huwa bniedem akkanit, fanatiku, biex

ngħid hekk, ta' ċertu partit ser isemmi stazzjon ieħor. Jiġifieri, fir-radju hemm il-possibbiltà illi l-preżenza politika taffettwa r-realtà.

Issa, naturalment, sejjer isir l-istess ħaġa fit-televiżjoni u jiena nispera illi fit-televiżjoni forsi bl-għajnuna ta' l-Awtorità tax-Xandir indaħħlu in-*Nielsen Rating System.* X'inhi n-*Nielsen Rating System*?

In-*Nielsen Rating System* ma hi xejn ħlief apparat illi jitpoġġa fuq it-*television set* ta' ċerti nies. Fl-Amerika per eżempju, is-*sample* tan-*Nielsen Rating System* m'huwiex aktar minn elfejn dar u r-riżultati huma eżattissimi. Dan l-apparat li ma jistax jiġi mbgħabas minn ħadd, jgħidlek eżattament fuq liema kanal it-*television set* kien mixgħul f'ċertu ħin. Kull ġimgħa, jinġabru r-riżultati u tkun tista' tiddertermina x'wieħed kien qiegħed jara dak il-ħin. Bħala operatur ta' stazzjon tat-televiżjoni, jiena naħseb li f'sitwazzjoni kompetittiva tkun essenzjali għalina biex nevitaw li jiġri fit-televiżjoni dak li jista' jiġri fir-radju.

Issa jiena nifhem illi kemm partit u kemm l-ieħor jgħidu li l-vuċi tagħhom ma tinstemax fuq ix-xandir pubbliku, u li l-ideat tagħhom m'humiex rappreżentati fix-xandir pubbliku. Jiddispjaċini li dan jintqal. Jiena nipprova li l-istazzjon ikun oġġettiv kemm jista' jkun, li jkun preċiż kemm jista' jkun. Jiena għandi kull fiduċja fir-*reporters*, fl-istaff professjonali li hemm fis-sezzjoni ta' l-aħbarijiet ta' Xandir Malta. Għandi kull fiduċja illi meta din is-sezzjoni tikber, kwazi tirdoppja, tkun aħjar u tibqa' fuq l-istess livell professjonali.

U rrid ngħid ukoll li dina hija ħaġa komuni fil-ħajja tagħna. Il-politiku qatt ma jaħseb illi x-xandir, speċjalment it-televizjoni, qiegħed iġib biżżejjed fuqu, jew qiegħed jirrifletti dak li jrid jgħid u dak li jrid jagħmel.

Hemm eżempju minn kull nazzjon. Per eżempju fl'1989 Margaret Thatcher akkużat lill-BBC illi kienu pro-Labour. Jista' jkun li kien hemm fl-istaff simpatija mall-Labour. Imma hija kienet konvinta li fil-BBC kien hemm komplott biex hija titlef l-elezzjoni.

Aktar reċenti, ir-Repubblikani tal-Amerika qalu li Clinton rebaħ l-elezzjoni għaliex il-*media*, il-ġurnalisti Amerikani kienu favuru. L-ironija hi li Clinton issa qiegħed jgħid illi l-ġurnalisti huma kontrieh. Jiġifieri din hija sitwazzjoni fejn il-*media* ma jirbħu qatt. Però aħna m'aħniex hemm biex nirbħu. Kif jaf kulħadd hawnhekk, għax aħna ilkoll fl-istess professjoni, aħna qegħdin hemm biex nagħtu servizz lill-pubbliku tagħna mill-aħjar li nistgħu.

## DISKUSSJONI

**Is-sur Charles Xuereb:** Iktar minn mistoqsija, Mr Chairman, jiena xtaqt nagħmel osservazzjoni żgħira. Hawn pjattaforma llum u nixtieq nużaha jien mhux biss bħala xandar imma iktar forsi wkoll bhala edukatur. Meta tħares lejn l-iskeda tas-seminar tal-lum tieħu gost li tara l-aspetti kollha, b'xi mod jew ieħor, trattati minn reklami, ekonomija, tmexxija u programmar. Imma forsi s-semmiegħ innifsu ma jkollux il-vuċi tiegħu mismugħa minħabba li aħna lkoll qegħdin fil-professjoni tax-xandir.

Is-sur Victor Formosa semma ftit iktar kmieni li l-*honeymoon* tar-radjijiet għadda. Wahda mill-affarijiet li mmarkatu, forsi b'daqsxejn ċiniżmu wkoll, kienet id-*diarrhoea* telefonika tar-radju. Matul din is-sena qisu s-semmiegħ Malti bis-saħħa ta' dawn ir-radjijiet skopra l-mikrofonu f'idejh u allura beda jitkellem fuq ħafna affarijiet bi ftit preparazzjoni.

Forsi nsejna l-aspett edukattiv li fih għandna responsabbiltà li ngħinu lis-semmiegħ permezz tal-*media* isir komunikatur aħjar. Kull min għadda żmien fix-xandir, jaf kemm fit-televizjoni, kemm fir-radju, kemm wieħed għandu problemi biex jeditja l-messaġġi li jinġabru f'bieb il-Belt. Ħafna tlaqliq u sostanzjalment ma jkun intqal xejn. Għalhekk forsi, 'l quddiem, ta' min jirrifletti kif għandna nħarsu lejn is-suċċess ta' xi programm partikolari. Ninkwetaw jekk ma jċempel ħadd, imma la darba jċempel xi ħadd, nitfgħuh fuq il-linja u jgħid li jrid bl-addoċċ. Naħseb li din forsi, bħala xandara, għandna nħarsu ftit lejha b'iktar attenzjoni.

Il-fatt li qed jitkellem il-pubbliku mhuwiex biżżejjed biex jiġġustifika la d-demokrazija u wisq anqas il-popolarità ta' l-istazzjon. Fil-fatt hawn min jgħid, fl-edukazzjoni għall-*media* , li meta stazzjon itella diskussjoni u jippermetti lil kulħadd jitkellem u jgħid l-opinjoni tiegħu skond l-istazzjon hija turija biżżejjed ta' demokrazija fil-pajjiż. Fir-realta` bosta drabi mhux hekk. Rari tittieħed azzjoni wara taħriġ bħal dan. Għalhekk tajjeb li aħna nħossu d-dmir ukoll ta' edukaturi li ngħinu iżjed lil min jikkomunika permezz tal-*media* biex ma jiġix sfruttat biss bħala vuċi jew żvog. Is-sehem tas-

semmiegħ għandu idealment ikun parteċipattiv.

**Is-sur Richard Matrenza:** Mr Chairman, is-sur Charles Xuereb miss punt li għandu iktar fil-fond minn dak li semma: il-*phone-ins* u l-protezzjoni taċ-ċittadin, mhux bil-mezz tal-liġi imma b'mezz ieħor. Illum iċ-ċittadin jaqbad it-telephone, iċempel. Jistgħu jikkontrollawh u jistgħu ma jikkontrollawhx. U jista' anke jidħak bik. Jekk għandu xi ħaġa fuq l-istonku tiegħu dan jinsolenta. Mhux biss jinsolenta imma jista' jigdeb u qisu qatt ma ġara xejn.

Ftit ta' żmien ilu, jien stess kelli esperjenza qarsa ta' bniedem li identifika ruħu, qal min hu, qal "Jiena Franċis Bool minn Birżebbuġia", u dan qal gideb. Qal li jiena mort id-dar tiegħu u ħadtlu ċilindru tal-gass. Mentri jien l-anqas biss kont hawn Malta dak il-perjodu. Dawn l-affarijiet, Mr Chairman, jekk jibdew jiżdiedu x'ser nagħmlu? Jekk tistedinni biex nitkellem mhux jien, imma lkoll kemm aħna, xi protezzjoni ser ittini? Dan huwa riżultat ta' l-effetti tal-pluraliżmu li daħħalna l-idea tal-*phone-ins.*

**Is-sur A. Zammit:** Nixtieq inkun naf jekk l-Awtorita` tax-Xandir għandiex il-kriterji li ttella programmi għal għaqdiet. Hawn ħafna għaqdiet volontarji, li saru bħala *pressure groups*, li kull tant ikunu jistgħu jippreżentaw xi programm.

**Mr Chairman:** Fil-*Cable Television* hemm maħsub li jingħata spazju lil dawn l-għaqdiet volontarji. Anki issa, sa fejn naf jien, m'hemm xejn x'iżomm l-Awtorita` li jekk trid tagħmel dan anke fuq il-mezzi tax-xandir li jeżistu issa.

**Is-sur Antoine Ellul:** Din li qed jgħid is-sur Zammit, xi snin ilu, l-Awtorita` flimkien ma' dak iż-żmien Xandir Malta, kienu għamlu sensiela sħiħa ta' programmi, li minn għalija, kien jisimha 'Kulħadd Jgħid Tiegħu', fejn dawn l-għaqdiet volontarji, kienu mistiedna, għall-bidu b'ħafna entużjażmu, imma mbagħad, jiddispjaċini ngħid, dan l-entużjażmu kien beda jonqos u spiċċajna nirrepetu dawn l-organiżżazzjonijiet. Kienu mistiedna biex huma stess jipparteċipaw f'programmi li kienu ta' xi nofs siegħa

il-wieħed, fejn huma jwasslu il-messaġġ tagħhom lill-membri tagħhom u kemm lill-pubbliku in ġenerali.

Kif qal iċ-Chairman, dawn il-programmi ta' l-aċċess, l-Awtorita` lesta u qed tippjana biex testendieh għall-*Community Channel* tagħha fuq il-*Cable Television* meta l-pjani jkunu mmaturaw biżżejjed.

**Is-sur Richard Matrenza:** Is-sur Flamini semma il-punt li f'Malta qegħdin f'sitwazzjoni unika fejn il-partiti politiċi qegħdin ixandru. Nixtieq li xi ħadd li qiegħed hawnhekk fil-kapaċità ta' partit politiku, jikkummenta. Jien naqbel mija fil-mija ma dak li qal is-sur Flamini. Nisimgħu xi kumment dwar qatt x'wassal lill-partiti politiċi li jkollhom ukoll il-mezz tar-radju u il-quddiem il-mezz tat-televiżjoni.

**Is-sur A. Vassallo:** Ħadt pjaċir nisma it-tlett kelliema jesponu d-difetti li jeżistu fix-xandir, għaliex minn diskorshom għandna il-prova li l-pluraliżmu li għandna huwa sempliċiment pluraliżmu kwantitattiv. Il-kwalita` ma teżistix. U narawha kontinwament fil-programmi li naraw jew nisimgħu u ma jidher li hemm l-ebda ċans li fiż-żmien viċin ser ikun hemm xi kwalita` aħjar jew xi titjib.

Nifraħ lis-sur Azzopardi ta' l-espożizzjoni tiegħu tal-piż li jingħata kontra partit politiku żgħir, jew xi grupp ieħor żgħir, li jinqala' barra mill-programmi kollha. F'dan ir-rigward jieħu parti kulħadd, mhux sempliċiment l-awtoritajiet, l-Awtorita` jew inkella il-*managers* tal-istazzjonijiet tar-radju. Imma jieħdu parti wkoll, fil-livelli kollha, l-istess xandara li ħadd minnhom ma jagħmel xi sforz biex forsi jagħti veduti differenti fuq xi suġġett li jkun qed jiġi diskuss.

Wieħed jistenna li waqt li aħna kontinwament qed insemmu hawnekk il-professjonalità u affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' monopolju ta' partiti, ma rridux ninsew li, barra l-monopolju ta' partiti, ser jidħol u diġa beda jinħass il-monopolju tas-suq, tal-finanzi li huma meħtieġa biex wieħed jopera stazzjon. Nistennew li l-Awtorita`, f'dan ir-rigward, tagħmel xi inizjattivi, toħloq ideat biex isir xi rimedju biex

jitjieb il-kontenut tax-xandir fil-kwalita`. Nistennew xi inizjattiva biex toħroġ minn triqtha u tipprova toħloq xi ħaġa ġdida.

**Is-sur Roland Flamini:** Irrid nagħmel punt fuq l-aħbarijiet li xi ħadd semma jekk aħniex nagħmlu *surveys* fuq l-aħbarijiet. Effettivament wieħed mill-fenomeni tat-televiżjoni Malti hu li l-akbar udjenza fil-programmi tat-televiżjoni, hija ta' l-aħbarijiet. Dawn għandhom xi 82% ta' l-udjenza totali ta' TVM bejn it-tmienja u d-disa'. Effettivament illum hija bejn it-tmienja u l-għaxra ta' fil-għaxija għaliex irnexxielna nestendu il-*peak viewing time.*

Il-*peak viewing time* tagħna huwa l-aħbarijiet. Naħseb li l-Maltin għandhom għatx għall-programmi ta' informazzjoni u waħda mill-aspetti tal-PBS li trid tiġi żviluppata, u li mhijiex żviluppata biżżejjed u dak nammettieh, u trid tiġi żviluppata ferm iktar, hija l-aspett ta' *current affairs*, u ta' kif ix-xandir ta' l-Istat jagħti informazzjoni fuq dak li qed jiġri, kemm hawn f'gżiritna u kemm f'barra minn Malta. Din il-kritika mhux qed nagħmilha jien biss imma saret fuq wieħed mir-radjijiet.

**Is-sur Lou Bondì:** Jien naħseb li d-diskussjoni ta' dalgħodu hija interessanti, però, għandha karatteristiċi daqsxejn surrejali. Qisna qegħdin f'xi film ta' Fellini. Naħseb li għalkemm spiċċa l-monopolju fix-xandir istituzzjonalment, parti kbira tal-mentalita` tad-diskorsi li qegħdin isiru, ħlief tas-sur Victor Formosa, għadha mentalita` monopolistika.

Hawnhekk kulħadd qed jitkellem fuq affarijiet li, għas-semmiegħa, mhumiex daqshekk importanti. L-unika darba li ssemmiet il-mużika, dalgħodu, kienet b'mod peġġorattiv.

Il-punt tiegħi huwa li l-iktar ħaġa li hija importanti għas-semmiegħa ħadd m'hu qiegħed jagħtiha importanza. Jiena iddejjaqni ħafna l-attitudni partikolarment ta' dan l-aħħar kumment li sar, li ngħidu li fix-xandir m'hawnx kwalita`. Il-kwalita` ma niddeċieduhiex aħna, jiddeċiediha s-semmiegħ. Jekk is-semmiegħ irid jisma 'X'

inti 'X' trid ittih. Din mhix kwistjoni ta' suq u mhux suq. Din hija kwistjoni ta' realtà. Ma naħsibx li Malta hija differenti minn pajjiżi oħrajn.

Jiena naħseb li għandu jkun hemm differenza bejn l-istazzjonijiet privati u l-istazzjon ta' l-Istat. Nahseb li l-istazzjonijiet ta' l-Istat, televizjoni u radju, għandhom ċerti obbligi, imma ma niġrux bina nfusna u nahsbu li nistgħu nimponu xi valuri fuq l-istazzjonijiet l-oħra.

**Is-sur Roland Flamini:** Ma naqbilx mas-sur Bondì li trid tħalli l-pubbliku jiddomina totalment dak li jixxandar. Hemm modi, anzi l-obbligu, li x-xandara jiffurmaw il-gosti tan-nies. Ovvjament, il-pressjoni kummerċjali meta tkun f'sitwazzjoni ta' stazzjon privat hija li tmur fejn il-programmi huma l-iktar popolari. Però, jien naħseb li tibdiliet jistgħu isiru.

Il-pluraliżmu għalija ifisser għażla, ifisser li jkun hemm *spectrum* ta' preferenzi għal kulħadd. Fis-sitwazzjoni attwali, għalkemm għandna disa' stazzjonijet, l-għażla m'hijiex hemm. Il-PBS qegħda f'sitwazzjoni llum fejn qegħdin neżaminaw il-possibbiltà li Radju Malta 2 isir stazzjon klassiku - 24 siegħa mużika klassika, programmi kulturali u dibattiti *live* mill-parlament. Jien naħseb li l-pubbliku għall-mużika klassika ma jkunx enormi, però, jkun hemm vantaġġ li huwa identifikabbli, jiġifieri, tkun tista' tidentifika s-*segment*, u jekk is-*segment* huwa, ngħidu aħna, 12%, almenu taf li tista' tbiegħ lill-aġenzija tar-reklami dak il-pubbliku identifikabbli li huwa tiegħek u li huwa dejjem miegħek. Dak għalija huwa aspett tal-pluraliżmu li fl-opinjoni tiegħi m'huwiex żviluppat.

**Is-sur Joe Flask:** Jiena naħseb li wieħed mill-argumenti tal-lum kien l-effetti tal-pluraliżmu fix-xandir, mhux dak li kien Xandir Malta jew il-PBS illum. Għaliex ħafna drabi f'konferenzi jew dibattiti bħal dawn, dejjem il-*lupus in fabula* huwa dejjem ix-xandir u speċjalment it-taqsima ta' l-aħbarijiet. Jien ħadt pjaċir almenu li, b'sens veru ta' responsabbiltà, kemm is-sur Flamini u kemm is-sur Azzopardi, semmewna b'ċertu sens tajjeb. Aħna konvinti minn dan u ħadd m'għandu jneħħilna dawn il-

kwalitajiet li għandna aħna. Pero', ngħid li aħna mhux kollox, aħna mhux dejjem, għandna n-nuqqasijiet tagħna, nistgħu noffru u nistgħu nirċievu ħafna.

Dalgħodu, ħlief għas-sur Flamini, il-kelliema l-oħra semmew punti li jirrigwardaw lilhom partikolarment fil-qasam tax-xandir jew minħabba ilmenti jew minħabba problemi oħrajn. Issemma li hawnhekk kulħadd xandar. Jiena jiddispjaċini ngħid, li hija din il-pretensjoni li kulħadd huwa xandar li wasslet li l-effetti tal-pluraliżmu ma bdewx jinħassu. Xi hadd semma il-*phone-ins*. Kont wieħed minn ta' l-ewwel li bdejt din il-biċċa xogħol flimkien ma' Dr Emy Bezzina. U mbagħad meta żviluppajnieha infirxet tant li ħarbet minn idejn in-nies.

Il-pluraliżmu ninsisti li huwa wkoll kwalità. U min jagħmel il-kwalitá jekk mhux dak li huwa professjonalment ippreparat u imdorri jaħdem f'dan ix-xogħol? Ma rrid inneħħi xejn mill-mertu lil ħadd u ma rrid ngħallem lil ħadd in partikolari. Però wisq nibża' li aħna qegħdin nibbadaw għall-kwantità, u rajna li l-effetti tal-problema tar-reklami jistgħu jwasslu biex dan isir effettivament.

Aħna ninsistu fuq il-kwalita`, għaliex ix-xandar veru jista' jwassal verament dik il-kwalita` li l-poplu jixtieq. Minn naħa ta' kull xandar veru hemm din il-kwalita`. Jiena niftakar meta kont żgħir, lis-sur Laurence Mizzi jagħmel il-programmi edukattivi. Forsi llum f'dak morna lura, għax m'għandniex dik il-preparazzjoni. Is-sur Formosa semma t-taħriġ. Kemm insistejna fuq it-taħriġ aħna. L-istess ħaddiema, dejjem insistew biex ikun hemm tahrig u li jixtiequ dan it-tahrig. Jekk ma jkunx hemm taħriġ, insewha, u ma jkun hemm qatt pluraliżmu veru fix-xandir li jispikka speċjalment fil-kwalita`.

**Is-sur Mannie Spiteri:** Il-ħaddiema ta' Xandir Malta huma nies professjonali u ma naħsibx li hawn nies li kellhom l-esperjenza li għandhom huma. Imma qegħdin ngħixu ġo pajjiż li, sfortunatament, meta qegħdin nitkellmu fuq l-effetti tal-pluraliżmu llum, m'aħniex nieħdu in konsiderazzjoni li l-poplu għadu qed jaħseb mhux x'hinu jiġri llum - għadu qed jaħseb x'ġara tlett snin ilu, ħames snin ilu, għoxrin sena ilu, u

allura għadu jħares lejn dak li kien Xandir Malta qabel. Il-poplu l-anqas biss jirrejalizza il-bidla li qed issir; li hemm bidla strutturali; li hemm ħsieb biex ix-xandir innifsu jitpoġġa fuq linji iktar professjonali milli kien s'issa. Il-poplu għadu jħares lejn il-ħaddiem ta' Xandir Malta, sfortunatament, bil-moħħ magħluq li kellu. Għandu timbru, u ma jridx ineħħieh. Din hi r-raġuni ta' dawn il-ħafna mistoqsijiet li saru dalgħodu. Mhux għax in-nies infushom qegħdin jagħmlu xi ħaġa li mhix skond ir-regoli, li m'humiex qegħdin juru l-professjonalità tagħhom, imma huma sempliċement vittmi tal-mentalita` ftit magħluqa li għad għandna f'dan il-pajjiż.

# Ix-Xandir Kompetittiv fis-Settur Privat




## VICTOR FORMOSA
*Station Manager*
*Bay Radio*

Is-Sur Victor Formosa kien wieħed minn ta' l-ewwel li ta l-kontribut tiegħu fis-settur privat fix-xandir hekk kif beda jitħaddem il-pluraliżmu f'Malta. Huwa kien wieħed minn dawk responsabbli għat-twaqqif ta' Radio 101 u kien l-ewwel Manager ta' dan l-istazzjon qabel ma ngħaqad ma' Bay Radio fil-bidu tal-1993. Illum għandu responsabbiltajiet oħra ma' Eden Leisure Group.

Is-Sur Formosa għandu esperjenza konsiderevoli fil-qasam tax-xandir kemm lokali kif ukoll barra minn Malta. Huwa ħadem ma' l-Awtorita` tax-Xandir u ma' l-istazzjon televiziv tax-xandir etniku, *channel 47*, f'Ontario, l-Kanada.

## Victor Formosa

# Ix-Xandir Kompetittiv fis-Settur Privat

F'dawn l-aħħar sentejn saret taqliba sħieħa f'dan is-settur, bħalma aċċenna għaliha s-Sur Flamini, li rat splużjoni sħiħa ta' stazzjonijiet tar-radju. Bit-tibdil riċenti fil-liġi issa nistennew ukoll, nittama b'aktar kawtela u għaqal, taqlib ieħor fis-settur tax-xandir bit-televiżjoni.

Aċċettajt din l-istedina għax nemmen li mhux kollox sejjer tajjeb u dawk kollha nvoluti fix-xandir, kemm minn ġewwa u kemm minn barra, jistgħu jagħtu kontribut pożittiv biex dan l-esperiment fil-pluraliżmu jiġi mgħejjun jirnexxi. Fil-fehma tiegħi, dan jista' jsir billi permezz ta' djalogu bħal tal-lum, niżolaw u nsolvu l-problemi li nħolqu għal diversi raġunijiet. Se niffoka aktar fuq il-qagħda ta' l-istazzjonijiet privati tar-radju għax dik tat-televiżjoni għada sa tibda.

Nitlobkom tippermettuli, madankollu, ftit ħin biex naqsam magħkom esperjenza li kelli f'Toronto, fil-Kanada, fejn ħdimt għal bosta snin ma' l-aktar stazzjon riċenti fix-xena tax-xandir fil-provinċja ta' Ontario. Stazzjon li kien kemm *multicultural* kif ukoll *multilingual.* Meta fetaħ *Channel 47* f'Settembru ta' l-1979 kien ingħata l-aħħar liċenzja li kien baqa' għat-televiżjoni. L-għidut dak iż-żmien kien li kif kien hemm post għal stazzjon ieħor televiżiv u aktar u aktar għal stazzjon etniku li, biex ikompli jgħaxxaqha, kien qed jaqla *affiliate* tan-*network* amerikan CBS li kien ixandar minn Buffalo u li l-*Cable Operator* kien qed iwassal bl-aktar faċilità fid-djar kanadiżi.

Għall-ewwel sentejn, il-pronostiċi donnu li kien se jkollhom raġun. Ftit xhur biss wara li ngħaqadt ma' l-istazzjon, ingħataw il-*layoffs* u min bħali baqa' fil-*manage-ment*, kellu jilbes ħafna kpiepel. Għamilna minn kollox biex inżommu wiċċna 'l fuq mill-ilma. Il-kompetizzjoni kienet qalila ħafna għax waqt li s-CBC kienu qed ixandru

l-aħbarijiet bl-ingliż fis-6.00, aħna konna qed inxandru l-aħbarijiet bil-portugiż. Waqt li stazzjon ieħor kien qed juri *Family Comedy* amerikana popolari, aħna konna qed inxandru l-aħbarijiet bit-Taljan. Konna f'sitwazzjoni fejn ma stajniex nikkompetu bil-programmi u d-dħul kien ġej biss minn intrapriżi u kumpaniji taljani, ċiniżi, griegi u portugiżi li ħassew ċertu affinità ma' l-istazzjon tagħhom.

Id-dipartiment tal-bejgħ tar-reklami kellu speċi ta' *revolving door* u kien hemm żmien meta ma kontx inkun naf min kien qed jaħdem magħna jew kien qed iżurna. Dan kollu, sakemm f'wieħed mill-*management meetings* għidna li ladarba Toronto huwa magħmul minn popolazzjoni fil-parti 'l kbira etnika, għax ma mmorrux għand McDonalds, li sa dak iż-żmien assolutament ma riedx jaf bina, u noffrulu li nagħmlulu r-reklami tiegħu biċ-ċiniż, bit-taljan u bil-portugiż. Wara l-esperiment ma' McDonalds daħlu l-General Motors, Ford, *food stores* u kumpaniji kbar oħra anke nazzjonali kanadiżi.

Fil-qasam tal-programmi morna n-naħa l-oħra. Waqqajna xi 20 siegħa ta' programmi reliġjużi, ta' diversi denominazzjonijiet li kienu jħallsu għall-*airtime* u kienu jipproduċu programmi b'għadd ta' lingwi u allura kienu, u anke l-kontroll tagħhom, jippartjenu għall-stazzjon etniku bħal tagħna. Waqqajna għadd ta' programmi b'lingwi li l-komunitajiet tagħhom f'Ontario kienu zgħar u minflokhom daħħalna programmi amerikani inklużi *soap operas*, li llum qed naraw anke f'hawn Malta, u partiti tal-*football* amerikan li fil-Kanada huma popolari ħafna.

Intant, tlettax-il sena u *takeover* wara, Channel 47 is-sena l-oħra kien ir-raba' stazzjon għal dak li huwa *gross revenue* fil-Kanada kollha wara n-networks ewlenin.

Channel 47 naħseb li huwa eżempju ċar kif fi klima ta' kompetizzjoni sfrenata għall-*viewers* u għad-dollari seta' jħabbatha ma' stazzjonijiet stabbiliti u jikseb is-suċċess li kiseb. Kienet sfrenata imma wkoll regolata għax l-istazzjonijiet kienu jaħdmu taħt l-istess regolamenti u kienu jħaddnu l-istess etika.

Huwa fatt li fl-Amerika ta' Fuq, is-suċċess jew diżastru ta' l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni huwa ddettat mir-riżultati fir-*ratings* li joħorġu minn *surveys* li jsiru f'ċerti perjodi. Niftakarni nistennew bil-ħerqa il-famuż ktieb, ninqaflu fl-uffiċju tal-president, niflu r-riżultati u .... jew nifthu x-xampanja jew nisimgħu litanija ta' kliem ħażin u offiżi kontra kull min ġie dikjarat li kellu parti jew tort minn dik id-disfatta.

Ir-rati tar-reklami fuq kull stazzjon u ta' kull programm li jxandar huwa ddettat minn dawn ir-*ratings*; l-impjieg tad-DJ's u preżentaturi ta' programmi fuq ir-radju huwa ddettat minn dawn ir-*ratings*. Programmi televiżivi jitkomplew jew jitwaqqfu skond ir-riżultati ta' dawn ir-*ratings*. Ma nafx jekk f'dan l-istadju ta' żvilupp ta' dan is-settur hux meħtieġ jew mixtieq li b'xi mod naslu għal din is-sitwazzjoni, imma nixtieq li s-*surveys* lokali li qegħdin isiru bħalissa jiksbu ċerta kredibilità.

Fuq dan nitkellem aktar tard fil-qosor għax ma xtaqtx li nidħol fl-għalqa ta' s-Sur Lawrence Zammit li wara nofsinhar se jitkellem propju fuq is-*surveys* bħala kejl ta' l-udjenzi.

Ngħaddu issa għar-realtà tal-ħajja fix-xena lokali. Jiena nħoss li wara li kważi kull stazzjon għadda mill-ewwel sena ta' xandir, il-*honeymoon* intemm u bdejna naqdfu għal sidirna. Kompetizzjoni...... għas-semmiegħa u għar-reklami. Mill-bidu kien hemm min qal li għaxar liċenzji huma wisq għal biċċa blata ta' tlett mija u sittin elf ruħ. Fil-bidu, kont naħseb li kull stazzjon sata' jsib in-niċċa tiegħu u jiekol u jgħix minn hemm.

Il-lum m'għadnix ta' dik il-fehma, aktar u aktar meta nara aktar stazzjonijiet jinstemgħu l-istess bil-barka jew le' ta' l-Awtorità tax-Xandir.

Jiena ċert li s-suq ma jdumx ma jibda jiddetta n-numru ta' stazzjonijiet li jibqgħu jxandru u nħoss li hija tassew ironija, li meta diġa wasalna f'dan l-istadju, għad baqa' tnejn jew tlett stazzjonijiet oħra bejn il-kwinti lesti biex jidħlu fix-xena.

Din hija sitwazzjoni preokkupanti għall-istazzjonijiet kollha, l-aktar dawk privati, u għalkemm naf li s-sur Brockdorff se jitratta dan is-suġġett mil-lat ekonomiku, ma stajtx ninjora elementi oħra li jistgħu wkoll jimminaw l-iżvilupp ta' dan is-settur.

Punt kruċjali, bħal ma naħseb ġa ndunajtu, għalija huwa l-għadd ta' liċenzji. Dwar dan inkiteb ħafna fil-ġurnali tagħna u kulħadd jidher tal-fehma li għaxar frekwenzi huma ftit iżżejjed. Jiena nħoss li minkejja li l-Liġi dwar ix-Xandir titlob għall-għoti ta' għaxar frekwenzi, (klawsola li setgħet ġiet emendata bħal kull klawsola oħra fil-liġi, proċess li diġa nbeda fil-Parlament) l-Awtorità għaġġlet wisq biex talloka l-għaxar frekwenzi u t-tieni sejħa għall-applikazzjonijiet setgħet ġiet imħollija għal aktar tard.

Hemm min hu tal-fehma li aktar ma' l-istazzjonijiet il-ġodda jiddawwru biex jieħdu l-liċenzja, aktar ikunu żvantaġġjata fil-kompetizzjoni ma' dawk li diġa' bdew ixandru. Min-naħa l-oħra, nħoss li dawk l-applikanti setgħu ddeċidew li jittardjaw l-applikazzjoni tagħhom biex propju jaraw is-sitwazzjoni kif se tiżviluppa.

Jiena jidhirli li fl-istadju li wasalna bħalissa, fejn kull stazzjon qed iqis bir-reqqa l-ispejjeż tiegħu mqabbla mal-potenzjal tiegħu fi dħul mir-reklami, ma kienx hemm lok li tintefa' skorfina oħra fil-magna. Smajt ħafna drabi minn xi politikanti li aħna ninsabu f'ekonomija ta' suq ħieles u għaldaqstant huwa naturali li jibqa' biss min hu l-aktar b'saħħtu. Jiena naħseb li qed nipprovaw nagħmlu xi ħaġa aktar minn hekk. Għax minbarra li kull stazzjon qed jagħmel ħiltu biex jibqa' hemm sal-barkun, globalment hemm ix-xewqa li l-esperiment fil-pluraliżmu f'pajjiżna jirnexxi. Biex jirnexxi rridu nagħtuh il-fertilizzant u arja tajba u mhux ngħarrqulu l-ambjent li jrid jikber fih.

Aktar kmieni, għamilt aċċenn għas-*surveys* u għall-fatt li jidhirli li għad iridu jiksbu ċerta kredibilità. Kredibilità mhux biss kif isiru imma wkoll kif jinqraw u kif jiġu attwati.

Jiena nħoss li s-*surveys* li jsiru minn kull organizzazzjoni għandhom ikunu limitati għal numru żgħir ta' domandi għax il-konċentrazzjoni ta' min qed jiġi ntervistat,

aktar ma jgħaddi żmien, aktar tibda tmajna. Dan joħroġ minn ċerti inkonsistenzi meta wieħed jibda jidħol fid-dettal tal-figuri tad-diversi paġni tas-*surveys*. Kif tispjega l-fatt, per eżempju, li stazzjonijiet li ma jkollhomx *Drama* jew programmi reliġjużi jkollhom figuri li għandhom semmiegħa għal dan il-generu ta' programmi? Wieħed jista' jgħid li dan huwa riżultat ta' nuqqas ta' assoċjazzjoni bejn il-programm u l-istazzjon, u l-parteċipanti riedu jgħidu stazzjon u mhux ieħor. Jekk inhu hekk, sakemm wieħed jista' jgħid li huma kredibbli l-figuri globali għal kull stazzjon?

Mil-lat ta' qarrej ta' dawn is-*surveys* għal skopijiet kummerċjali, jien nixtieq li l-ewwelnett tintuża metodoloġija waħda bl-istess kriterji bażiċi. Biex jien inkun nista' npoġġi riżultat ta' *survey* ħdejn dak ta' oħra u nirrelathom. Irid inkun f'qagħda li nipparaguna laring ma' laring u tuffieħ ma' tuffieħ. S'issa, nħoss li l-indikazzjoni jew it-*trend* ġenerali qiegħda hemm. Imma meta tiġi biex taħdem fejn tlift, fejn iggwadanjajt, liema etajiet, liema ħinijiet tal-ġurnata, liema gruppi soċjo-ekonomiċi, hemmhekk inħoss qed tibda l-konfużjoni. Forsi neħtieġ kors biex naqra aħjar dawn il-messaġġi, imma rrid nistqarr li s'issa kull meta pprovajt nidħol fil-*cross tabbing* ta' uħud mis-*surveys* ma sibtx ħlief konfużjoni u *loose ends*.

Dawn is-*surveys* ma jsirux b'xejn u l-istazzjonijiet iridu jħallsu biex jiksbu kopja tar-rapport u bir-raġun irridu li nasru kull informazzjoni minnhom li tkun ta' ħtieġa jew li tagħti indikazzjoni lill-istazzjonijiet.

La qegħdin fuq is-*surveys* u kemm jiswew biex isiru, irrid naċċenna għal parti oħra mil-liġi tax-Xandir li titlob li kull stazzjon jagħmel *survey* kull sena. Ħa nitkellem dwar numri biss. F'sena waħda bejn stazzjonijiet, l-Awtorità u aġenziji li xogħolhom hu li jagħmlu dan l-istħarriġ, jibda jkollna madwar erbatax-il *survey*, medja ta' aktar minn wieħed fix-xahar bi spiża ta' bejn tmienja u għoxrin elf u tnejn u erbgħin elf lira fis-sena jiddependi kemm is-*surveys* ikunu kkomplikati.

Naturalment, kull stazzjon jagħżel il-prijoritajiet tiegħu f'*survey* li jħallas għalih hu. Jekk il-memorja sservini tajjeb, kull stazzjon li għamel *survey* għalih f'din l-aħħar sena, kiseb l-akbar numru ta' semmiegħa.

Naħseb li ħafna minnkom preżenti jafu li bejn l-istazzjonijiet, għalkemm mhux kollha, twaqqfet assoċjazzjoni msejjħa AIRCO (Association of Independent Radio Companies). Fi ħdan din l-assoċjazzjoni saru u qed isiru diskussjonijiet biex bejniethom jagħmlu *survey* nazzjonali u minbarra li jitnaqqsu l-ispejjeż tiġi evitata aktar konfużjoni ta' *surveys* u figuri.

F'suq kompetittiv, għandna bżonn ta' dawn is-*surveys*. Żgur ma nifilħux għal ħafna, imma ftit, f'diversi perijodi tas-sena li jagħtu żvog għal studju serju tas-sitwazzjoni. Ma rridux ninsew li dawn is-*surveys* diġa' bdew jinfluwenzaw, bħal barra, it-tip ta' programmi kif ukoll id-dħul mir-reklamar. Kif tistgħu tifhmu, dawn l-effetti jistgħu jkunu pożittivi kif ukoll negattivi u jolqtu lill-istazzjonijiet b'mod differenti minn xulxin.

Ma ridtx ninstema pessimist iżżejjed, imma xtaqtkom tippermettuli nittratta aktar dwar il-problemi li l-istazzjonijiet qed iħabbtu wiċċhom magħhom f'din il-klima ta' kompetizzjoni. Inħoss li f'seminar bħal tal-lum għandi niġbed l-attenzjoni għalihom. Se nittrattahom mhux neċessarjament fi kronoloġija ta' mportanza.

Nerġa' lura għall-AIRCO li għadni kif semmejt. Rappreżentanti ta' l-istazzjonijiet li kellhom liċenzja f'dak iż-żmien, kellhom żewġ laqgħat mal-Ministru Michael Frendo, l-ewwel waħda fuq l-inizjattiva tiegħu, l-oħra fuq talba ta' l-assoċjazzjoni. Fiż-żewġ laqgħat inħoss li ħareġ ċar daqs il-kristall li problema serja f'għajnejn diriġenti ta' l-istazzjonijiet kollha kien dak tal-Master Antenna. L-użu komuni tat-torri tal-Għargħur u s-sehem b'xiri ta' ishma fil-kumpanija magħrufa bħala Master Antenna kienu kundizzjonali għall-ħruġ ta' liċenzja bħalma kien il-ħlas ta' ħamest-elef lira fis-sena lill-Awtorita' u ħlasijiet oħra lill-Wireless Telegraphy għal kull frekwenza wżata.

Meta poġġejna madwar mejda, sibna li bejn il-ħlasijiet lill-Awtorità u ħlasijiet lill-Master Antenna inkluż pagament lill-Enemalta konna qed nitkellmu b'madwar tnax-il elf lira fis-sena, jekk mhux aktar ukoll. Saru aktar taħdidiet informali, na nafx jekk jistgħux jitqiesu uffiċjali, ma' wieħed mill-awdituri ta' Master Antenna biex b'xi mod jinstab mezz kif jitnaqqas dan il-piż. Sal-lum għadna ma nafu xejn, għalkemm

titkellem ma' min titkellem issib min jifhem li l-qagħda teħtieġ li tirranġa ruħha. Ix-xewqa ta' l-istazzjonijiet hi li jħallsu *a user's fee* raġjonevoli għall-użu tal-faċilitajiet tal-Għargħur. Użu li qed jinqasam mat-Telemalta, PBS, Telecell u oħrajn li, madandkollu, ma jidhirlix li ġew mitluba jkunu parti minn Master Antenna bħall-istazzjonijiet tar-radju. Inħoss li bi ftit rieda tajba u għarfien tas-sitwazzjoni tista' tinstab soluzzjoni ġusta.

L-AIRCO hija konxja wkoll li s-settur tax-xandir jeħtieġ taħriġ kontinwu f'kull qasam tiegħu u qed isiru kuntatti bil-għan li dan it-taħriġ isir f'Malta b'mod li jinqasmu wkoll l-ispejjeż li tapprezzaw li m'humiex żgħar. It-taħriġ professjonali fil-mezzi ta' komunikazzjoni f'pajjiżna huwa limitat ħafna. L-Università tagħmel kors ta' tlett snin f'*Communication Studies*, iżda' fl-imgħoddi jidhirli li l-parti 'l kbira ta' dawk li spiċċaw il-kors ma għażlux impieg fix-xandir.

Hawn nuqqas kbir ta' nies speċjalizzati fl-amministrazzjoni, fil-programmi, fil-bejgħ tar-reklami u fil-qasam tekniku li jwassal għal ċaqlieq ta' mpjegati minn stazzjon għall-ieħor. Dan fih innifsu ma fih xejn ħażin ħlief li jwassal għal żidiet f'salarji, pagi jew ħlasijiet oħra għal talent. Jekk u meta jkun hawn *supply* deċenti ta' nies imħarrġa biżżejjed fid-diversi oqsma, allura anke l-ħlasijiet tagħhom jistgħu jsibu stabilità ibbażata fuq il-ħila w esperjenza u mhux iżjed fuq l-għatx għalihom.

Problema oħra hija l-ipprogrammar ta' l-istazzjonijiet. Kull stazzjon, fl-applikazzjoni tiegħu lill-Awtorità, spjega b'mod ġenerali x'format se jieħu u, fid-dettal, x'tip ta' programmi kien se jxandar fis-sebat ijiem tal-ġimgħa. Wieħed ma jistax ma jinnotax li għadd ta' stazzjonijiet ħassew il-ħtieġa li jibdlu, f'għamla jew oħra, l-format oriġinali tagħhom u nħoss li wħud minnhom bdew jinstemgħu l-istess. Dawk l-istazzjonijiet, bħal Bay Radio, li applikaw u ġew liċenzjati biex ikunu stazzjonijiet mużikali qed isibuha aktar diffiċli biex jidentifikaw il-prodott tagħhom mas-semmiegħa. L-Awtorità jeħtieġ li tgħarbel sewwa kull talba li ssir għal tibdil fil-format ta' stazzjon jew ieħor biex ma jixxekkilx il-progress ta' dawk li mill-ewwel iddikjaraw li riedu jużaw it-tali format.

Il-liġi titkellem dwar tlett stazzjonijiet mużikali u seba' oħra bi programmi varji nkluża l-mużika. "Il-kemm" mużika mhix definita fil-liġi u nħoss li *guidelines* dwar dan mill-Awtorità huma meħtieġa .... malajr kemm jista' jkun. Forsi qabel ma jkun tard wisq.

Fit-taqtiegħa għas-semmiegħa fid-diversi gruppi ta' etajiet, l-istazzjonijiet qed jiddiversifikaw il-programmi tagħhom bl-iskop li jolqtu sezzjoni aktar minn oħra, jew aktar sezzjonijiet. Ma rridx nagħti l-impressjoni li m'għandux ikun hemm tibdil staġjonali fl-iskedi tal-programmi jew tibdil ieħor minħabba li programm jew ieħor ma jkunx intlaqa' tajjeb. Xejn minn dan. Huwa t-tibdil tal-format in ġenerali ta' l-istazzjon li nħoss ser joħloq problemi. Ma kienx ikun daqstant inaċċettabbli li kieku l-Awtorità għamlet u qed iżżomm mal-parametri kundizzjonali li għamlet fuq l-għoti tal-liċenzja.

Fil-Kanada, il-Canadian Radio and Television Commission (CRTC fil-qosor) tagħmel *Public Hearings* kull meta jkun hemm talba minn stazzjon biex jibdel il-format tiegħu. Għal dawn il-laqgħat, minn ġimgħat qabel, is-CRTC tagħmel pubblika t-talba ta' l-istazzjon konċernat u titlob sottomissjonijiet favur jew kontra dawn it-tibdiliet mill-partijiet interessati kif ukoll minn ċittadini normali. Dawn is-sottomissjonijiet isiru bil-miktub u tista' ssir talba biex l-intervent, ta' dak li jkun, isir waqt il-laqgħa proprja. Wieħed mill-membri tas-CRTC jinhatar *Chairman*, flimkien ma' żewġ membri oħra, u xogħolhom ikun li jisimgħu n-naħat kollha biex imbagħad jagħmlu rapport bir-rakkomandazzjonijiet tagħhom lis-CRTC, li allura tagħti deċiżjoni finali.

Din is-sistema toħloq ċerta trasparenza imma, fuq kollox, tgħin lill-Kummissjoni tevalwa aħjar il-kontra u l-favur għat-tibdil li jkun intalab. Nagħti eżempju. Ikollok stazzjon li ngħata liċenzja biex ixandar mużika *Country & Western* 24 siegħa kuljum. Wara sena, sentejn, il-*management* jiddeċiedi li jiddiversifika jew ibiddel għal kollox il-format tiegħu. Il-proċess tal-bidla, jekk approvata, jibda ma' l-wasla ta' l-ittra formali lis-CRTC. L-Kummissjoni tagħmel sejħa għall-interventi. Il-possibbiltà hi li dawn isiru minn stazzjonijiet oħra li jħossu li se jintlaqtu bit-tibdiliet mitluba u minn semmiegħa dilettanti ta' dak il-ġeneru ta' mużika li jibżgħu li se jiġu mċaħħda milli jisimgħu mużika li jħobbu jisimgħu.

Wieħed ma jridx jinsa li oriġinarjament l-hekk imsejjħa *Promise of Performance* lis-CRTC kienet għal 24 siegħa ta' mużika *Country & Western*. Barra minn hekk kienet is-CRTC stess li tkun għamlet sejħa għal applikazzjonijiet għall-ftuħ ta' stazzjon ieħor biex ixandar dak it-tip ta' mużika fuq dik il-frekwenza. Id-deċiżjoni finali tittieħed mis-CRTC wara li tkun semgħet in-naħat kollha u wiżnet l-importanza ta' l-interventi.

Jidhirli li f'Toronto, per eżempju, il-liċenzji għal stazzjonijiet mużikali, u fil-parti l-kbira huma stazzjonijiet mużikali, kienu jikklassifikaw it-tip ta' mużika li l-istazzjon jista' jdoqq. Dan isir biex fuq id-*dial* tas-sett tiegħek, rari jkollok żewġ stazzjonijiet idoqqu l-istess mużika. Xi ftit *overlap* naturalment ikun hemm għax ċerti diski jaqgħu taħt diversi kategoriji imma dan huwa persentaġġ żgħir ħafna u bl-ebda mod ma tista' titfixkel stazzjon ma' ieħor. Jiena nħoss, għalhekk, li d-diversità fil-format ta' l-istazzjonijiet għandha tinżamm u l-Awtorità trid tiġġustifika il-*fiat* tagħha għal tibdil li jintalab li jista' jkollu konsegwenzi fuq stazzjonijiet oħra.

Ngħaddi issa għall-aħħar punt li ridt inqajjem. Ħallejtu għall-aħħar għax inħoss li huwa l-aktar wieħed serju u suwiċidali. Qed ngħid għar-rati tal-bejgħ tar-reklami. Jiena qatt ma kont nobsor li s-sitwazzjoni tal-bejgħ tar-reklami se tiddeġenera daqshekk u daqshekk malajr. Jien kont wieħed minn dawk li deherli li r-rati oriġinali kienu għoljin u riedu jaġġustaw ruħhom skond kif jitlob is-suq. Jiena kont ukoll tal-fehma, madankollu, li r-rati għandhom ikunu sagrosanti bħalma huma fil-gazzetti. Jumejn ilu għamilt telefonata lill-gazzetti u tlabt il-prezz ta' strip ta' sitt ċentimetri fuq ħames kolonni. Il-prezz huwa l-istess għall kulħadd sa l-inqas ċenteżmu.

Mill-bidu nett kien hemm iċ-ċaqlieq fir-rati skond min ikun ibiegħ, skond kemm hija twila l-kampanja tar-reklami u allura l-valur globali tagħha, skond kemm kien kapaċi jiġġebbed il-klijent u skond ħafna affarijiet oħra. Huwa fatt li r-rati kienu u huma qishom tal-lastiku jiġġebbdu skond iċ-ċirkostanza.

Din il-qagħda wasslet għal sitwazzjoni fejn kemm il-klijent kif wkoll l-aġenziji tar-reklamar, mhux neċessarjament f'din l-ordni, ħadu vantaġġ bil-kbir mill-kompetizzjoni

sfrenata bejn l-istazzjonijiet biex jiġġebbdu aktar. Huwa fatt li l-aġenziji tar-reklamar jgħixu mill-kummissjoni fuq it-total ta' bejgħ u allura huma m'għandhomx interess li r-rati jinżlu. Ħafna minnhom jafu, madankollu, li aġenziji minnhom stess qed jiġru wara klijenti ġodda bl-għajta li jistgħu jiksbu rati aħjar għall-klijent.

Jiena ċerti li kull stazzjon xi darba jew oħra, b'mod jew ieħor lagħab bil-prezzijiet. Jien ħati ta' dan kull meta tajt il-permess lis-*sales executives* tiegħi jirreaġixxu bl-istess prezzijiet li offrew jew aċċettaw stazzjonijiet oħrajn. Iżda' l-istazzjonijiet ħolqu sitwazzjoni għalihom infushom, forsi għal kulħadd għalkemm mhux kulħadd fl-istess livell, li minnha se jkun diffiċli li joħorġu.

Jiena nemmen f'relazzjonijiet tajba ma' l-aġenziji tar-reklamar forsi wkoll għax naf li huma qegħdin f'pożizzjoni li jikkontrollaw il-*budgets* tal-klijenti tagħhom. Aktar minn hekk, għax naċċetta li huma parti mis-sistema bħalma huma r-*Real Estate Agents* u l-*Insurance Brokers*. Huwa daqstant fatt, madankollu, li mhux kollha jirreċiprokaw din ir-relazzjoni. Ma xtaqtx niġġeneralizza u f'sitwazzjoni bħal-lum, lanqas nixtieq nispeċifika. Imma hawn aġenziji li ma jaħdmux għall-kummissjoni tagħhom u jippretenduha. Hawn aġenziji li qed jagħtu pariri ħziena lill-klijenti tagħhom u qed jgħidulhom biex jevitaw li jirreklamaw fuq ir-radju għax hawn wisq stazzjonijiet. Hawn aġenti li qed iħeġġu l-klijenti tagħhom iħassru kuntratti ffirmati. Dawn, fil-fehma tiegħi, qed jaħarbu biss mir-responsabbiltajiet tagħhom u minbarra li m'humiex jagħtu servizz lill-klijent tagħhom, qed jagħmlu ħsara lill-istazzjonijiet.

Hawn min forsi jgħid li l-aġenti tar-reklamar għarfu jisfruttaw sitwazzjoni mħawwra mill-istazzjonijiet infushom għall-ġid tal-klijenti tagħhom. Nibża' wisq li nbeda proċess, li wħud minnhom jammettu u oħrajn le, fejn l-aġenti li xogħolhom primarjament huwa wieħed ta' konsulenza, se jibdew iwarrbu r-radju bħala mezz ta' reklamar minkejja li jafu daqsi li l-ebda mezz wieħed ta' komunikazzjoni sew jekk huwa t-televiżjoni, sew jekk huma l-gazzetti jew ir-radju, ma jista' jilħaq lil kulħadd f'medda waħda. Wieħed jikkumplimenta lill-ieħor u mingħajr ma nidħol fil-mertu ta' prijoritajiet ma nemminx li r-radju għandu jiġi njorat. Altru li le!

Jeħtieġ li jsir studju serju u bir-reqqa bejn it-tmexxija tal-istazzjonijiet tar-radju minn naħa 'l waħda u l-aġenti tar-reklamar minn naħa 'l oħra bil-għan li jintlaħaq kompromess fuq bażi professjonali li jelimina kemm huwa umanament possibbli din il-qagħda li ż-żewġ naħat żgur m'humiex kuntenti biha.

Jiena ma nħossx li għandi xi dritt li nippontifika kif għandu jitmexxa kwalunkwe stazzjon għax dan mhux kompitu tiegħi. Imma nħoss li għandi kull dritt li ngħid li dan it-tip ta' logħob bir-rati m'huwa ta' l-ebda ġid għall-istazzjonijiet individwalment u għas-settur in ġenerali.

Minbarra li rridu nikkumbattu l-mentalità ġdida jew *rethinking* mill-klijenti, wara n-nefqa li għamlu fir-reklamar fl-ewwel sena, issa nħoss li qed ikollna nikkumbattu kontra n-nuqqas ta' kredibilità li bdiet timmina dan is-settur. Kif tista' tispjega, jistaqsi klijent, li trid tbegħli, ngħidu aħna, reklam ta' 30 sekonda bi tmin liri meta ħaddieħor qed ibiegħhom bil-lira? Kif jista' jkun din id-differenza kollha? Mela mhux it-tnejn stazzjonijiet tar-radju?

Id-differenza m'hinix lest li nikkummenta dwarha hawnhekk. Nittama li għad jasal iż-żmien, forsi mhux fil-bogħod, meta kemm il-klijent kif ukoll is-semmiegħ japprezzaw id-differenza. Għandna stazzjonijiet, anzi l-parti 'l kbira tagħhom, li bnew struttura professjonali kemm mil-lat tekniku kif ukoll mil-lat amministrattiv u produttiv. Daħlu għal responsabbiltajiet finanzjarji mhux żgħar biex jagħmlu dan. Dawn ir-responsabbiltajiet finanzjarji jeħtieġu minimu ta' dħul u anqas minn hekk mhix ħlief riċetta għal diżastru.

Għandna wkoll stazzjonijiet li għadhom ma jridux jifhmu li, bħalma rnexxielhom jagħmlu l-gazzetti qabilna, jista' jirnexxielna aħna wkoll. Ma nħossx li fis-sitwazzjoni preżenti din hija prerogattiva imma ħtieġa mmedjata biex nibagħtu messaġġ lill-klijenti u lill-aġenziji tar-reklamar li aħna professjonali u li magħhom irridu naħdmu id f'id. Il-kompetizzjoni għandha twassal għal titjib fil-prodott, iżda' bħalissa mexjin fid-direzzjoni opposta.

Ma rridux ninsew ukoll li l-istazzjonijiet privati jinsabu fi żvantaġġ għal dik li hija kompetizzjoni mill-istazzjonijiet taż-żewġ partiti. Bosta klijenti jħossu l-ħtieġa li jibbilanċjaw ir-reklamar tagħhom fuq dawn l-istazzjonijiet. Dan jirriżulta f'inqas infieq fuq stazzjonijiet privati u jagħmilha aktar diffiċli għalihom biex ikomplu jipprovdu l-aħjar prodott għas-semmiegħa tagħhom. L-istazzjonijiet privati huma kommessi li jipprovdu s-servizz li ħarġu biex jagħmlu imma mhux akkost ta' telf kontinwu.

Ħadd ma jista' jiċħad li f'każi fejn id-dħul jaqa' f'livelli baxxi, dak li jkun se jkollu jibda jdur madwaru u jibda jnaqqar minn dawk is-servizzi li huma biss sors ta' nfieq mingħajr introjtu għall-istazzjon. Forsi ma jwaqqafhomx kompletament, imma jagħmilhom għax bilfors għad-detriment tal-kwalità fix-xandir in ġenerali.

Naħseb li kieku kelli niffoka fuq x'għandu jsir f'din il-klima ta' kompetizzjoni li dħalna għaliha u qegħdin fiha, fil-fehma umli tiegħi, inħoss li jkolli nibda minn dak it-tibdil li għandu jsir fil-liġi u li aċċennajt għalih aktar kmieni li jnaqqas l-ispejjeż żejda għall-istazzjonijiet. Spejjeż li jistgħu jiffinanzjaw proġetti jew sorsi ta' programmi oħra. Jeħtieġ ukoll li l-liġi tkun l-istess għal kulħadd u tiġi applikata l-istess ma' kulħadd.

Inħoss li l-Partit Laburista kien jikseb ftit punti li kieku minflok għaġġel biex iressaq l-emenda meħtieġa biex jiftaħ stazzjon tat-televizjoni, stieden l-ewwel lir-rappreżentanti ta' l-istazzjonijiet biex jissuġġerixxu emendi oħra għal-liġi li jolqtu lix-xandir bir-radju. Forsi d-dibattitu fil-Parlament kien jieħu ftit iktar żmien, imma kien jinbeda proċess li bħalissa nistgħu biss nitkellmu dwaru u min jaf kemm se ndumu aktar.

Punt ieħor huwa li l-Awtorità tħares bir-reqqa kollha d-diversità li l-liġi titlob li għandu jkun hemm bejn l-istazzjonijiet; li tara li jinżammu l-wegħdiet li saru fit-talba għall-għoti tal-liċenzja u jiena nħoss li għandha wkoll tgħin, minkejja li mhix mitluba mil-liġi, biex ikun hawn arja nadifa ta' kompetizzjoni b'ċerta etika u professjonalità. Punt ieħor huwa l-ħtieġa ta' koordinament bejn is-*surveys* biex jiswew ta' gwida u jwasslu għal titjib fil-programmi għas-servizz tas-semmiegħa.

Fl-aħħarnett, imma mhux l-inqas, inħoss li għandu jsir studju urġenti tas-sitwazzjoni fil-bejgħ tar-reklami li qed toħnoq is-sors tad-dħul li minnu jiddependi s-suċċess finanzjarju ta' l-istazzjonijiet tar-radju li kulhadd jixtieq.

Illum għandna naħtfu l-okkażjoni biex nimmodifikaw skond il-ħtieġa l-istruttura li bħalissa qed noperaw fiha. Din m'hijiex kwistjoni, bħalma qaluli xi wħud, li rridu nbiddlu r-regolamenti tal-logħba. Ma nistax ma nappellax biex naġixxu fuq il-punti li qajjimt dalgħodu, għallinqas dawk li naqblu dwarhom, biex sew il-Gvern, l-Awtorità kif ukoll l-istazzjonijiet privati u aġenziji tar-reklamar flimkien jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-parti tagħhom. Naġixxu biex nipprovdu ambjent regolat u b'saħħtu ta' kompetizzjoni li għandhom iwasslu biex ix-xandir f'Malta jieħu r-ruħ u jipprovdi pluraliżmu mhux biss fin-numru imma fid-diversità ta' programmar professjonali.

Forsi għadu mhux tard wisq!

# DISKUSSJONI

**Is-sur Richard Matrenza:** Nixtieq nagħmel domanda lis-sur Formosa. Nixtieq insaqsieh fuq il-paragrafu interessantissimu fuq l-emenda li ressaq il-Partit Laburista. Qabel ma qanqala hawnhekk, lill-Partit Laburista fil-pożizzjoni tiegħu ħass li għandu jagħmillu rimarka? Jew użaha illum biss l-ewwel darba f'din il-konferenza?

**Is-sur Victor Formosa:** Nirrispondi onestament li jien ma kelli l-ebda ħsieb li nagħmel kuntatt mal-Partit Laburista biex nara jekk hux ser iressqu xi emendi għall-Liġi. Però, nixtieq nagħmel punt mil-fatt li Radio Super One, li huwa tal-Partit Laburista, għandu l-istess problemi li għandu Bay Radio u l-istazzjonijiet l-oħra *vis-a-vis* il-Master Antenna.

Kont naħseb li kien iktar prudenti li l-Partit Laburista jew it-tmexxija tar-Radio Super One, iressqu l-ilmenti lill-Partit Laburista biex flimkien jagħmlu talba għall-emendi li forsi kienu jkunu ta' ġid għall-istazzjonijiet kollha. L-emenda tant saret imgħaġġla li l-anqas kellna ċans li nirrejaġixxu. Imma internament it-tmexxija tar-Radio Super One kienu jafu li din l-emenda ser titressaq, u setgħu ħadu l-opportunita` huma biex iressqu l-ilmenti li huma problemi tagħhom bħal ma huma problemi tagħna.

**Is-sur Lino Farrugia:** Irrid ngħaddi kumment zgħir, għaliex, ovvjament, mit-tlett kelliema li tkellmu, wieħed ma jridx jieħu l-impressjoni li x-xandir huwa politika, mużika u flus. Ix-xandir għalija huwa ukoll mezz ta' edukazzjoni; huwa mezz ta' kultura; huwa mezz kif aħna l-Maltin nikkomunikaw bejna nfusna u forsi ngħollu l-livell mentali tagħna stess. Huwa mezz kif il-kultura tagħna timxi iktar il-quddiem, u hawnekk, nixtieq nieħu l-opportunita`, biex infakkar u nsellem lil bniedem li għadu kemm telaq li ta ħafna għall-kultura Maltija - Francis Ebejer.

Ħaġa oħra li nixtieq li nsemmi, jiena bħala *advertising agent*, qegħdin f'sitwazzjoni li ħolquha l-istazzjonijiet tar-radju stess. Ikollok klijenti li jaħdmulek ma' l-*advertis-*

*ing agency* u jiġri x'jiġri dejjem għaddejjin, u għandek klijenti oħrajn li meta iċemplilhom xi stazzjon tar-radju partikolari dawn f'daqqa waħda jiġu offruti rati u kondizzjonijiet differenti. U x'ġara? Meta l-klijenti imbagħad bdew jiffaċċjaw sitt stazzjonijiet tar-radju f'daqqa, kellhom bilfors jerġgħu imorru lura għand l-*advertising agent*.

U hawnhekk fejn bdiet il-konfuzjoni li bl-ebda mod ma nemmen li bdieta xi *advertising agency* partikolari. Il-konfuzjoni sfortunatament bdewa ċerti individwi li jaħdmu ma' l-istazzjonijiet tar-radju u li kienu qegħdin jipprovaw ibiegħu xi ftit *advertising spots* direttament u jaqtgħu il-prezzijiet. Imma, bl-ebda mod ma nemmen li aħna, bħala *advertising agency*, u sħabi wkoll, għamilna affarijiet li b'xi mod jew ieħor setgħu iweġġgħu lil xi stazzjon tar-radju partikulari.

**Is-sur Victor Formosa:** L-ewwel punt huwa fuq l-*advertising agents*, li rrifera għalih is-sur Lino Farrugia: jiena ngħid b'wiċċi 'l quddiem li dejjem ħassejt mill-bidu nett li r-relazzjonijiet ma' l-*advertising agents* għandhom ikunu mill-aħjar. Għaliex huma parti mis-sistema u dejjem ħadta kontra dawk li ppruvaw iwarrbu l-*advertising agents* minn nofs biex iħaffu l-proċess mal-klijent. Però, jekk tkun trid lista ta' l-*advertising agents* ta' dawk li jabbużaw, u ta' dawk li semmejt, nagħtihomlok u ngħidlek min kienu, u meta kienu iċ-ċirkustanzi.

**Is-sur Lou Bondì:** Xtaqt insemmi xi ħaġa li tikkonċerna lili direttament mill-paper tas-sur Formosa. Is-sur Formosa kien l-uniku wieħed li għalija poġġa l-affarijiet f'perspettiva fis-sens li l-iktar ħaġa importanti kienet l-kwistjoni ta' mużika. Id-diffikulta` li kellha l-Awtorità tax-Xandir meta kienet qegħda tagħti il-liċenzji hija li ħalliet il-kelma mużika fuq livell ġeneriku. Jiġifieri, kull ma ridt tagħmel fl-applikazzjoni huwa li tispeċifika li ser idoqq il-mużika, u tagħti proporzjon tagħha fil-kontenut globali. Aħna bħala Radio 101 hekk għamilna u tista' tgħid li l-format tagħna ma biddilnihx mill-bidu sal-lum, u l-anqas għandna ntenzjoni li nbiddluh.

Imbagħad is-sur Formosa għamel il-proposta kif qiegħda fil-Kanada, fejn inti

għandek mhux biss stazzjonijiet mużikali imma anki speċjalizzati fit-tip ta' mużika li jdoqqu. Id-diffikulta` li nara f'dik il-proposta hawn Malta hija li s-suq huwa żgħir wisq. Jekk stazzjon ser idoqq *Country and Western* biss, lil dak l-istazzjon diġa għandu sarima finanzjarja li diffiċli joħroġ minnha għaliex dik il-mużika hija speċjalizzata wisq. Id-diffikulta` li għandna hija li issa għandna ħames stazzjonijiet mużikali u l-kompetizzjoni ma naħsibx li tista' tirrisolvi ruħha b'dak il-mod.

**Is-sur Victor Formosa:** Meta semmejt is-CRTC u s-sistema tal-istazzjonijiet f'Toronto ma ridtx ngħid li dik hija sistema li għandha tkun hawnhekk, imma aċċennajt għaliha għall-fatt li kull meta stazzjon ried ibiddel il-format tiegħu, kellu jgħaddi mill-proċedura li is-CRTC tapprovah. Ma rridux ninsew però li l-liġi tagħti biss liċenzja għall-tlett stazzjonijiet mużikali u mhux għal ħamsa.

**Is-sur Richard Matrenza:** Nixtieq kumment mingħand is-sur Formosa. Nixtieq insaqsih jekk qabel, sew peress li kien involut fuq ir-Radio 101 u issa fuq il-Bay Radio, jekk qabel infetħu l-istazzjonijiet tar-radju sarx xi studju biex jagħti indikazzjoni jekk dawn l-istazzjonijiet humiex vijabbli meta jibdew joperaw.

**Is-sur Victor Formosa:** Dwar jekk sarux studji qabel ma twaqqfu l-istazzjonijiet. Jien rajt studji. Però, ma rridux ninsew il-fatt li qabel saru l-istudji, kien hawn stazzjon tar-radju wieħed. Minkejja li kien hemm Radju Malta bejn l-1973 u l-1975 li tmexxa mill-Awtorità, dak l-istazzjon, sa fejn naf jien, ma kienx ekonomikament vijabbli. Jiġifieri, min għamel l-istudji f'dak iż-żmien ma ħax in konsiderazzjoni xi riżultati li setgħu nkisbu minn Radju Malta dak iż-żmien *vis-a-vis* il-finanzi. Jiġifieri, minkejja l-istudji kollha li saru, xorta kienet qabża fid-dlam għal ħafna, jekk mhux għall-istazzjonijiet kollha. Studji saru naturalment, imma fl-għonq tat-triq marru żmerċ.

## Ilmenti kontra l-Mezzi tax-Xandir




JOSEPH AZZOPARDI
*Uffiċjal għall-Media,*
*Alternattiva Demokratika*

Is-Sur Joe Azzopardi kien midħla sewwa tax-xandir u jibqa partikolarment magħruf għall-produzzjoni satirika tiegħu "Aħna Aħna Jew M'Aħniex:?" fuq *Television Malta.*

Is-sur Joe Azzopardi kien sa ftit ilu responsabbli għar-relazzjonijiet għall-Media ta' Alternattiva Demokratika - il-moviment relattivament riċenti fil-qasam politiku Malti. Illum għandu responsabbiltajiet oħra fil-Partit. Is-sur Joe Azzopardi huwa għalliem fil-Kulleġġ Santu Wistin.

## Joseph Azzopardi

# Ilmenti kontra l-Meżżi tax-Xandir

Mentalità *Stereo*. Anke jekk wieħed jew waħda kellhom jaraw il-programm ta' dan is-seminar li organizzat l-Awtorità tax-Xandir, mill-ewwel tidher il-mentalità "*stereo*" li għadha tiġri fl-imħuħ ta' wħud mill-membri tagħha. Jiena ġejt mistieden biex nitkellem waħdi dwar "*L-Ilmenti kontra l-mezzi tax-Xandir*". Aktar tard fil-programm, ser jkun hawn żewġ rappreżentanti tal-partiti tradizzjonali li se jiddiskutu bejniethom. Bejn tnejn għax bejn tlieta mnejn sa fejn?

F'dan is-seminar ukoll, l-Awtorità tax-Xandir naqset li tistedinna biex inkunu fuq il-panel mal-partiti tradizzjonali. Dan kien u għadu wieħed mill-ilmenti konsistenti tagħna. Aħna nħossu li għandna nkunu preżenti maż-żewġ partiti l-oħra biex niddiskutu flimkien magħhom. Din hija t-talba li aħna dejjem għamilna mal-Awtorità tax-Xandir. Ir-risposta tal-Awtorità dejjem kienet li l-Partiti tradizzjonali (jiġifieri l-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista) joġġezzjonaw bil-qawwa kollha għall-preżenza tagħna flimkien magħhom. Nista' nifhem għaliex il-Partiti tradizzjonali joġġezzjonaw għall-preżenza tagħna iżda ma nifhimx kif l-Awtorità tagħżel li toqgħod għall-insistenza tagħhom.

L-eżempju tas-seminar tal-lum huwa biss indikazzjoni ta' din il-mentalità *stereo*. Jekk naraw, per eżempju, l-editorjal ta' In-Nazzjon Tagħna illum stess: l-editorjal jibda "Il-lejla dwar l-effetti tal-pluraliżmu". Ser jitkellmu fuq il-lejla għax il-lejla ser jitkellmu l-partiti politiċi. Jekk naraw id-diskors li mistenni jagħmel Dr Austin Gatt: "It-tnejn li aħna għandna l-gazzetti u r-radjijiet tagħna. It-tnejn ngħażlu kuljum l-aħjar u l-aktar importanti li nirrappurtaw". It-tnejn li aħna. Kollox fi tnejn.

Ma tridx tkun tifhem wisq fix-xandir biex tintebaħ bil-vantaġġi li l-partiti tradizzjonali jkollhom meta jkunu qed jiddiskutu bejniethom fuq il-mezzi tax-Xandir. Waqt id-diskussjoni bejn iż-żewġ partiti, l-udjenza tal-partit oppost tibqa' ssegwi biex tara kif se jirrispondu tan-naħa l-oħra. B'hekk l-udjenza tkun ferm akbar u l-partiti jkunu jistgħu jilħqu l-udjenza li ma taqbilx magħhom. Barra min hekk, fil-*media* hemm l-effett tal- immedjatezza: li tirreaġixxi dak il-ħin. Dan huwa wieħed mill-iżvantaġġi meta kemm fuq ix-Xandir tal-Istat kif ukoll fuq xi radjijiet imsejħa privati, Alternattiva ma tkunx mistiedna biex tipparteċipa flimkien maż-żewġ rappreżentanti tal-partiti tradizzjonali.

## ELEZZJONI

Bl-introduzzjoni tar-radjijiet privati, id-diskriminazzjoni kontra movimenti bħall-Alternattiva Demokratika u oħrajn, u nenfasizza oħrajn ukoll, kompliet rabbiet l-għeruq. Ħadd ma jista' jinsa kif iż-żewġ partiti tradizzjonali, proprju qabel l-aħħar elezzjoni, u biex ikunu f'pożizzjoni aħjar, ingħataw liċenzja temporanja (lil wieħed minnhom kien lanqas applika għaliha) li għaliha ħallsu ftit flus. Mhux l-istess ġara ma' l-Alternattiva Demokratika li kellha tagħmel kawża Kostituzzjonali li għadha għaddejja sal-lum. Skond Artiklu Nr. 13(2) (f) ta' l-Att tal-1991 dwar ix-Xandir, *"l-Awtorità tax-Xandir għandha d-dmir li tara li tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika. Ħlief f'każ ta' servizzi pubbliċi, l-Awtorità tax-Xandir tista' tikkunsidra l-produzzjoni ġenerali ta' programmi provduti mid-detenturi ta' liċenzja u kuntratturi tax-xandir diversi, ilkoll flimkien bħala ħaġa waħda."* Fir-Rapport Annwali - 1992, l-Awtorità tax-Xandir, interpretat din il-parti tal-liġi fl-ispektrum wiesa' tax-xandir bir-radju f'Malta u b'hekk, issostni li huwa possibbli li stazzjon jaddotta xaqliba (*slant*) fl-ipprogrammar tiegħu.

Hawn qed nifhem li l-Awtorità qed tara l-bilanċ fid-diversità tar-radjijiet f'Malta u li allura l-imparzjalità tintlaħaq f'dan is-sens. Qabel l-aħħar elezzjoni, dan żgur ma ġarax, għax kienu ż-żewġ partiti tradizzjonali li kellhom dawn ir-radjijiet.

Tajjeb nistaqsi: X'għamlet l-Awtorità tax-Xandir qabel l-elezzjoni, biex dan il-bilanċ fl-ispektrum wiesa' jintlaħaq? X'għamlet meta Super One Radio kien sar każin Laburista? X'għamlet l-Awtorità tax-Xandir biex tikkontrolla l-propaganda sottili ta' Radio 101? Ma kienx ikun ġust li l-Awtorità tax-Xandir talloka ħin għall-Alternattiva Demokratika fuq ir-radju tal-Istat biex jintlaħaq dan il-bilanċ f'dan l-ispektrum politiku li hi fil-fatt issemmi? Iżda l-mentalità *stereo* tal-Awtorità tax-Xandir reġgħet xirfet u kienet kuntenta li l-bilanċ kien qed jintlaħaq bejn iż-żewġ partiti tradizzjonali.

Mhux talli ma ħassitx il-ħtieġa li tagħmel dan iżda (u hawn jidher u jinħass l-iskandlu u jkompli jikber l-iskandlu) fuq ir-radju tal-Istat, kull nhar ta' Ħamis kemm waqt l-elezzjoni u kemm għadu għaddej s'issa, wara nofs in-nhar kien u għadu jixxandar programm li fih hemm *panel*, imsejjaħ residenti, li jinkludi ġurnalist naturalment mill-Union Press u naturalment biex inżommu l-mentalità *stereo* wieħed mill-Indipendence Print. Dan il-programm jeskludi għal kollox il-parteċipazzjoni ta' l-Alternattiva Demokratika anke meta dan l-istess programm ikun qed jiddiskuti lill-istess Alternattiva Demokratika.

Minkejja l-protesti ma' l-Awtorità tax-Xandir, dan il-programm għadu għaddej sal-lum u proprju l-ġimgħa l-oħra, minħabba li dawn iż-żewġ ġurnalisti, suppost residenti, ma setgħux jattendu għax kienu qed isegwu kors fil-ġurnaliżmu, ġie mistieden deputat tal-Partit Nazzjonalista biex jiddiskuti l-kaċċa. Jiġifieri, mhux talli mhux qed jintlaħaq il-bilanċ fl-ispektrum wiesa' li ssemmi l-Awtorità tax-Xandir, u minkejja li ż-żewġ partiti għandhom ir-radjijiet tagħhom, talli ż-żewġ partiti tradizzjonali huma ukoll rappreżentati kull ġimgħa fuq ir-radju tal-Istat. Dan kollu huwa imbierek mill-Awtorità tax-Xandir.

## KOSTITUZZJONI

U bħal donnu dan mhux biżżejjed, wara l-elezzjoni, wara li Alternattiva Demokratika ġabet 'il fuq minn 4000 vot, l-Awtorità tax-Xandir għażlet li telimina għal kollox lill-Alternattiva Demokratika mill-iskeda ta' Xandiriet Politiċi. Tajjeb hawn insemmi li

filwaqt li qabel l-elezzjoni l-Awtorità għoġobha talloka 500 minuta lit-tlett partiti/ moviment politici, is-sena ta' wara l-elezzjoni, u wara li eliminat lill-Alternattiva, allokat 800 minuta liż-żewġ partiti tradizzjonali. Kemm jagħmel sens li qabel l-elezzjoni jkun hemm ħin anqas imqassam bejn tliet partijiet, u wara l-elezzjoni dan il-ħin jiżdied bi 300 minuta bejn żewġ partiti? Dan biex ma nsemmux ix-Xandiriet Ministerjali u l-importanza lil kull ħaġa li jagħmel kull Ministru jew Segretarju Parlamentari jingħata fuq ix-xandir.

Fir-rapport tagħha, l-Awtorità tax-Xandir kellha l-wiċċ tikkwota l-parti tal-Kostituzzjoni (119) li tgħid b'mod espliċitu li *"tkun il-funzjoni tal-Awtorità tax-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma mparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali u illi faċiltajiet u l-ħin ta' xandir ikunu mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti "*. Fl-ebda mument, il-Kostituzzjoni ma ssemmi li dawn il-partiti għandhom ikunu rappreżentati fil-Parlament, l-iskuża li ġġib l-Awtorità tax-Xandir biex eliminatna mix-xandiriet kollha politiċi.

Huwa veru li l-liġi tax-Xandir tillimita din l-iskeda għall-partiti rappreżentati fil-Parlament. Iżda skond Artiklu 6 tal-Kostituzzjoni, kull liġi ordinarja li ma taqbilx mal-Kostituzzjoni, l-istess Kostituzzjoni għandha tipprevali. F'dan l-artiklu jingħad ukoll li l-Kostituzzjoni hija suprema. Possibbli, l-Awtorità ma għandha l-ebda pożizzjoni dwar dan kollu anke jekk tagħżel li timxi mal-liġi u telimina l-Kostituzzjoni? Ir-risposta li kellna dan l-aħħar mill-Awtorità tax-Xandir kienet li għandna mmorru quddiem Awtorità ogħla.

Hawn nixtieq inħabbar li se nieħdu l-parir tal-Awtorità tax-Xandir u fil-jiem li ġejjin se nagħmlu kawża Kostituzzjonali f'dan is-sens. Iżda nerġa' nistaqsi: Possibbli, l-Awtorità tax-Xandir ma tirrealizzax li bl-aġir tagħha qed tkompli tkabbar id-diskriminazzjoni li diġà teżisti b'dak li semmejt iżjed 'il fuq? Possibbli, l-bilanċ fl-ispektrum wiesa' qed jintlaħaq?

## L-AĦBARIJIET

L-aħbarijiet fuq it-televiżjoni jirrapportaw l-attivitajiet u l-istqarrijiet, nistgħu ngħidu kollha, li torganiżża l-Alternattiva. Dawn kważi dejjem jiġu rrapportati lejn l-aħħar tal-aħbarijiet fejn huwa kkalkulat li ħafna minn nies ikunu diġa' qamu jew bdew jaqilbu fuq stazzjonijiet oħra.

Ngħid bla tlaqliq li kważi kull darba li deher xi uffiċjal tal-Alternattiva jagħti xi kumment, dan dejjem sar wara li jiena bħala uffiċjal tal-*media*, inċempel donni tallab, nistaqsi għaliex tħallejna barra. Nista' ngħid li dan ġara f'diversi programmi ta' diskussjoni fejn wara li tħallejna barra, ġejna aċċettati proprju fl-aħħar minuta bil-kelliemi jkun infurmat sigħat qabel jibda l-programm. Hawn nixtieq neskludi l-programm li kien jippreżenta Georg Sapiano meta ma kenniex inkunu tallaba u kien jifrex il-programmi u anki kien jistiedinna mingħajr ma kien ikollna għalfejn nkunu tallaba.

Nista' ngħid li anke l-mentalità ta' wħud minn dawk li jmexxu n-*News Room* ta' Xandir Malta hija *stereo* u kultant jinsew li f'pajjiżna hawn iżjed vuċijiet minn dawk taż-żewġ partiti tradizzjonali. F'dan il-kuntest ma nistax ninkludi lil kulħadd u bla tlaqliq ngħid li l-Kap tal-Aħbarijiet ma jidhirx li jappartjeni għal din il-mentalità.

Nixtieq, hawnhekk, inżid u ngħid ukoll li l-pożizzjoni tal-ħaddiema tax-Xandir, illi fil-fehma tiegħi għadhom imdendlin, ma tippermettilhomx ikunu investigattivi u dan jien nawgura li din il-ħaġa tispiċċa kemm jista' jkun malajr biex il-ħaddiema tax-Xandir jkunu f'pożizzjoni li jkunu ċerti mix-xogħol tagħhom u allura jkunu f'pożizzjoni illi "jabbużaw" u jibdew jistaqsu ċerti mistoqsijiet lill-politiċi.

Ngħid ukoll li anke biex inġibu l-isem tal-uffiċjal li jkun tkellem jew tkellmet, diversi drabi rrid inċempel biex niġbdu l-attenzjoni. Ħafna drabi fl-aħbarijiet tal-ħdax, fost il-ftit aħbarijiet li jitħallew barra, dejjem ikun hemm dik ta' l-Alternattiva Demokratika.

Anke minn sempliċi filmat, wieħed jew waħda jistgħu jintebħu li ħafna drabi l-ħaddiema ta' Xandir Malta qegħdin għad-dispożizzjoni taż-żewġ partiti tradizzjonali. F'liema pajjiż fid-dinja, il-*cameraman* joqgħod jirranġa n-nies biex jimlew is-siġġijiet ta' quddiem ħalli meta jiġbed is-sala ma tidhirx kważi vojta? Din tiġri fl'okkażjonijiet taż-żewġ partiti tradizzjonali. F'liema pajjiż, f'kull *Mass Meeting* il-*camera* dejjem tasal sa fejn jaslu n-nies biex b'hekk il-pjazza tidher mimlija? F'liema pajjiż, Ministru, waqt attività politika, ma jibdiex jitkellem sakemm tasal il-*camera* tax-Xandir u meta din ma tasalx, jibgħat għall-*cameraman* fid-dar tiegħu bix-xufier tiegħu? F'liema pajjiż, Ministru jissemma f'ħames *items* differenti fl-istess aħbarijiet u wara jissemma ukoll fl-aħbarijiet tal-isports? F'liema pajjiż, Prim Ministru jibgħat ir-*reporters* tax-Xandir lura għax fl-opinjoni tiegħu ma jkun se jgħid xejn ta' *news value* u r-*reporters* jobdu u jitilqu?

Mhux hekk jiġri ma' l-Alternattiva Demokratika li darba, saħanistra waqt attività, ġabu kelb waħdu qed jisma' lill-kelliem u għażlu li jeliminaw il-folla li kienet fuq in-naħa l-oħra tistkenn mix-xemx. Veru li ma jkollniex follol kbar imma ma kienx hemm biss kelb jisma'. Dak il-kelb għoġobhom jippanjaw fuqu.

Mhux hekk jiġri fil-każ ta' Radio 101 li r-*reporter* tiegħu deherlu li kellu jqum u jgħodd lil dawk preżenti fil-Konferenza Ġenerali tal-Alternattiva. Hekk għandu jkun. Imma nistaqsi kemm ir-*reporter* tar-Radio 101 qagħdu jgħoddu n-nies f'konferenzi ġenerali tal-partiti tradizzjonali - l-ewwel ħaġa tal-Partit Nazzjonalista fejn kien hemm kważi meta għall-Konferenza Ġenerali kien hemm 50 ruħ - per eżempju. U x'għamlet l-Awtorità tax-Xandir dwar dan? Dan huwa eżempju klassiku ta' kif Radio 101 jagħmel il-propaganda sottili tiegħu. X'għamlet l-Awtorità tax-Xandir dwar dan il-fatt? Fejn, ħlief fil-każ ta' Super One Radio li suppost kien qed jiddiskrimina kontra l-Gvern, l-Awtorità ħadet inizjattiva biex assigurat li dan ma jiġrix? Jekk ħadet xi passi li ma nafux dwarhom, għaliex m'humiex imsemmija fir-Rapport Annwali dettaljat (kif semmiet tas-Super One Radio) li ppublikat b'mod daqshekk professjonali?

Fejnu l-ġurnalizmu investigattiv min-naħa tax-Xandir tal-Istat? Xi ġralu dak il-*producer* li fettillu jiffoka fuq *banner* li kienet qed titkellem kontra knisja kapitalista waqt iż-żjara tal-Papa f'Malta? Kif tispjega li dak li suppost kellu jkun programm li jġib lil dak jew lil dik dahru mal-ħajt spiċċa biex kulħadd ried ikun fih? Għaliex l-Awtorità tax-Xandir laqgħet it-talba tal-Partit Laburista biex il-Kap tal-Oppożizzjoni jkun intervistat f'dan il-programm u rrifjutat li tilqa' l-istess talba ta' l-Alternattiva bl-iskuża li dan ma kienx programm politiku? Jew sakemm kellna lill-Prim Ministru u lill-Kap tal-Oppożizzjoni intervistati, il-mentalità *stereo* tal-Awtorità tax-Xandir kienet f'postha?

M'hemmx dubju li l-pluraliżmu fir-radjijiet kellu l-effetti pożittivi tiegħu. In-nies qed tħossha iżjed komda li titkellem. Iżda anke hawn, qed jinbet il-periklu li wħud mill-istazzjonijiet li kienu jwasslu diskussjonijiet serji, wara s-*survey* tal-Awtorità tax-Xandir, qed jagħżlu li jinkludu iżjed mużika u jeskludu d-diskussjonijiet. Hawn irrid insemmi b'mod pożittiv lil Bay Radio, li bil-fatti u mhux bil-paroli, jifhem li f'pajjiżna hawn iżjed minn żewġ partiti. Huwa dan l-istazzjon flimkien ma' Radio Live FM (b'anqas konsistenza) li jċemplulna għall-kummenti mingħajr ma jkollna nkunu tallaba. Dawn iżda ma jonqsux kif għandu jkun li jġibu l-verżjoni taż-żewġ partiti tradizzjonali. Mhux l-istess jaġixxu l-istazzjonijiet privati l-oħra kif ukoll dawk ta' l-Istat.

Wara x-xandir bir-radju, issa jidher li se jkollna l-partiti jinvadu wkoll it-televiżjoni. Sakemm qed nikteb din il-*paper*, l-Awtorità għadha ma qalet xejn dwar l-emenda li saret fil-liġi biex min għandu liċenzja tar-radju jista' wkoll ikollu liċenzja tat-televiżjoni.

Dan intqal li sar f'isem il-pluraliżmu iżda min għandu moħħ biex jaħseb jifhem li dan sar fl-interess tal-monopolju taż-żewġ partiti tradizzjonali. Għad irridu naraw kemm l-Awtorità tax-Xandir se jkollha l-kuraġġ tirrifjuta liċenzja liż-żewġ partiti tradizzjonali. Għad irridu naraw jekk l-Awtorità tax-Xandir ikollhiex il-kuraġġ li tagħti preferenza lil min applika u ma għandux liċenzja tar-radju.

Din il-liġi kompliet estendiet il-monopolju biex b'hekk il-mezzi ta' l-informazzjoni jispiċċaw f'idejn min għandu l-poter politiku u ekonomiku. Dan jirrendi d-demokrazija fil-pajjiż farsa minn fuq s'isfel u jekk l-Awtorità tax-Xandir iċċedi għal dan ukoll tkun waħda mill-attriċi prinċipali f'din il-farsa traġika.

## PROPOSTI

Minkejja li kelli nagħmel biss ilmenti, ippruvajt ukoll nagħmel ftit proposti: ir-radjijiet tal-Istat għandhom jipprovdu spazju għall-movimenti, partiti, għaqdiet li ma għandhomx il-faċilità li jkollhom radju tagħhom. Dan biex jintlaħaq il-bilanċ fl-ispektrum wiesa' li ssemmi l-liġi dwar ix-Xandir.

Alternattiva Demokratika għandha jkollha d-dritt li tipparteċipa fl-iskeda ta' Xandiriet Politiċi. L-Awtorità tax-Xandir għandha tagħmel *survey* u tistaqsi lin-nies jekk jaħsbux li Alternattiva għandha tkun preżenti f'din l-iskeda.

Iż-żewġ frekwenzi tat-televiżjoni għandhom jinżammu f'idejn l-Awtorità tax-Xandir u l-partiti, movimenti u għaqdiet oħra jkollhom ħin allokat biex itellgħu il-programmi tagħhom. Dan għandu wkoll jinkludi programmi ta' natura reliġjuża ta' reliġjonijiet differenti.

L-Awtorità tax-Xandir għandha tagħmel *monitoring* aħjar tar-radjijiet u tieħu passi neċessarji mingħajr il-ħtieġa li l-partijiet joqogħdu jipprotestaw.

L-ilmenti għandhom jingħataw rimedju immedjat u mhux jistennew ġimgħa jew aktar sakemm l-Awtorità tiltaqa' u tiddeċiedi. Min jaf xi ħaġa dwar il-*media* jifhem l-effett tal-immedjatezza u kif dan l-effett jonqos b'mod radikali jekk ir-rimedju jiġi ġimgħatejn tard.

Bis-saħħa tal-*media*, id-dinja saret villaġġ wieħed. L-elezzjonijiet fid-dinja saru jkunu miġġielda minn fuq il-mezzi tax-xandir. Aktarx li f'pajjiżna qed isir aktar importanti

min jirbaħ il-ġlieda tal-*media* milli l-ġlieda tal-argumenti. Għaldaqstant ir-responsabbiltà ta' dawk responsabbli dejjem qiegħed tikber.

F'pajjiż fejn kollox jinqasam fi tnejn, fejn iż-żewġ naħat jitkellmu qishom qed jgħixu f'pajjiżi differenti jisimhom Malta, fejn bħal donnu hawn biss żewġ realtajiet, Alternattiva, bil-limitazzjonijiet kollha tagħha, tista' jekk xejn, tagħti kontribut biex il-mentalità Maltija ma tibqax taħseb biss fl-abjad u fl-iswed. Il-*media* tilgħab parti importanti biex dan iseħħ. Il-mentalità *stereo* taqbel liż-żewġ partiti tradizzjonali.

Iżda' x-xandir ma għandu jkun proprjetà ta' ħadd ħlief taċ-ċittadini. Il-mentalità *stereo* mhix biss ta' l-Awtorità tax-Xandir. Iżda bl-għemil tagħha, l-Awtorità tax-Xandir mhux biss tidher li qed tberikha iżda ukoll li qed tinkoraġġiha.

# DISKUSSJONI

**Dr Erny Bezzina:** Nitkellem bħala ċittadin, u nenfasizza il-kelma ċittadin. Mill-1963 ili interessat fix-xandir però sfortunatament qisa ġiet saħta appena iddeċidejt li noħroġ kandidat ma' wieħed mill-partiti politiċi ewlenin. Naqbel mal-ħabib tiegħi s-sur Azzopardi u nħoss li x-xandir lokali mhux matur biżżejjed illi jaraf li jekk bniedem, individwu, ikun lest li jagħti servizz fil-kamp lokali tax-xandir, sempliċiment għax wara daru għandu kandidatura, dana jrid jiġi bilfors, f'kull ħaġa li jmur jitkellem, ikklassifikat bħala kandidat.

Id-domanda tiegħi, biex inkun konċiż, hija din: Jien, li m'inhix sodisfatt kif il-partiti ewlenin politiċi jagħżlu n-nies tagħhom biex imorru jitkellmu fuq ix-xandir, u jiena wieħed minn dawk li l-aktar nipprotesta li nies li huma kapaċi, għal xi raġuni jew oħra, jitħallew barra anke fil-kwadratura ta' l-istess partit tagħhom. Għal dawn in-nies kif qal is-sur Azzopardi, hux ser ikun hemm rimedju li jekk iridu jtellgħu programmi nteressanti jridx jidħol fin-nofs il-kriterju misħut f'pajjiżna li, għax inċidentalment huma kandidati, dik qisha l-alfa u l-omega ta' ħajjithom. Nappella għal maturità.

**Is-sur Antoine Ellul:** Jekk niftakar tajjeb dan l-ilment ta' Dr Bezzina kien għamlu lill-Awtorità bil-miktub xi xhur ilu, u r-risposta ta' l-Awtorità kienet ċara biżżejjed u qalet li kandidat politiku m'hu l-ebda lebbruż fis-soċjeta` Maltija. Anzi kull kandidat, iktar u iktar dak li jkollu x'jikkontribwixxi huwa definitivament merħba bih li jagħti l-kontribut tiegħu fl-isfera tiegħu fuq ix-xandir. L-Awtorità kienet spjegat ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi, li l-kandidatura ta' persuna li għandu kull dritt li jsostniha, tittieħed in konsiderazzjoni mill-Awtorità u mill-istazzjonijiet għal dak il-perjodu qasir li nsejħulu l'*Election Campaign* u xejn aktar. Il-bqija kull persuna, kandidat jew mhuwiex, hija libera li tipparteċipa fil-programmi ta' l-Istat u ta' l-istazzjonijiet privati skond it-talenti tagħha u skond l-esiġenzi ta' l-istazzjonijiet.

Peress li s-sur Joe Azzopardi għamel dak l-attakk sfrenat fuq l-Awtorità, ċerti aspetti ta' dak li qal ħaqqhom risposta fattwali. L-ewwel ħaġa hija l-appell li għamel is-sur Azzopardi biex l-Awtorità fil-*monitoring* tagħha tieħu in konsiderazzjoni l-affarijiet li semma u fejn hemm ħtieġa ta' azzjoni toħodha mingħajr ma toqgħod tistenna lill-partit jew l-individwu jilmenta.

Din, lis-sur Azzopardi jrrid nassigurah li mhux talli ssir, talli saret. U s-sur Azzopardi jaf li saret, għax kellna okkażjoni fejn jien bil-miktub, għan-nom ta' l-Awtorità, għidtlu li l-Awtorità fil-proċess ta' *monitoring* tagħha, tqajjem hi stess ċerti affarijiet li tara inġusti u tgħid lill-istazzjon konċernat dwarhom. Sfortunatament, meta l-Awtorità qalet hekk, l-Alternattiva Demokratika ma tantx emmnitha.

Punt ieħor li ridt inqajjem hija r-rimarka li għamel dwar li qiegħed jieħu l-parir ta' l-Awtorità u li l-partit ser jappella lil *higher authority* fejn tidħol din il- kwistjoni tar-rappreżentanza tal-Alternattiva Demokratika fis-sistema ta' xandiriet politiċi. L-Awtorità konsistentement qalet, u din bl-ebda mod ma tista' ssejħilha bħala skuża, li hi qegħda timxi mal-Liġi meta fl-iskema ta' xandiriet politiċi ddaħħal il-partiti rappreżentati fil-parlament. Qed tagħmilha għaliex il-liġi tax-xandir tal-1991 tgħid hekk.

L-Alternattiva Demokratika taf illi meta sar il-partit u kellha kandidat fil-parlament, l-Alternattiva kienet rappreżentata qabel l-Elezzjoni. L-unika ħaġa li rrid ngħid f'isem l-Awtorità huwa, li meta kienet għaddejja il-liġi tax-xandir fl-1991, matul it-22 seduta li saru biex jiddiskutu dak l-abbozz, ebda membru, inkluż ir-rappreżentant ta' l-Alternattiva Demokratika, ma oġġezzjona kontra dak il-provvediment fl-abbozz ta' liġi, li kien jgħid li l-partiti politiċi li ser ikollhom dritt għall-xandir politiku huma dawk rappreżentati fil-parlament.

**Is-sur Joe Azzopardi:** Żewġ kummenti qosra fuq li qal is-sur Ellul. L-ewwel wieħed is-sur Ellul qal li l-*monitoring* isir u hu kitbilna u qalilna li veru l-*monitoring* isir u aħna ma emminniehx. Nibqa ngħid pubblikament, li nibqgħu ma nemmnuhomx, għaliex?

Jekk isir dan il-*monitoring* l-Awtorità imissha semmietha fir-Rapport Annwali kif sar fuq il-każ tar-Radio Super One. Il-fatt li ma ssemmiex każ wieħed ħlief tar-Radio Super One, li l-Awtorità ħadet azzjoni minn jeddha, m'għandix tort li din il-ħaġa ma nemmnuhiex.

It-tieni ħaġa, l-Awtorità ilha ssemmi ħafna li aħna konna rappreżentati fil-parlament waqt li kienet għaddejja l-liġi u ma tkellimniex. Irrid ngħid illi waqt li kienu jkunu qegħdin għaddejjin il-liġijiet, ħafna drabi kien ikun inutli li nitkellmu. Fil-fatt kellna emenda preparata għal dik il-liġi, liema emenda l-avukat Wenzu Mintoff ma sab lil ħadd li jissekondah. Kien waħdu fil-parlament u ma kien hemm ħadd li jissekondah, hu ressaq l-emenda u baqgħet fuq l-ixkaffa.

**Is-sur Roland Flamini:** Nixtieq nagħmel osservazzjoni fuq il-*paper* tas-sur Azzopardi. Din hija b'referenza għall-paragrafu emozzjonanti u rettoriku li kellu fuq il-ministru li stenna sakemm ġie il-kru tat-televiżjoni, u illi fiha staqsa, naħseb rettorikament, f'liema pajjiż ieħor dan isir. Ovvjament, ma kienx ma' Giulio Andreotti meta stennejna sagħtejn u nofs biex jiġi RAI 1 bil-kru tiegħu; ma kienx ma' Enrico Berlinguer f'Sardinja meta stennejna RAI 3 jaslu minn Ruma għaliex kienu tilfu l-*ferry*. U reċentement ma kienx fuq il-ferrovija tal-PSOER, Partit Soċjalista Spanjol, meta l-ferrovija reġgħet lura biex jgħabbu il-*cameraman* tal-Canal Cinqo li kien għadu fit-*toilet* fl-istazzjon. Il-punt li qed nagħmel huwa dan: ir-realtà tar-relazzjoni bejn il-politika u l-mezzi tax-xandir mimlija minn dawn l-iżbalji u minn dawn id-debolezzi umani. Ma naħsibx li ser insolvuhom aħna u ma naħsibx li se nikkanċellawhom totalment fis-soċjeta` tagħna.

Osservazzjoni oħra, huwa ċar minn dan li qed ngħidu hawn, minn dak li jinstema' fuq ix-xandir u jinkiteb fil-gazzetti, li l-pluraliżmu qiegħed piż kbir fuq l-Awtorità tax-Xandir. Piż ġdid, u forsi piż li l-Awtorità m'hijiex fis-sitwazzjoni u, fil-forma tagħha illum, m'hijiex lesta biex tikkonfrontah. Forsi parti minn din it-tranżizzjoni li qegħdin fiha, għandu jiġi eżaminat il-formaliżmu tal-Awtorità tax-Xandir u l-mod li biha ġiet ikkreata. Forsi huwa ż-żmien li tiġi ridefinita il-pożizzjoni tagħha u dak li għandha tagħmel.

Is-sur Azzopardi semma wkoll li meta sab ruħu f'pożizzjoni biex jagħmel rikors, l-uniku rikors li kellu kien lill-Qorti Kostituzzjonali, għaliex il-pożizzjoni tax-xandir hija tali li effettivament ma tirrispondi lil ħadd. Forsi wasal iż-żmien li ssir parti mill-istruttura parlamentari, li tirrapporta lill-parlament, li jkollha membri iktar, per eżempju, sitta parlamentari u sitta mhux parlamentari li jagħmlu elezzjoni bejniethom ta' Chairman. Dan li qed ngħid hu, li jew irid ikollha poter inqas, jew ħafna iżjed f'din is-sitwazzjoni.

**Is-sur Joe Azzopardi:** Żewġ kummenti. Fuq ir-risposta li qal is-sur Flamini dwar Berlinguer, il-PSOER u Andreotti, il-każ ma kienx identiku. Ma kienx floku li jsemmieh għaliex la Andreotti u l-anqas il-PSOER u l-anqas Berlinguer ma qagħdu jibgħatu huma x-xufier tagħhom għall-kru, u qalu jekk ma jiġix il-*cameraman* huma ma jibdewx. Jiena naħseb li l-paragun ma jreġġix.

It-tieni punt, naħseb li nftehmna ħażin: għax meta semmejt il-kelma jabbużaw aċċennajt għaliha *between inverted commas*. Ma għidtx li l-ħaddiema ta' Xandir Malta qed jabbużaw, u l-anqas għidt li l-ħaddiema ta' Xandir Malta għandhom jabbużaw fis-sens li nftehemt. Li ridt ngħid huwa, jabbużaw fil-konfront tal-politiċi. Għax ħafna drabi, il-politiċi meta tistaqsihom xi mistoqsija antipatika, f'għajnejhom tidher li qiegħed tabbuża. Jiena inħoss li, l-fatt li l-ħaddiema ta' Xandir Malta għadhom imdendlin, f'uħud m'hemmx il-ħerqa biex ikun hemm din l-idea investigattiva.

Ħarsu lejn il-ħaddiema tax-Xandir, u sfortunatament anke tal-gazzetti: meta jmorru barra minn Malta, donnu għaliex il-Gvern iħallsilhom il-passaġġ u jħallsilhom l-akkomodazzjoni minn flus il-poplu, araw issirx xi mistoqsija antipatika meta jkunu hemm. Jiġifieri dawn qed jagħtu biss servizz lill-Gvern, u mhux lill-poplu Malti.

**Is-sur Alfred Musù:** Nixtieq nagħmel osservazzjoni żgħira fuq dak li qal is-sur Azzopardi meta staqsa fejn huwa l-ġurnaliżmu nvestigattiv fix-xandir ta' l-Istat. Jiena jiddispjaċini li huwa ġġeneralizza meta staqsa hekk. Jiena naħseb jekk wieħed

isegwi l-aħbarijiet fuq il-P.B.S. u fil-programmi televiżivi ta' ġrajjiet kurrenti, issib li hemm elementi ta' ġurnaliżmu investigattiv.

Li hemm lok għal aktar titjib f'dak li huwa ġurnaliżmu investigattiv jiena naqbel miegħu. Kif qal is-sur Flamini stess, meta jkun hemm iktar *backup* fit-taqsima tal-aħbarijiet tal-P.B.S., wieħed jittama li jkun hemm iktar lok għal dan it-tip ta' ġurnaliżmu.

Irridu imbagħad noqgħodu attenti li mal-ġurnaliżmu investigattiv ma nabbużawx b'dak li huwa ġurnaliżmu sensazzjonali, għax xi kultant dan jiġri minħabba l-kompetizzjoni li daħlet b'riżultat tal-pluraliżmu fix-xandir. Minħabba l-immedjatezza ta' l-aħbar xi kultant jiġri li ma jkunx hemm iċ-ċans li wieħed jivverifika l-fatti, l-aħbar tixxandar xorta waħda u l-anqas ikun hemm id-deċenza wara, li wieħed jikkoreġi dak li jkun intqal.

Nixtieq ngħid ħaġa oħra. Meta l-*Press Club* u l-Istitut tax-Xandara fasslu flimkien il-Kodiċi ta' Etika għall-ġurnalisti, wieħed mill-prinċipji jagħti importanza għad-dritt tal-pubbliku għall-informazzjoni. Issemmew ukoll ir-*ratings* biex wieħed ikun jaf liema huma l-iktar programmi popolari fix-xandir. Però, qed nagħtu każ x'irid il-pubbliku; qed nistaqsu x'tip ta' programmi jixtieq jara?

**Is-sur John Inguanez:** Jien ħadt pjaċir dalgħodu li bdejna bil-verġni, is-sur Roland Flamini, imbagħad kompla iċ-Chairman u qal li huwa martri. Però, magħhom ngħaqqad verġni u martri. Rajt il-parti tad-diskors tas-sur Azzopardi fuq it-taqsima tagħna. Imbagħad bdejt ngħid, dan qed jagħmilha ta' martri wisq. Minn naħa l-oħra qed jagħmila tal-verġni ukoll. L-ewwel nett huwa jaf li hu stess ġieli ċempel u qagħad jistenna lilna sabiex il-*press conference* ma tibdiex qabel ma naslu aħna. Ma tantx hemm verġinità fiha.

Mhux l-ewwel darba li tlajna Għawdex, il-Qala tax-Xagħra, fix-xemx fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Konna Xandir Malta waħedna għal dak li hu bilanċ. Imbagħad qed

jilmenta ukoll *vis-a-vis* il-partiti. Quddiemi għandi iċ-ċifri ta' l-Awtorità - l-element politiku. Insibu li fl-1991 partiti politiċi oħrajn barra l-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista ħadu 107 *items*, ma nafx jekk kienx hemm xi partit ta' l-anġli. Minn naħa l-oħra, fl-1992 dan l-ammont telgħa għal 130, li jiġi wieħed minn kull sitta li kellhom iż-żewġ partiti ewlenin, xi ħmistax fil-mija ta' l-aħbarijiet. Is-sur Azzopardi jsostni li fl-elezzjoni ġabu 1.4%, isostni li għandhom id-dritt għal *exposure*. X'jagħżel il-1.4% jew il-15%?

**Is-sur Joe Azzopardi:** Nagħżel il-1.4%, però mall-partiti l-oħra. U dik id-differenza. Nippreferi li jkolli minuta waqt programm li hemm iż-żewġ partiti ewlenin milli 30 minuta waħdi. Għaliex l-udjenza li jkollok meta jkun hemm iż-żewġ partiti jew it-tlieta hija ħafna u ħafna ikbar milli l-udjenza li kellna aħna waqt l-elezzjoni meta tefgħuna waħedna. Biex għamilna dibattitu kellna nużaw mill-ħin tagħna biex isir dan id-dibattitu.

Issa fuq il-punt li s-sur Inguanez qed jgħid, li jien qed nilgħaba tal-verġni u martri, jiena la jiena verġni u lanqas martri, la fix-xandir u l-anqas f'affarijiet oħra. Vera li nċemplu, anzi biex ngħidu l-verità, irridu nċemplu kważi dejjem. Dan hu l-punt li jien stess għidt li aħna qisna tallaba.

Kull darba li aħna nkunu rridu lil tax-Xandir jiġu, irridu noqgħodu nċemplu, irridu nerġgħu nċemplulhom biex naraw humiex ġejjin, irridu nipperswaduhom biex jiġu. Jien ngħid biss żewġ affarijiet. L-ewwel waħda li min jaf kemm il-darba qabel *press conference*, qagħdna ninkwetaw x'ser isaqsuna l-ġurnalisti. Inkun onest magħkom, konna imbeżżgħin li ser jaqbduna f'xi waħda, per eżempju. Imbagħad jiġu l-ġurnalisti u ma jsaqsuna xejn. Hemmhekk tara x'qed ngħid dwar il-ġurnalizmu investigattiv fil-konfront tagħna.

It-tieni punt. Kieku tispiċċa l-mentalita` li f'pajjiżna jkollna vera *news value*, kieku Alternattiva ma tiġix irrappurtata daqs kemm qed tiġi rrappurtata, naqbel mas-sur Inguanez. Imma fil-konfini kif jimxu l-affarijiet hawn Malta, bilfors li aħna nitolbu li

nkunu rrapurtati. L-Alternattiva ma tagħmilx *news value* ħafna drabi, imma nippretendu li jiġu tax-Xandir bħal ma jagħmlu f-okkażjonijiet oħra. Meta, per eżempju, kellek żewġ ministri jikxfu żewġ plakek fl-istess post. Xandir Malta koprew iż-żewġ ministri qed jikxfu iż-żewġ plakek fl-istess okkazjoni.

**Iċ-Chairman:** Jekk tippermettuli nagħmel riflessjoni fuq dak li qal is-sur Azzopardi dwar il-ħaddiema ta' Xandir Malta. Ejja nkunu realistiċi. Mill-1975 'l hawn l-impjegati ta' Xandir Malta saru tista' tgħid impjegati tal-Gvern, u nażżarda ngħid li dak kien wieħed mill-ikbar żbalji li qatt sar f'pajjiżna, fir-rigward tax-xandir.

Qabel l-1975 jiena niftakar meta ħaddiema ta' Xandir Malta kellhom il-kuraġġ li lil żewġ Prim Ministri jgħidulhom "le". Niftakar li darba qalhieli s-sur Harold Scorey, Alla jaħfirlu, meta irrifjuta lill-Prim Ministru Dom Mintoff stess. U każ ieħor li niftakar partikolarment, meta l-Prim Ministru kien Ġorġ Borg Olivier. Dan kien qiegħed jitkellem bħala kap ta' partit f'xandira politika diretta, kellu jitkellem għal ħmistax il-minuta (jekk hux għaxra jew għoxrin il-minuta ma niftakarx) meta għaddew il-ħmistax il-minuta *they faded him out.* Imma dik il-ħabta l-ħaddiema ta' Xandir Malta kienu ndipendenti mill-Gvern u allura setgħu jirrifjutaw *items* ta' Ministri meta dawn ma kellhom xejn ta' *news value.*

**Is-sur Joe Azzopardi:** Id-domanda li Mr Chairman għamel lili kieku kont impjegat tax-Xandir x'kont nagħmel, tinkwetani. Tinkweta mhux lili, tinkweta għandha lill-ħaddiema ta' Xandir Malta infushom. Bill-kbir ukoll. Għaliex dan qed ngħidulhom, li l-lealtà tagħhom hija lejn il-Gvern u mhux lejn iċ-ċittadini. U meta qed jagħmilha ċ-Chairman ta' l-Awtorità tax-Xandir tibda tinkweta ftit iktar.

Dan hu l-punt tiegħi: li l-ħaddiema ta' Xandir Malta huma mdendlin u ma jistgħux juru il-vera professjonalità tagħhom. Naħseb li min ra l-programm li għamlu fuq l-Italja, apprezza li kien veru programm professjonali. Imma x'kien? Kien programm fuq barra minn Malta. Hemmhekk isiru domandi, isiru dak li jien sejjaħtilhom abbużi, però meta jsiru fuq Malta, fuq il-politiċi maltin, inkluż fuqna l-Alternattiva, l-abbużi ma jsirux.

**Mr Chairman:** U tgħid mhux hekk kont tagħmel int Joe kieku kont impjegat ta' Xandir Malta?

**Is-sur Richard Matrenza:** Ir-rimarka li għamilt int, Mr Chairman, hija serja, din serjissima. Serja, u għandek raġun. Allura l-marda hija wisq ikreh milli għandna quddiemna, u ninsew dak kollu li qed naraw u rridu naħsbu, mhux issa, imma x'ser nagħmlu tlett snin oħra. Se nidħlu f'sitwazzjoni oħra meta jkollna monopolji oħrajn. Fl-imgħoddi kellna l-monopolju tar-*Rediffusion Group of Companies*, u issa diġà beda jberraq fuq ċerti monopolji oħra.

**Mr Chairman:** Qabel ma nikkonkludu l-ewwel parti, nixtieq inwieġeb għar-rimarka tas-sur Azzopardi. Hija verità li r-rimarka tiegħi tħasseb, imma jekk is-sur Azzopardi se jibda jaħseb issa ...... Issa beda jaħseb fuqha din? Missu ilu jaħseb fuqha! Hija realtà. Ejja ngħidu kif qal is-sur Matrenza: imissha ilha tinkwetana. Imissha ilha tinkwetana tmintax-il sena.

Ejja noħolqu struttura fejn allura verament il-ħaddiema jkunu ndipendenti u allura jistgħu jaħdmu ndipendentement mill-*bosses* tagħhom.... Dak li għidt jien hija r-realtà tal-ħajja, jiddispjaċini ngħid.

# Dħul mir-reklamar - Hemm biżżejjed għal kulħadd?



## JOSEPH BROCKDORFF
*Managing Director*
*BPC International Ltd.*

Is-Sur Joe Brockdorff ilu għal dawn l-aħħar 30 sena fil-qasam tar-reklamar u l-*marketing communications*. Permezz tal-kumpanija tiegħu BPC International Ltd, huwa wkoll involut fl-istħarriġ ta' l-opinjoni pubblika.

Is-sur Joe Brockdorff huwa l-*isponsor* għall-Premju lill-Ġurnalista organizzat mill-Press Club (Malta).

## Joseph Brockdorff

# Dħul mir-reklamar - Hemm biżżejjed għal kulħadd?

Meta s-sur Ellul, iċ-*Chief Executive* ta' l-Awtorità tax-Xandir, stedinni biex nitkellem fuq it-tema tal-lum, l-ewwel ħsieb li ġieni kien li forsi dawk li diġa qegħdin iħaddmu dawn l-istazzjonijiet tax-xandir huma f'pożizzjoni aħjar minni li jirrispondu jekk hawnx biżżejjed *revenue* biex l-istazzjonijiet kollha jibqgħu jeżistu.

Il-mistoqsija nnifisha ġabitli f'moħħi numru ta' mistoqsijiet, u allura deherli li flok nirrispondi l-mistoqsija l-aħjar hu li nagħmel numru ta' mistoqsijiet. Ftit minn dawn il-mistoqsijiet ser nipprova nirrispondihom jien, iżda, persważ li hemm mistoqsijiet li ħafna minnkom jafu t-tweġiba tagħhom diġa.

Jien m'hinix se nesplora hawnx biżżejjed *revenue* biex il-ġurnali kollha jew biex l-istazzjonijet tat-televiżjoni u tar-radju kollha jibqgħu jeżistu. Għax meta wieħed jitkellem fuq l-istazzjonijiet tax-xandir wieħed irid isemmi ukoll il-*media* kollha.

X'inhu *advertising*? Ir-reklamar hi waħda mill-attivitajiet ta' l'hekk imsejħa *marketing mix* li kumpanija tagħmel biex tbigħ is-servizzi jew il-prodotti tagħha. Dan huwa *statement* bażillari għaliex hawn ħafna min jaħseb li l-*advertising* huwa xi kappriċċ li xi kumpanija tagħmel biex tissodisfa xi ideal tagħha.

Mela *advertising* huwa sempliċiment parti mill-*marketing mix*, l-*advertising* hija spiża neċessarja, u ħafna drabi anke titqies bħala investiment, u biex kumpanija tilħaq l-għanjijiet tagħha.

Naturalment l-għanjijiet ta' kull kumpanija hija li tagħmel profitt. Bħal kull każ ieħor,

dan l-investiment, din in-nefqa trid issir bl-ikbar għaqal. Kull min hu nvolut f'*marketing* jaf daqsi jew iktar minni, li din tista' ssejħilha xjenza. Wara li wieħed jifhem sew xi prodott jew servizz għandu bżonn il-konsumatur, jattrezza ruħu li jipproduċi dak il-prodott, jipproduċieħ ta' l-aħjar kwalità, u mbagħad irid ikun żgur li l- konsumatur ikun jaf bil-prodott tiegħu. Hawn fejn jidħlu r-reklami.

Nieqaf ftit hawnhekk għal ftit sekondi: jekk inqiesu stazzjon tar-radju bħala prodott, li qed ngħid jien hu li, allura għandek tuża l-kunċett tal-*marketing*, u jekk tuża l-kunċett tal-*marketing*, tagħmilx stazzjon jew le, trid tibda biex tara x'għandu bżonn il-konsumatur. Wara li tifhem x'għandu bżonn il-konsumatur, tipproduċi għall-konsumatur dak li għandu bżonn bl-iktar prezz raġonevoli, u mbagħad tipprova tikkomunikalu dwar il-prodott li għandek.

F'dan il-każ forsi, mhux kulħadd ħares biex jiftaħ stazzjon minn dan il-*punto di vista*. Għandi nifhem ukoll li *broadcaster*, jew min irid jagħmel stazzjon, għandu oġġettivi differenti minn oġġettivi ta' negozju, allura mhux dejjem qed isegwi l-prinċipji tal-*marketing*. Però, anke jekk int mhux qed issegwi l-prinċipji tal-*marketing*, trid tifhem li min ser jixtri l-prodott tiegħek ser isegwihom.

**X'nifhmu b'*advertising revenue*?** Kemm stazzjon idaħħal flus mir-reklami jiddependi wkoll minn kemm jitlob għar-reklami. Li traħħas il-prezz tar-reklami ma jfissirx li ser iżżid id-dħul. Naħseb hawn min diġà ħa qata minn din l-esperjenza. L-istrateġija li tuża meta tistabbilixxi prezz hija l-istess strateġija meta tistabbilixxi prezz ta' oġġett. Hija importanti mmens u din l-istrateġija għandha mplikazzjonijiet fit-tul.

Tafu daqsi li dan l-aħħar rajna r-rati tal-*advertising* ta' l-istazzjonijiet tar-radju itiru ma' kullimkien. Dan huwa żball fundamentali għaliex wara dak it-tkissir li sar f'dawn l-aħħar xhur, irid jgħaddi żmien konsiderevoli biex l-istazzjonijiet jirkupraw minnhu. Li tkisser ir-rati hija faċli li terġa tistabbilihom hija diffiċli.

**Hemm biżżejjed revenue?** Biżżejjed għal xiex. Biżżejjed biex stazzjon jagħmel

impjant estensiv, jimpjega ħafna nies? Biżżejjed għal stazzjon li għandu mpjant limitat b'numru żgħir ta' nies? Biżżejjed biex stazzjon jagħmel qliegħ? Jew biżżejjed biex stazzjon jifdi. Biżżejjed, għal xiex? Dan huwa l-kalkolu li suppost għamel min ħa d-deċizjoni li jiftaħ stazzjon. Hija waħda mill-mistoqsijiet li forsi aħjar tirrisponduha intom.

Semmejt li wieħed irid ikun jaf min huma l-konsumaturi. Il-konsumaturi huma kollha xorta fil-fatt? Kieku tajjeb! L-ewwelnett tafu daqsi li hemm nisa u hemm irġiel, hemm prodotti li d-*decision to buy* joħduha l-kbar, *decision to buy* li jieħduha ż-żgħar. Għandek prodotti li jinxtraw priniċipalment minn nisa, oħrajn prinċipalment mill-irġiel. Għandek prodotti li jiswew ħafna flus, oħrajn li jiswew ftit flus. Il-ħbieb tiegħi tal-*market research* isejħu lil dawn it-*target audience*. Per eżempju, nisa bejn is-16 u l-25 sena, B1, C1 *income group*. Dan huwa t-*target audience*.

**Kif wieħed jagħżel liema medium juża?** L-ewwelnett mhux kull prodott għandu l-istess bżonnijiet. Hemm prodotti ġodda, prodotti li tixtrihom ta' kuljum, bħal ma huma is-*soft drinks* u d-*detergents* per eżempju. Hemm prodotti li jirrappreżentaw spiża sostanzjali għall-konsumatur, bħal ma huma karrozza, għamara, attrezzament għad-dar. Jekk ikun prodott ġdid, trid tagħti preferenza għal-*medium* li jagħti lill-konsumatur l-opportunità li jara dak il-prodott bħal ma huma l-ġurnali u t-televiżjoni. Inutli li fuq ir-radju nitkellem fuq karrozza sabiħa meta m'għandix l-opportunità li naraha. Wara li nkun rajtha id-diskors huwa differenti. Jekk prodott jirrappreżenta spiża sostanzjali, il-konsumatur irid informazzjoni iktar dettaljata, u li jkollu ċ-ċans ukoll li jmur lura lejn l-informazzjoni. Allura tagħżel *medium* li jagħtik ċans li tagħti dettalji bħal dawn, u ċans lill-konsumatur imur lura għalihom.

F'Malta, sfortunatament, għandna ma wasalniex biex kull *medium*, u hawnhekk mhux ir-radju biss imma il-*media* kollha, jagħtuk dettalji miġbura b'mod xjentifiku, dwar lil min eżattament qed jilħaq. Għalhekk l-*advertisers* isegwu l-informazzjoni miġbura minn organizzazzjonijiet indipendenti mill-*media*.

**Għandna *media* biżżejjed?** Jiena xerrej. Billi hemm għoxrin ħanut, jiġifieri li jien ser nixtri għoxrin darba iżjed milli għandi bżonn għall-bżonnijiet tiegħi? Kif kelli opportunità ngħid f'okkażżjoni oħra, dan il-poplu ta' 360,000 ruħ, maqsum f'xi 110,000 *households*, diġa` għandu stazzjon tat-televizjoni u kif smajtu dalgħodu, forsi dalwaqt isiru iktar minn wieħed. Għandu tlett ġurnali ta' kuljum, għaxra li joħorġu darba fil-ġimgħa, għandu 42 kull xagħar u għandu madwar 400 pubblikazzjoni oħra li joħorġu matul is-sena. Żgur li ma nistgħux ngħidu li min jirreklama m'għandux għażla. L-għażla qegħda hemm, u iktar ma tiżdied, min jiddeċiedi x'*media* jagħżel, irid ikun iktar għaqli u għandu bżonn iktar informazzjoni.

**Imma kif issir din l-għażla?** Hu d-dover ta' l-*advertising agency* li tagħmel *media plans* għall-klijenti tagħha bl-akbar għaqal. F'Malta hawn fil-fatt 30 organizzazzjoni li jgħidu li huma *advertising agents*. Però, jekk tieħu l-ewwel ħamsa minnhom issib li dawn bejniethom jixtru madwar 75% tal-*advertising* fil-*media*. Issa nħallikom taħsbu x'jagħmlu il-25 l-oħra. Sfortunatament, f'Malta għad m'hawnx regolamenti li jistabbilixxu kif għandek tirrikonoxxi *advertising agency*. Mad-dinja kollha jeżistu ċerti regolamenti kif tirrikonoxxi *advertising agency*. Forsi dan huwa argument twil u li m'huwiex tal-lum.

Konna qegħdin ngħidu kif issir din l-għażla. L-ewwel li tagħmel aġenzija, tibda biex tara kemm kull *medium* jilħaq nies fit-*target* tagħha. Għidna li kull prodott għandu bżonn *target* tiegħu. Kull prodott ma tirreklamaħx għal kulħadd. Inti għandek *target* lil min trid tilħaq bir-reklam tiegħek. Mela din il-*media* li ser nixtri jien, kemm se tilħaq minn dak it-*target* tiegħi. Wara nqabbel kemm jiswew biex nilħaq bir-reklami tiegħi elf ruħ. Naf li hawn min hu kontra l-*cost per thousand*, però jiena qed nitkellem fuq *cost per thousand* tat-*target audience*. Mela kemm jiswa biex nilħaq elf ruħ tat-*target audience* tiegħi fil-*media* differenti? Naturalment, l-għażla mhix sempliċi hekk, għax kif għidt qabel, mhux kull prodott għandu bżonn l-istess trattament. U m'hawn l-ebda *medium* li waħdu jilħaq it-*target* kollu. Hemm ħafna provi ta' dan is-suġġett.

Ħassejt li kelli nibda biex infakkarkom li dan il-famuż *advertiser* għandu għażla mhux

biss ta' 9 jew 10 stazzjonijiet tar-radju, iżda ta' *media* oħra. Hemm il-*press*, hemm it-televiżjoni, hemm il-*posters*, hemm id-*direct mail* u hemm ħafna affarijiet oħra. U ħafna minn dawn il-*media* l-oħra diġà ġew użati b'ċertu ammont ta' suċċess. Jiġifieri, għandu l-provi ta' x'jiġri meta juża dawn il-*media* l-oħra. Għal kuntrarju forsi m'għandux daqshekk esperjenza fuq ir-radju .

Fuq kollox kemm hu dan il-famuż *advertising revenue*? F'Malta għandna l-MISCO li s-sena li għaddiet ikkalkulat kemm intefqu flus fuq it-televiżjoni u fuq il-ġurnali. Fil-fatt il-MISCO issemmi li fl-1992 fuq it-televiżjoni intefqu Lm1,300,000, fuq il-ġurnali intefqu Lm2,730,000.

Iżda ma' din il-figura tal-ġurnali primarji , jiena magħha nżid il-ġurnali sekondarji u l-kwantità ta' *annuals* li naraw madwarna. Aħna, l-BPC, nistmaw li l-figura tal-*printed media* hija iktar viċin għal Lm3,100,000. Ma dan trid iżżid kemm hemm reklami fuq ir-radju.

Jekk tipprova tgħodd il-figuri li semmew l-*advertising managers* ta' kull stazzjon, tasal għal figura tassew kbira. Jiena ppreparat li nieħu l-figura li semma l-ministru Michael Frendo fil-programm 'Nitħadduha' fuq it-televiżjoni. Il-figura li semma kienet li fuq ir-radju, is-sena li għaddiet, intefqu Lm800,000. Wieħed irid iżid ukoll kemm jintefqu f'*posters*, u f'*advertising* simili, għax fuq kollox dawn joħorġu mill-istess *advertising budget*. B'kollox huwa stmat li f'Malta s-sena l-oħra intefqu Lm5,500,000 f'reklami.

Fi kliem ieħor nistgħu naraw li l-*advertising revenue* f'Malta kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Press | 56.3% |
| Televiżjoni | 23.6% |
| Radju | 14.5% |
| Oħrajn | 5.6% |

Dan kif jitqabbel ma' pajjiżi oħra fl-Ewropa? Kif smajna dalgħodu aħna ma neżistux daqshekk waħedna, neżistu fl-Ewropa. Jekk inħarsu lejn il-pajjiżi ta' l-Ewropa nsibu hekk:

*Advertising Expenditure* fuq il-*Media* fl-1991. (%)

| | Pan Ewropa | Italja | Spanja | U.K. |
|---|---|---|---|---|
| Press | 66.60 | 50.10 | 52.80 | 62.30 |
| Televiżjoni | 22.80 | 45.00 | 29.80 | 31.60 |
| Radju | 4.06 | 1.40 | 10.30 | 2.10 |
| Oħrajn | 6.54 | 3.60 | 6.50 | 4.00 |

Meta tqabbel x'qiegħed jiġri fl-Ewropa ma' dak li sar f'Malta s-sena li għaddiet, insibu li f'Malta fil-fatt ir-radju ħa persentaġġ minn nefqa tar-reklami ferm iżjed minn f'kull pajjiż tal-Ewropa. Kienet l-ewwel sena, kulħadd kien għadu mimli entużjażmu.

Veru li fuq l-istazzjonijiet tar-radju smajna reklami ta' intrapriżi żgħar li qatt ma rriklamaw f'*media* oħra. L-ammont hu relattivament żgħir, u hemm dubju serju ta' kemm jista' jikber. Jekk l-esperiment fuq ir-radju ta' intrapriża żgħira jmur tajjeb, u l-intrapriża tikber, din mill-ewwel ser tibda tħares lejn *media* oħra biex tibqa tikber. Jekk l-intrapriża ma marritx tajjeb naturalment din mhux sa tirrepeti l-esperiment. Hawn min jaqbel ma' dan l-argument u hawn min ma jaqbilx.

Qiegħed nagħti wkoll il-persentaġġ ta' l-Italja, Spanja u ta' l-Ingilterra għax dawn jirriflettu x'jiġri meta l-għażla fil-*media* tiżdied. Fl-Italja, fejn għandek numru kbir ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni li jittrasmettu reklami, it-televiżjoni laħaq għal 45% u kważi tefà għal kollox in-nefqa fuq ir-radju.

Fi Spanja, fl-1991, kienet għaddejja minn żmien meta nfetħu ħafna stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni u nsibu li ntefqu 10.8% tar-reklami fuq ir-radju u 29.8% fuq

it-televiżjoni. Iżda fl-istess sena, kif insibu f'paġna 44 tal-*Annual Report 1992* tal-Awtorità tax-Xandir, ġara li fi Spanja din is-sitwazzjoni ġabet magħha li kważi l-istazzjonijiet kollha fl-1991 tilfu il-flus.

Fl-Ingilterra, barra l-istazzjon tal-BBC li ma jġorrx reklami, għandek numru ta' stazzjonijiet tar-radju privati li jgħixu mir-reklami biss. Il-figura ta' kemm isiru reklami fuq ir-radju, għal dawn l-aħħar snin, fejn is-sitwazzjoni hija stabbilita, insibu li fl-Ingilterra l-figura baqgħet bejn wieħed u ieħor ta' 2%.

Għidt dan kollu biex meta wieħed qed jitkellem hemmx flus biżżejjed għall-istazzjonijiet tar-radju trid tħares lejn is-sitwazzjoni kollha.

**Iktar ma jkun hawn *media*, mhux iktar isiru reklami?** Nixtieq ħafna li kieku kien hekk, imma l-verita` hija mod ieħor.

In-nefqa fir-reklami hija relatata mal-attività kummerċjali tal-pajjiż. Ħafna drabi din titqies bħala persentaġġ tal-*Gross Domestic Product*. Jekk inħarsu lejn il-pajjiżi ta' l-Ewropa nsibu li n-nefqa hi medja ta' 0.868 fil-mija tal-*Gross Domestic Product*.

Fl-1991 nsibu li Spanja kienet fl-ewwel post b'1.43%, l-Ingilterra viċin tagħha b'1.10%, l-Italja f'nofs il-lista b'0.61%. F'Malta nsibu li fl-1992 l-ispiża li ntefqet fir-reklami, bħala persentaġġ tal-*GDP*, kienet ta' 0.64 fil-mija li, biex ngħidu hekk, hija ftit iktar mill-persentaġġ ta' l-Italja, però, hija inqas mill-medja ta' dawn il-pajjiżi. Dak huwa il-kejl prinċipali. Meta nitkellmu fuq l-industrija ta' l-*advertising*, inħarsu lejn il-figuri ta' kemm jintefqu f'*advertising* f'pajjiżi oħra.

Però, hemm kejl ieħor li huwa relevanti u dan huwa ta' kemm jintefqu f'reklami ras għar-ras tal-popolazzjoni adulta - jiġifieri minn għaxar snin 'l fuq li hija, bejn wieħed u ieħor, 300,000.

F'Malta nsibu li s-sena li għaddiet ras għar-ras intefqu Lm15.3 reklami għal kull

persuna li teżisti f'Malta. Dan kif inhu mqabbel mal-pajjiżi tal-Ewropa?

*Advertising Expenditure per Capita* - 1991

| | |
|---|---|
| Pan Ewropa | Lm 55.9 |
| Svizzera (l-għola) | Lm108.0 |
| Ġermanja | Lm 62.5 |
| U.K. | Lm 63.7 |
| Italja | Lm 40.0 |
| Greċja (l-inqas) | Lm 16.0 |

L-osservazzjoni tiegħi hi li iktar ma jikber il-*GDP* u iktar ma tikber l-attività kummerċjali f'Malta iktar sejjer jikber l-ammont li jintefaq fir-reklami, imma mhux relatat minn kemm hawn *media*.

Kemm tiswa l-media f'Malta? Qabel ma nispiċċa nixtieq nirreferi għall-pubblikazzjoni li waslitli jumejn ilu. Pubblikazzjoni ta' Young & Rubicam li jisimha '*Media in Europe*' li fiha il-*cost per thousand* għall-*media* tal-Ewropa. Kemm tiswa il-*media* fl-Ewropa jvarja konsiderevolment sew bejn pajjiż u ieħor u sew fil-pajjiż inniffsu.

Ħassejt li huwa relevanti li għandi nirreferikom għal dawn il-figuri għax l-ebda *medium* fl-ebda pajjiż ma jeżisti iżolat. Ebda *medium* mhu b'saħħtu biżżejjed li jiddeċiedi kemm jiffissa l-prezz għar-reklami mingħajr ma jħares lejn il-prezz veru biex tikkomunika ma' elf persuna tat-*target audience*.

*Media Costs per Thousand Adults (1992 Rates)* Lm

| | T.V. Peak Time | Dailies/ Sundays | Radio/Peak All Stations |
|---|---|---|---|
| Pan Europe | 3.7 | 3.2 | 1.9 |
| Switzerland | 8.9 | 3.5 | 5.7 |
| U.K. | 2.6 | 1.6 | N.A. |
| Italy | 4.3 | 2.1 | 1.2 |
| Spain | 3.0 | 2.4 | 2.0 |
| Greece | 1.5 | 3.5 | 0.6 |
| Malta | 2.5 | 3.1 | 2.0 |

Deherli li din l-istatistika kienet interessanti għaliex fl-aħħar xtaqt nurikhom kif titqabbel ma' Malta. Fil-fatt il-prezz li qed nieħu ta' l-istazzjonijiet tar-radju, dan huwa meħud mir-*rate cards*. Jiġifieri, qbadt ir-*rate cards* tal-istazzjonijiet kollha, iddividejthom ma' kemm ngħidu li dawn l-istazzjonijiet jilħqu nies fil-*peak time* u wasalt għall-figura ta' żewġ liri Maltin.

Illum tgħiduli li dan mhux veru, imma l-uniku mezz li kelli biex nasal għal din il-figura kelli nuża ir-*rate cards*. Il-verità kollha hi li dawk il-figuri huma kollha ibbażati fuq ir-*rate cards*. Pero', ma naħsibx li f'pajjiżi oħra jsiru daqsekk negozjati fir-*rates* daqs forsi kemm saru ma' l-istazzjonijiet tar-radju f'Malta.

Mela, rajna li min jirreklama għandu għażla sħiħa. Mhux kull stazzjon hu l-istess. Nerġa' nirreferi għall-*Annual Report* tal-*MBA* u nikkwota sentenza waħda mir-rapport tal-laqgħa tal-*Commonwealth Broadcasting Association*: "*Innovative programming, related to the needs of the audience, helped to ensure success.*"

*Innovative Programming*, fl-opinjoni tiegħi, hija mhux li tħares lejn l-aħħar *research figures*, tara liema stazzjon qiegħed l-ewwel, x'qiegħed jagħmel dak l-istazzjon u tagħmel bħalu. *Innovative Programming* hija ħaġa ferm iktar importanti. Jekk wieħed

ser jagħmel prodott l-ewwel għandu jara xi prodott għandu bżonn is-suq u mbagħad jagħmel prodott tajjeb għal dak is-suq. Mhux sempliċiment jara x'inhu li qed jagħmel ta' ħdejh, jagħmel bħalu u jbiegħuh irħas minnu. Dan kien kumment tal-*Commonwealth Broadcasting Association* li persważ huwa kumment relevanti.

Flimkien tajna ħarsa lejn ir-reklami fl-Ewropa. Rajna x'ġara fi Spanja meta bdew jiżdiedu l-istazzjonijiet tat-televiżjoni. Rajna li l-*media* trid tipperswadi lill-*advertiser* li twassallu l-messaġġ dwar il-prodott tiegħu lit-*target audience* tieghu, tipperswadieh mhux biss bil-kliem, imma tipperswadieh b'figuri miġbura xjentifikament.

Ir-risposta għall-mistoqsija prinċipali - staqsuha lil min iddeċieda li jiftaħ l-istazzjonijiet tar-radju.

# DISKUSSJONI

**Is-sur Frank Salt:** If we could just get away from politics, for the moment, and go back on to commerce. I think one of the points which we really missed out in the discussion today is the fact that the Broadcasting Authority in the past has been the Authority over a public station or stations. The Authority today has authority over commercial stations. There is a very big difference because the Authority now has the responsibility of looking after stations that have got to survive by making money.

Island Sound has always worked very closely with advertising agents. Unfortunately we have not had too much of this attitude reciprocated by the advertising agents. One can understand why. Radio stations are relatively new whereas the advertising agents were much more equipped for print media. They have graphic designers employed with them, they have computers that make the most amazing graphics for television and for magazines and newspapers. We came along giving them practically everything on a plate which they did not like.

Mr Brockdorff, and maybe other advertising agents have been giving seminars to their clients pushing the print media and not pushing the radio media when, in fact, to quote from Mr Brockdorff's speech he gave at the Hilton a few weeks ago, television audiences are static at 44%, print media with readership of daily newspapers down from 58% to 49% and radio listeners up from 65% to 69%.

Other figures which might prove to be interesting is that in the first year of Island Sound's operation only 3% of our revenue was given by advertising agents without any effort on our part to get that business. And yet we paid advertising agents Lm45,000 commissions in the same period, which means that there are business people out there who will advertise on the radio if approached in the right manner.

In answer to Mr Brockdorff's question as to whether or not there is enough revenue

to support radio stations, my answer is this: if advertising agents only actively included radio in the general promotional campaigns with print and television, then there should be no financial reason why private radios should not continue to prosper in Malta in the future.

**Is-sur Joe Brockdorff:** I really need twenty minutes to answer all that. I shall take it one by one: first of all, the question of surveys and how to measure them. From an advertising point of view, I am interested to know how many people listen to my advert, as my advert is transmitted on one station at one particular moment. It is of no use to claim that there are 60,000 people listening to your station, all I want to know is how many people were listening to my advert at 8 o'clock on Monday morning. That type of information is available and is quite well collated.

All radio stations claim that everybody listens to their radio in the car. According to the survey which was undertaken by a Dutch company for the Planning Authority the average travelling time for any person in Malta is thirteen minutes. So to reach all the people travelling in a car I have to advertise every thirteen minutes or thereabouts! Thirdly, the global audience figures which I quoted in my talk at the Awards To Industry Seminar were for all stations. It is true that there are more Maltese people listening to radio stations, but you have to take into consideration that before there were only two stations and now there are nine.

**Is-sur David Bonello:** Nixtieq nibbaża d-diskors tiegħi fuq ir-reklamar, speċjalment fuq il-kwalità tar-reklami. Nista' ngħid li għandi l-aqwa, l-aħjar, l-isbaħ prodott meta jien naf li l-prodott mhux qed jilħaq il-livell propost fir-reklam? Inkun qiegħed inqarraq bil-konsumatur jekk qed nagħmel hekk? Ir-reklamar huwa mezz ta' komunikazzjoni li għandu jipperswadi lill-konsumatur fil-fehma tiegħu biex jiddeċiedi li jixtri prodott minn ieħor, fejn il-messaġġ għandu jkun ċar u li juri l-benefiċċji lill-konsumatur. Jiena naqbel li għandu jkun hemm awtorità li tara li dan iseħħ.

Ir-reklamar jaħdem jew ma jaħdimx? F'Jannar tal-1993, attendejt konvenzjoni

f'Toronto fil-Kanada fejn ditti bħal Nestlé, Mazda, Honda sostnew li qed jonfqu miljuni kbar ta' dollari ma kienux qed jaraw dħul lura fil-bejgħ għal flus li kienu qed jonfqu.

Għalhekk naħseb li għandhom isiru testijiet qabel u wara li jsiru r-reklami. Għaliex? Hekk, kemm l-*Advertiser* kif ukoll l-*Advertising Agency* ikunu jafu bejn wieħed u ieħor x'jaħseb il-konsumatur qabel ma r-reklam jiġi introdott fuq il-*media*. Għandna inħeġġu lil min jirreklama biex isiru dawn it-testijiet, sew biex ma jkunx hemm infieq żejjed ta' flus kif ukoll biex tara liema *target market* hemm bżonn li jintlaħaq.

Fl-aħħar nett nixtieq nisħaq li jkun hawn iżjed kwalità u originalità b'sens ta' responsabbiltà lejn il-konsumatur għall-aħjar tal-komunità.

**Is-sur Joe Flask:** Nixtieq nistaqsi lis-sur Brockdorff, għax jiena konvint li kemm il-politika tmur max-xandir, daqshekk ieħor ir-reklami jridu jmorru max-xandir, x'differenza hemm bejn ir-reklami għat-televiżjoni u r-reklami għar-radju? X'differenza jsibu l-aġenziji tar-reklamar u kemm dawn l-istazzjonijiet tar-radju u l-istazzjon tat-televiżjoni jaħdmu verament biex ikollhom finalment dawn ir-reklami li jgħin id-dħul tagħhom? Nixtieq ukoll li jelabora xi ftit fuq sistema li dieħla fl-Ewropa, u li hi mistennijja tiġi approvata proprju lejn tmiem dan ix-xahar, fuq il-kwistjoni tat-telepromozzjoni.

**Is-sur J Brockdorff:** Jien jidhirli l-ewwelnett li l-avviżi nnifishom, speċjalment minn kemm ilu li beda r-radju, l-avviżi fuq ir-radju taw spinta 'l quddiem u għandna kwalità raġonevoli għall-pajjiż li qegħdin ġo fih. Per eżempju bdew jintużaw ħafna iktar *jingles*, allavolja wasalna issa fiż-żmien meta l-*jingles* qed jirrepetu ruħhom.

M'hemmx diffikultà biex nipproduċu reklami għar-radju u m'hemmx diffikulta` biex nipproduċu reklami għat-televiżjoni lanqas. Naturalment wieħed qed jitkellem fuq aġenziji in ġenerali. Kif spjegajt dalgħodu f'Malta hawn 30 aġenzija, li jsejħu lilhom infushom aġenziji, pero` 5 minnhom jirrappreżentaw il-maġġoranza tas-suq.

Is-sur Bonello semma l-eżempju tal-konvenżjoni ta' Toronto fejn il-klijenti ħaduha kontra l-aġenziji tagħhom. Naħseb li f'Malta mhux kienu jħabbtu fuq il-mejda, iżda kienu jibdlu l-aġenzija għax m'hawnx nuqqas ta' aġenziji. Veru li hawn klijenti li jaħsbu li m'hawnx ħafna minn fejn tagħżel, għax mhux billi għandek tletin, imma trid tara l-kalibru tagħhom. Qegħdin f'pajjiż fejn kulħadd għandu d-dritt li jiftaħ aġenzija, pero` kull klijent ukoll għandu d-dritt li jagħżel l-aħjar aġenzija.

Fil-kunċett li waslu l-aġenziji llum (u mhux kif kienu 150 sena ilu meta beda J. Walter Thompson meta kienu verament aġenti tal-*media*), illum l-aġenziji saru konsulenti tal-klijent. Issa jekk titlaq mill-fatt li inti konsulent tal-klijent, ser tirrikmanda lill-klijent dak li għandu bżonn għall-prodott tiegħu, mhux dak li għandha bżonn il-*media* biex issalva.

**Is-sur Philip Incorvaja:** Nixtieq nidderiġi din il-Konferenza lura lejn l-aspett kummerċjali u nixtieq nistaqsi lis-sur Brockdorff jekk, fl-opinjoni professjonali tiegħu, wara kollox il-BPC hija waħda mill-*advertising agencies* ewlenin ta' Malta, jekk jistax iwieġeb għad-domanda li għamel hu stess lil din il-Konferenza: jekk jaħsibx li hemm biżżejjed dħul mir-reklami biex l-istazzjonijiet kollha jissopravivaw.

**Is-sur Joe Brockdorff:** L-ewwelnett mhux jien għażiltha l-mistoqsija, il-mistoqsija kienet poġġuta lili. It-tieni, nirrepeti ftit milli għidt iktar 'l quddiem. Biżżejjed għal xiex? Biżżejjed *to survive*? Naħseb tajtkhom biżżejjed figuri biex taħdmuha waħedkom. Peress li ma nafx x'inhuma l-ispejjeż ta' kull stazzjon, m'għandix idea. Il-verità kollha hija, kif qal Dr Frendo, li f'Malta intefqu Lm800,000 fl-ewwel sena. Jiena nikkalkula li din is-sena, issa li l-affarijiet qegħdin joqgħodu, il-figura ta' Lm800,000 ser tinżel għal xi ħaġa madwar Lm600,000. Se tinżel minħabba żewġ raġunijiet: waħda għax is-suq issa stabbilixxa ruħu, u t-tieni għaliex l-istazzjonijiet tar-radju kollha iddeċidew li jkissru l-istruttura tar-*rate cards*.

Issa, kemm il stazzjon jissopraviva b'Lm600,000 ma nafx. Hemm stazzjonijiet li m'għandhomx bżonn id-dħul tar-reklami. Hemm min qisu jaħseb li kien l-*advertiser*

li ddeċieda li jrid għaxar stazzjonijiet tar-radju u li l-*advertiser* irid iħallas għalihom. Mhux hekk il-każ. Xi ħadd iddeċieda li jrid jagħmel stazzjon u issa jrid jaf kif ser iħallas għalih.

Xi ħadd iktar kmieni semma li fl-Ewropa qed isir *direct selling*. Dik hija waħda mis-sistemi kif stazzjon jista' jkollu *income* għalih innifsu. L-argument tiegħi kien dwar *advertising revenue*, pero` barra *advertising revenue* hemm dħul ieħor li l-istazzjonijiet jistgħu jiġġeneraw permezz ta' affarijiet oħra.

## Agħraf l-Udjenza Tiegħek



### LAWRENCE ZAMMIT
*Direttur tal-MISCO*

Is-Sur Lawrence Zammit huwa direttur tal-MISCO b'responsabbilta` għall-attivitajiet tal-kumpanija fil-qasam tal-istħarriġ tal-opinjoni pubblika. F'din il-kapaċita`, is-sur Zammit kien involut f'diversi xogħolijiet ta' riċerka kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra. L-aħħar stħarriġ tal-opinjoni pubblika magħmul mill-Awtorità tax-Xandir sar mill-MISCO taħt id-direzzjoni tas-sur Zammit.

Lawrence Zammit

# Agħraf l-Udjenza Tiegħek

L-iżvilupp li sar fil-qasam tal-media kien wieħed enormi - issib min jgħid li kien aktar milli d-domanda setgħet tiflaħ. Aħna u nitkellmu dwar l-effetti tal-pluraliżmu tax-xandir f'Malta, irridu bilfors inżommu f'moħħna il-kuntest aktar wiesgħa li fih sar dan l-iżvilupp, biex inkunu nistgħu nafu aħjar l-udjenza tagħna.

Kien hemm l-iżvilupp ta' stazzjonjiet privati tat-televiżjoni fl-Italja; kellna aktar aċċessibilità għal stazzjonijiet privati ta' televiżjoni li jittrażmettu bis-satellita; it-tieni gazzetta tal-Ħadd bl-ingliż; domanda akbar għall-prodotti *Hi-fi* ta' teknoloġija iktar avanzata; bdejna nagħtu iktar importanza lill-ħin liberu.

Iva, l-ħin liberu, għax wara kollox, li wieħed jisma' r-radju jew jara t-televiżjoni huwa parti, mill-ħin liberu tiegħu. Tant hu hekk li fi stħarriġ li kkummissjona l-Ministeru għaż-Żgħażagħ u l-Kultura kmieni s-sena l-oħra, kien hemm 43% ta' dawk li għandhom 'l fuq minn 10 snin li jqattaw il-ħin liberu tagħhom jaraw it-televiżjoni jew xi *film*. Waqt li 8% fil-mija jisimgħu ir-radju jew il-mużika.

F'dawn l-aħħar tlett snin rajna espansjoni fl-udjenza f'pajjiżna. Minn stħarriġ li għamilna l-MISCO International, joħroġ li 72% ta' persuni li għandhom 'l fuq minn 13-il sena kienu jaraw TVM fl-1990, waqt li llum 88% jaraw TVM. Jekk wieħed jillimita ruħu għall-perjodu ta' ġimgħa naraw li 60% kienu jaraw TVM f'xi ħin waqt żmien ta' sebat ijiem fl-1990, ikkomparat ma 64% fl-1993. L-udjenza totali tat-televiżjoni telgħet minn 85% għall-95% fi tlett snin.

Ta' min jinnota wkoll li l-istruttura ta' l-udjenza ma tantx tbiddlet f'dawn l-aħħar tlett snin. Ukoll, hija simili ħafna għall-istruttura tal-popolazzjoni f'termini ta' età, sess u profil soċjo-ekonomiku.

L-udjenza tar-radju żdiedet b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar tlett snin li juri b'mod ċar li d-domanda setgħet tiflaħ għaż-żieda fl-istazzjonijiet. Il-persentaġġ ta' dawk li jisimghu r-radju telgħa minn 55% għall-85% fi tlett snin. Effettivament in-numru ta' dawk li jaraw TVM huwa kważi daqs ta' dawk li jisimgħu l-istazzjonijiet tar-radju.

Anke għar-rigward tar-radju, l-istruttura ta' l-udjenza hija simili ħafna għall-istruttura tal-popolazzjoni. Din it-tabella tagħtina l-istruttura ta' l-udjenza tar-radju, ta' TVM u tas-*sample* li aħna intervistajna fl-istħarriġ li għamilna għall-Awtorità tax-Xandir.

## PROFILI TA' L-UDJENZA

| Sess | Radju | TVM | Sample |
|---|---|---|---|
| Rġiel | 48.7% | 48.1% | 48.6% |
| Nisa | 51.3% | 51.9% | 51.4% |
| **Età** | | | |
| 14-17 | 7.5% | 7.9% | 7.9% |
| 18-24 | 13.4% | 11.8% | 12.3% |
| 25-34 | 20.7% | 19.5% | 20.4% |
| 35-44 | 21.1% | 21.1% | 20.9% |
| 45-54 | 13.6% | 14.1% | 13.7% |
| 55-64 | 11.7% | 11.7% | 11.4% |
| 65+ | 12.0% | 13.9% | 13.4% |
| **Kategorija Soċjo-Ekonomika** | | | |
| AB | 10.9% | 12.3% | 11.7% |
| C1 | 18.2% | 19.5% | 19.1% |
| C2 | 30.8% | 29.3% | 30.0% |
| DE | 40.1% | 38.9% | 39.1% |

Meta wieħed janalizza f'aktar dettal ir-radju, għadd ta' fatturi nteressanti jiġu nnotati. Il-parti l-kbira tal-persuni jisimgħu r-radju ta' spiss. Fil-fatt erbgħa minn kull ħamsa li jisimgħu r-radju jisimgħuh kuljum. Il-*weekend* jirrapreżenta il-ġranet meta n-nies jisimgħu r-radju l-anqas. Dan ir-riżultat huwa identiku għal dak tat-televiżjoni. Iżda il-Ħadd hija il-ġurnata meta l-gazzetti jinbiegħu l-aktar.

Iż-żewġ tipi ta' programmi prinċipali li jisimgħu n-nies huma l-aħbarijiet u l-mużika. L-importanza tal-aħbarijiet fir-rigward tar-radju trid tiġi enfasizzata. Riżultati komparattivi maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir juru li fl-1993, 43% ta' dawk li jsegwu l-aħbarijiet lokali, semmew ir-radju bħala s-sors. Fl-1992, din iċ-ċifra kienet ta' 41%. Stħarriġ ieħor juri li l-qari ta' gazzetti naqas minn mindu bdew ixandru l-istazzjonijiet privati.

L-importanza tal-mużika tistà turta lil xi wħud. Fil-fatt wieħed jibda jiddubita kemm kienu neċessarji dawn l-iżviluppi fix-xandir meta wieħed jikkonsidra li dan fisser biss li aktar semmiegħa bdew jisimgħu iktar mużika. Jiena nħares lejha mod ieħor.

Li wieħed jismà l-mużika fuq ir-radju mhix xi ħaġa popolari biss f'Malta, iżda anke barra fejn kienu jeżistu stazzjonijiet privati tar-radju qabel ma beda jxandar Radju Malta stess. It-tieni, programmi fejn hemm *interaction* mas-semmiegħa, qed jiżdiedu. Dawn jinkludu programmi ta' parir, programmi ta' diskussjoni, u programmi ta' *entertainment*.

Punt ieħor interessanti huwa li disgħa minn kull għaxra li jisimgħu r-radju qalu li ma hemmx programmi li jixtiequ jisimgħu u li l-ebda stazzjon ma qiegħed jittrażmetti.

Għar-rigward tal-ħin, hemm relattivament ftit semmiegħa bejn nofs il-lejl u s-sitta ta' filgħodu. In-numru jiżdied għal bejn 10% u 15% mis-sitta ta' fil-għodu sas-sebgħa, u mbagħad għal bejn 22% u 29% mis-sebgħa sad-disgħa. Il-*peak* jintlaħaq bejn id-9.00 a.m. u n-nofs siegħa fejn huwa bejn 32% u 37%. Minn nofs siegħa 'l quddiem hemm tnaqqis gradwali. Ivarja bejn 17% u 24% sas-sitta u nofs ta' fil-għaxija, u mbagħad bejn 12% u 14% sat-tmienja. L-udjenza terġa tonqos progressivament wara t-tmienja.

Il-*patterns* kif in-nies jaraw it-televiżjoni huma simili għal dawk tar-radju f'ħafna rispetti. Il-maġġor parti tan-nies jaraw it-televiżjoni kuljum, bl-akbar numru ta' telespettaturi matul il-ġimgħa.

Bħar-radju, il-programm prinċipali li n-nies jaraw huwa l-aħbarijiet. Il-ħin meta n-nies jaraw it-televiżjoni huwa kkonċentrat bejn is-sebgħa u l-ħdax ta' fil-għaxija. Fil-fatt il-persentaġġ ta' telespettaturi jitla' biss sa 3 % fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu, u sa inqas minn 10% sas-sitta ta' fil-għaxija. Jitla' sa 18% fis-siegħa li jmiss u jilħaq massimu ta' bejn 50% u 62% bejn it-8.00 u 9.30 ta' fil-għaxija. In-numru jibda jonqos wara d-9.30 u jinżel għal anqas minn 10% sa nofs il-lejl.

Mill-istħarriġ li għamlet il-MISCO International lill-Awtorità tax-Xandir, joħroġ li TVM huwa l-istazzjon l-aktar li huwa segwit, u l-istazzjonijiet tal-Fininvest għandhom sehem ta' l-udjenza akbar minn dik tar-RAI.

Il-*viewership* ta' TVM hija inqas mill-*viewership* ta' l-istazzjonijiet Taljani kollha f'daqqa. Din is-sitwazzjoni hija simili għal dik li toħroġ minn riċerka oħra li saret tlett snin ilu. Tlett snin ilu, iżda, l-istazzjonijiet tar-RAI kellhom sehem akbar minn dik ta' l-istazzjonijiet tal-Fininvest.

Meta wieħed jara l-varjazzjoni kbira fil-livelli ta' l-udjenza kemm għar-radju kif ukoll għat-televiżjoni matul il-ġurnata, wieħed jistaqsi jekk nafux biżżejjed dwar l-udjenza tagħna. Bilfors li hemm mod kif wieħed ikollu varjazzjonijiet anqas drastiċi, speċjalment meta l-*peak* huwa ristrett għall-ftit wisq sigħat.

Diġà ħarisna lejn is-segmentazzjoni ta' udjenza fuq bażi demografika. L-istħarriġ li ġie ppublikat jipprovdi għal analiżi aktar dettaljata ta' dan it-tip ta' segmentazzjoni. Iżda irridu nħarsu aktar mill-viċin lejn metodi oħra ta' segmentazzjoni. Għar-rigward tal-*media*, segmentazzjoni nteressanti li wieħed jista' jagħmel hija dik li ġiet deskritta bħala l-burdata tas-semmiegħa jew tat-telespettaturi.

Ix-xandir jista' jeżisti biss jekk hemm udjenza, magħmula minn persuni, li kull wieħed minnhom jibni f'moħħu stampa ta' stazzjon tar-radju jew tat-televiżjoni skond il-

bżonnijiet tiegħu, l-ideat tiegħu, l-imġieba tiegħu. Il-burdata tal-persuna hija riflessa f'dawn il-bżonnijiet, ideat u imġieba, u għalhekk id-deċiżjoni ta' liema stazzjon jisma' jew jara tiddependi fuq il-burdata ta' dik il-persuna f'dak il-ħin partikolari.

Min ixandar irid jifhem dawn il-burdati, u jrid jiddeċiedi jekk il-programmi tiegħu għandhomx ikunu konsonanti għalihom. X'inhuma dawn il-burdati? Ħa nieħdu eżempju ta' xi ħadd fis-sebgħa ta' fil-għodu, ftit wara li jqum. Persuna f'aptit li ssir taf aktar għandha bżonn stazzjon tat-televiżjoni li malajr kemm jistà jkun, tagħtiha l-opportunità li terġa' tinserixxi ruħha fil-ħajja ta' kuljum. Il-ħajja baqgħet għaddejja mingħajrha għal dawn l-aħħar tmien sigħat u għandha bżonn issir taf x'ġara, tifforma opinjoni malajr.

Minn naħa l-oħra, għandna persuna oħra li għandha bżonn tiffaċċja d-dinja b'mod aktar gradwali. Għandha bżonn tiġi assigurata li kollox huwa sew u għandha bżonn issib il-*bearing* tagħha qabel ma tibda l-ġurnata.

Imbagħad hemm dik il-persuna li tħobb id-divertiment. Din mhix interessata fl-aħbar tal-ġurnata f'dak il-ħin partikolari, jekk m'għandiex x'taqsam mal-ħin liberu tagħha. Din il-persuna qegħda sempliciment tfittex li tiddeverti ruħha permezz ta' l-istazzjon li qed ixandar.

Għandna wkoll dawn li jafu kollox. Dawn forsi ifittxu li jiġu nfurmati jew jiddevertu ruħhom. Iżda jiddejqu b'familjarità żejda jew jiddejqu b'xi ħadd li qed jaqra l-aħbarijiet li qed jinterpretahom b'mod li huma ma jaqblux miegħu.

Nistgħu inkomplu sejrin hekk, naqsmu il-ġurnata b'dawn l-hekk imsejjħin burdati. Per eżempju persuna f'burdata li ssir taf aktar, tista' filgħaxija, tfittex li tisma' jew tara programm fuq l-ambjent jew fuq l-aħħar skoperta medika.

Min iħobb id-divertiment, f'xi ħin tal-ġurnata, jista' jfittex l-aħbarijiet li huma ppreżentati b'mod ironiku jew sarkastiku.

Ħaġa li rridu nżommu f'moħħna hi li dawk li qed nitkellem dwarhom m'humiex karattri li jeżistu bħala individwi. Qed niddeskrivi stat, li bilfors, il-ħin kollu jinbidel. Għalhekk, f'ċirkostanzi differenti, dak li jaf kollox, jidħol f'burdat ta' divertiment, jew f'burdata li jsir jaf aktar.

Dak li tgħidilna tip ta' segmentazzjoni bħal din hu li rridu nidentifikaw aħjar il-burdati ta' l-udjenza u nagħmlu żgur li l-programmi tagħna jappellaw għal dawn il-burdati. Peress li ma nistgħux inkunu kollox għal kulħadd il-ħin kollu u għalhekk irridu niffokaw il-programmi tagħna aħjar.

Din id-diskussjoni fuq l-udjenza, kemm hi kbira jew żgħira, in-natura tagħha, il-mod kif taħseb, tagħmilha neċessarju li nistħarrġu s-suq b'mod iktar komprensiv. Li nkejlu l-udjenza huwa l-aspett tar-riċerka l-aktar użata, peress li l-informazzjoni tista' tissarraf fi flus fid-dinja tar-reklamar.

Iżda enfasi kbira li qed inpoġġu f'kemm huma kbar l-udjenzi tagħna hi fl-opinjoni tiegħi żbaljata. Meta nitkellmu fuq stħarriġ fix-xandir, ma' rridux nitkellmu biss fuq l-eluf li qed jisimgħu r-radju jew jaraw it-televiżjoni f'dak il-ħin. Sfortunatament l-attitudni tagħna parrokkjali li n-nies iridu jkunu jafuna bħala l-akbar, l-ewwel, l-aqwa, jew liema aġġettiv superlattiv ieħor ser naħsbu fih, iwaqqafna milli niffokaw fuq aspetti iktar importanti ta' l-istħarriġ tal-*media*.

Irridu nagħmlu iktar stħarriġ fuq il-prodott li qed noffru, ħalli jkollna programmi aħjar jew skedi aħjar. Irridu nagħmlu aktar riċerka fuq l-ippjanar tar-reklami biex insiru nafu aktar dwar kif nistgħu nilħqu t-*target audiences* tagħna aħjar. Irridu nkejlu kemm in-nies qegħdin jieħdu gost bill-programmi u nqabblu dawn ir-riżultati ma' programmi oħra fl-istess serje, jew programmi oħra ta' l-istess ġeneru fuq stazzjonijiet oħra. Irridu nistħarrġu b'mod aktar eżatt dik il-parti ta' l-udjenza, li l-istazzjon tagħna ikun qed jipprova jilħaq.

Irridu nħarsu iktar mill-viċin lejn l-imġieba, lejn l-attitudni u l-*perceptions* tat-*target audiences* tagħna. Irridu nifhmu aħjar dik li tissejjaħ *brand recall*. F'dan il-kuntest

importanti li ngħidu li n-numru ta' nies li jiftakru r-reklami li jkunu raw jew semgħu huwa tradizzjonalment baxx. Iżda dawk li jgħidu li ħadu gost bil-programm jiftakru ħafna aktar x'reklami kienu hemm waqt il-programm.

Meta nafu wkoll kemm ix-xandir jinfluwenza l-imġieba tan-nies irridu nistħarrġu l-valuri tas-semmiegħa u tat-telespettaturi, naraw x'influwenza għandhom tipi ta' programmi fuq dawn il-valuri. Fi kliem ieħor irridu nifhmu aħjar r-raguni li hemm wara dawn in-numri.

Wieħed forsi jixtieq li kienet biss kwistjoni ta' numri. Mhux hekk u m'għandniex inħalluha tkun hekk, inkella ma nkunux qed nagħmlu stħarriġ serju. Anzi aħjar ma nagħmlu stħarriġ xejn.

Irridu nifhmu wkoll li r-riċerka ma tagħtix soluzzjonijiet. Ir-riċerka tipprovdi nformazzjoni li tkun ta' għodda biex wieħed jasal għall-aħjar soluzzjoni possibbli.

Rajna wkoll ċertu nuqqas ta' ftehim fuq x'hinu stħarriġ. Jekk wieħed juża l-metodoloġija tajba, l-istħarriġ jagħtik stima ta' x'inhi s-sitwazzjoni, li tkun rappreżentattiva tas-sitwazzjoni totali.

Il-metodoloġija trid tagħti każ tad-daqs tal-kampjun, l-għażla tal-kampjun, il-metodu tal-*interviewing*, u l-mod kif ir-riżultati huma analizzati. L-importanti hu li l-istħarriġ ma jippretendix li hu xi ħaġa iktar milli fil-fatt hu.

F'dan l-istadju hu importanti li naraw ftit mill-iżviluppi ta' dak li qed jiġri barra minn Malta. Stħarriġ ġenerali għadhom u jibqgħu jeżistu fuq bażi ta' intervisti personali.

Iżda tingħata importanza kbira lil tip ta' *surveys* speċifiċi. Metodi elettroniċi li semma' Roland Flamini huma użati f'kull pajjiż tal-Komunità Ewropea. Dawn il-metodi ikejjlu n-numru ta' telespettaturi kull kwarta. Issa hemm pressjoni li nkejjlu dan in-numru kull minuta.

Dan l-istħarriġ jipprovdi n-numri u jsir miegħu stħarriġ ieħor ta' natura kwalitattiva u kwantitattiva.

Fir-rigward tar-radju kien hemm attentat biex jiġu introdotti dawn il-*meters,* iżda dan ma kienx prattiku. Għalhekk hemm żewġ tipi ta' metodoloġija: id-*diary* u *the day-after-recall method.*

Fl-Ewropa kollha hemm sforz kbir biex nistħarrġu l-lealtà tal-udjenza; l-istil ta' ħajja, attivitajiet personali tas-semmiegħa jew tat-telespettaturi; ir-relazzjoni bejn l-*expectations, perceptions* u dak li fil-fatt jiġri.

Fil-fatt l-istħarriġ tal-*media* qed isir dejjem iktar specjalizzat u probabbilment huwa l-qasam tar-riċerka fejn il-metodoloġija qed issir iktar sofistikata.

Fejn hu post Malta f'dan kollu? Nixtieq nirrispondi din il-mistoqsija billi għall-mument nagħmilha ta' profeta u ngħid x'nixtieq nara jien li jsir.

Nixtieq nara iktar *data* tiġi ġġenerata. Iżda mhux biżżejjed li niġġeneraw iktar data. Irid ikollna il-kapaċita nittrasformaw din id-*data* f'informazzjoni għal min qiegħed ixandar, min jirreklama, l-Awtorità tax-Xandir, l-istituzzjonijiet li jridu janalizzaw it-*trends* soċjali, politiċi, u ekonomiċi f'dan il-pajjiż. Irridu nimxu lil hemm minn sempliċi għadd ta' numri għall-informazzjoni dwar x'hemm wara dawn in-numri.

Iżda irrid nara wkoll xaqliba minn informazzjoni ta' natura ġenerali għal informazzjoni ta' natura speċifika. Irridu niffokaw fl-istħarriġ tagħna fuq *segments* speċifiċi tas-suq, *issues* speċifiċi, programmi speċifiċi, *habits* speċifiċi.

Nixtieq nara inqas inġenjużità fuq il-parti ta' min jirreklama jew ta' min ixandar billi nħarsu biss lejn in-numri, jew *cost per thousand,* mingħajr ma nikkwalifikawha b'*target audience*, jew xi forma oħra ta' kejl li llum huma sorpassati.

Nixtieq nara wkoll stħarriġ Malti jifforma parti minn stħarriġ internazzjonali. Aħna

bħala MISCO International diġa' nagħmlu stħarriġ fuq ħafna prodotti bħala parti minn stħarriġ internazzjonali. Importanti li l-istħarriġ dwar ix-xandir ikun parti minn dan il-*bandwagon*.

Għandna bżonn nanalizzaw aktar fil-fond ċerti *issues,* li fil-preżent bil-kemm qed jissemmew. *Issues* bħal l-effett tax-xandir fuq il-valuri tal-popolazzjoni, l-effett tal-pluraliżmu fix-xandir fuq il-kwalità tal-ħajja, l-effett tar-reklami.

Dan kollu jista' jidher bħala aġenda twila. Dak li għandu jikkonvinċina li nesegwuha hija dik li tissejjaħ il-*Marketing Paradigm*, u kif din inbidlet matul is-snin.

Fil-bidu konna ngħidu li l-orjentazzjoni tas-suq hija meta nissodisfaw il-bżonnijiet ta' l-udjenza tagħna. Imbagħad saret tfisser li l-udjenza tagħna tingħata dak li qed tistenna. Illum tfisser li tagħti iktar minn dak li l-udjenza tagħna qed tistenna.

Jiġifieri li nagħtuha gost. U biex nagħtuha gost huwa importanti li tkun taf l-udjenza tagħna. Harry Warner, famuż għall-films tiegħu, qal 72 sena ilu "*Who the hell wants to hear actors talk*?" Hawn xi ħadd li jrid jagħmel xi stqarrija simili?

Għandna lkoll naħdmu biex nagħmlu progress fil-qasam tar-riċerka fix-xandir - li lkoll kuntenti li sar fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-pluraliżmu.

## DISKUSSJONI

**Is-sur Frank Salt:** As Mr Formosa stated very clearly in his talk, a station stands or falls by the amount of people who listen to the station. Therefore, the surveys carried out by the Broadcasting Authority, which is supposed to be the bible, has got to be extremely accurate, which means that every area of Malta has got to be covered so that every station has the most accurate figures available to that station that has got to survive commercially.

Even an English language radio station like Island Sound has got listeners who are not registered in the electoral register. They are tourists, they are residents, they are expatriates working in Malta, and these have got to be included as listeners to that station, because as a commercial station the figures given by the Authority have got to include anybody who can listen to a radio station and can be influenced by any advert played on that radio station, and that is the difference between a commercial radio station and a station which does not necessarily have to make money.

So, rather than a dipstick type of survey which was carried out this year, a survey much more detailed should be carried out next year which will include every listener that every station has that is registered with the Broadcasting Authority. And if the Broadcasting Authority is not prepared to give accurate figures for every single station, including an English language commercial radio station, then why did they give us a licence in the first place?

**Is-sur Joe Brockdorff:** Mr Salt stresses the fact that in addition to listeners registered on the electoral register there are also tourists who visit the Island. On average the number of visitors to the Island, (if you take the number of visitors to the Island and the average stay of a visitor to Malta is thirteen days) amounts to something like 10% of the population of Malta. You also have to assume that all these

visitors to Malta can all understand English and have the same life habits to be of any statistical significance.

**Is-sur Lawrence Zammit:** Mr Salt questioned the element of accuracy in a survey. As I said before, accuracy of any survey should be as much as it is claimed. The survey is as accurate as the organization that does that survey claims it to be. So before one judges the accuracy of a survey, one has to be careful that what it claims to be is what it is.

Mr Salt mentioned the element of tourists; my own feelings about the question of tourists is that, if they are an important feature of the radio audience then they should be studied separately. They should definitely not be involved in the study which covers the Maltese population. They have different habits, and they should be studied separately. One cannot even tackle tourists like we tackle the Maltese population. You cover them at one point in time in a year, because the profile of the tourist that comes to Malta differ for the various times of the year. Probably, to do it correctly, you will have to do about four or five different surveys throughout the year covering all tourists at various times of the year. I think that is the only way it should be tackled if at all decided by the Broadcasting Authority in the long run.

**Mr Chairman:** That was exactly our view when we discussed this at length with Mr Salt and among ourselves at the Authority.

## Ix-Xandir u l-Politika



### AUSTIN GATT
*Segretarju Ġenerali*
*Partit Nazzjonalista*

L-Avukat Austin Gatt huwa s-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista. Huwa għandu diversi karigi fil-Partit fosthom dik ta' Chairman ta' Multi Comm Ltd., il-kumpanija responsabbli għat-tmexxija ta' l-istazzjon Radio 101.

## Dr. Austin Gatt

# Ix-Xandir u l-Politika

L-ewwel ħaġa huwa pjaċir tkun hawn ġurnata sħiħa u naħseb illi kif beda ċ-Chairman, veru, partiti u xandir huma ntimament marbutin flimkien. U hija rabta li naħseb ma tul is-snin ma tantx kienet xi relazzjoni faċli. Però lanqas għandna nistgħaġbu illi din ir-rabta teżisti, għax fl-aħħar mill-aħħar, il-mestier ta' partit politiku hu proprju l-iżvilupp u l-komunikazzjoni ta' ideat. Jekk partit politiku ma jikkomunikax, m'għandux ċans li jiġi elett.

Politika hi l-idejazzjoni ta' *policies* u l-komunikazzjoni tagħhom. Ix-xandir huwa fil-kamp kif twassal dawk l-ideat, jiġifieri li jkun hemm dan l-abbinament, jien ma nara xejn stramb fih anzi narah l-iktar ħaġa neċessarja u tant għarafna, mhux issa bħala partiti, però bħala bnedmin, bħala socjetà, illi l-mezzi ta' komunikazzjoni huma essenzjali għall-iżvilupp mhux biss tal-partiti iżda tas-soċjetà, illi wieħed mill-iktar drittijiet antiki li ġew akkwiżiti wara r-Revoluzzjoni Franċiża kienet proprju d-dritt li kulħadd, indistintament, għandu dritt jippubblika gazzetta.

Illum, li mal-gazzetti żdiedu mezzi ta' komunikazzjoni oħra u ħafna aktar effettivi, ma jidhirlix li hu loġiku li ngħidu li l-istess prinċipju m'għandux jiġi applikat għal dawn il-mezzi. Il-progress biddel biss il-mezz ta' informazzjoni u mhux il-prinċipju. U jiena nistagħġeb ukoll li nisma' kummenti dalgħodu illi qishom jridu jaqilbu dan il-prinċipju issa ta' taħt fuq. Jew ngħidu li kulħadd għandu d-dritt illi jxandar, mbagħad nidħlu fil-kwistjoni tal-mezzi aktar il-quddiem jew inkella ngħidu illi parti limitata tas-soċjetà għanda dritt l-ixxandar. Però ma nistgħux nasserixxu l-prinċipju illi kulħadd għandu dritt jikkomunika l-ideat u mbagħad ngħidu li l-partiti politiċi huma suwed u, allura, dawn m'għandhomx id-dritt li jikkomunikaw dawn l-ideat. Sa fejn naf jien, u sa fejn

naħseb li tafu intkhom ukoll, id-demokrazija moderna żviluppat mhux bħal demokrazija diretta però demokrazija ndiretta.

L-użu tal-partiti politiċi, bil-ħażin kollu li għandhom il-partiti politiċi, huwa l-uniku mezz prattiku biex taħdem id-demokrazija. U jekk se nibdew bi prinċipji, kif kien hemm ċertu asserzjonijiet dalgħodu, illi l-partiti politiċi huma t-tfal iltiema tas-soċjeta' u allura dawn m'għandhomx id-dritt għall-komunikazzjoni bit-televiżjoni jew bir-radju, għax fil-gazzetti ħadd ma jikkontestah dan, allura naħseb li qegħdin nkunu nattakkaw direttament il-kunċett sħiħ tad-demokrazija.

Il-Partit Nazzjonalista ilu jistqarr mill-aħħar tas-snin sebgħin li hu favur il-pluraliżmu fl-oqsma kollha tax-xandir. Ma nemmnux fil-monopolji fejn mhux meħtieġa u żgur li m'għandux ikun hemm monopolji fejn jidħlu mezzi għall-komunikazzjoni ta' ħsieb u ideat. Wettaqna dak li nemmnu fih meta daħħalna l-pluraliżmu fir-radjijiet u issa kburin ukoll li bdejna t-triq tal-pluraliżmu fix-xandir bit-televiżjoni.

Il-konverżjoni tal-Partit Laburista għall-aċċettazzjoni tal-kunċett pluralistiku hi, kif nafu lkoll, konverzjoni riċenti ħafna. Aktar milli konverzjoni ġenwina hi, kif stqarru huma stess diversi drabi, aċċettazzjoni ta' stat ta' fatt. B'danakollu xorta nilqawh b'sodisfazzjon mhux tant biex ngħidu "ara ġew magħna" iżda għaliex jekk ma jkunx hawn konsensus wiesgħa fuq dan il-prinċipju nirriskjaw li l-prinċipju stess ma jitwettaqx, jew immorru lura għall-sitwazzjonijiet li, fl'opinjoni tagħna, huma sitwazzjonijiet indesiderabbli.

Il-prinċipji huma ndubjament importanti iżda naħseb li jkun tajjeb li nagħtu ħarsa realistika jekk f'dan il-pajjiż dan il-prinċipju jistax jitwettaq.

Jekk il-pluraliżmu se jissarraf biss fi stazzjonijiet tal-partiti mhux se jkollna pluraliżmu iżda partitokrazija. Jekk il-pluraliżmu se jfisser xi erba' stazzjonijiet ta' kaf kaf, kif insibu ħafna minnhom fl-Italja, se jkollna pluraliżmu mingħajr telespettaturi. Jekk il-pluraliżmu se jkun biss ta' xi *ego trip* ta' xi individwu mingħajr relazzjoni mar-

realtajiet finanzjari, ma naħsibx li l-pluraliżmu se jkun magħna għal wisq żmien.

Meta fl-1979 il-Partit Nazzjonalista kien applika għal liċenzja biex ixandar, il-Prim Ministru Laburista ta' dak iż-żmien qalilna li ħadha b'ċajta. Fl-opinjoni tiegħi, il-Partit Laburista jħobb jiċċajta sew f'dawn l-affarijiet għaliex qiegħed jgħid li b' Lm 50,000 sa jarma stazzjon tat-televiżjoni. Ilkoll nafu hawn li b'ħamsin elf lira lanqas servew biex narmaw stazzjon tar-radju aħseb u ara kemm narmaw bihom stazzjon televiżiv sura ta' nies.

Qed ngħid dan mhux biex nagħmel xi punt politiku iżda biex nenfasizza li l-attwazzjoni tal-pluraliżmu veru, fejn għandek numru ta' stazzjonijiet ta' livell aċċettabbli u li iffunzjonaw b'suċċess, iqum il-mijiet ta' l-eluf ta' liri mhux biss biex tibda, iżda kull sena. Ngħid ċar u tond li dawn l-eluf il-Partit Nazzjonalista ma għandux.

J'Alla jien skorett f'dan l-*assessment* u nispera li ma niġix misinterpretat li qed ngħid dan għaliex il-Partit Laburista hu kommess li jiftaħ stazzjon. Bi flushom - u flus għandhom - jagħmlu li jridu. Il-Partit Nazzjonalista ma jistax ma jappoġġax l-inizjattiva tal-Partit Laburista però ovvjament ma nistax nawguralhom suċċess fl-istess ħin.

Fl-aħħar mill-aħħar hu tajjeb li ngħaddu minn din l-esperjenza għaliex il-ġudizzju veru jista' jtih biss it-telespettatur. U hawn, ippermettuli nitlaq ftit minn dan li ppreparajt, biex f'dan il-kuntest nikkumenta ftit x'intqal dalgħodu. Jiena dalgħodu bdejt nisma' ċerti kummenti, *tipo*, għaliex diversi nies daħlu għall-istazzjonijiet tar-radju qisu hawn xi dritt sagrosant għal min daħal għaliha li jagħmel xi profitt. Bdejt nisma' kummenti fis-sens x'jiġifieri qed nitilfu l-flus? X'jiġifieri hawn *cost cutting f'advertising*? Jien kultant nibda ngħid m'aħniex qed ngħixu fid-dinja.

Jiena naħseb li aħna l-uniku pajjiż fid-dinja fejn it-tlett gazzetti ta' kuljum jagħmlu kartell bejniethom biex iżommu l-prezzijiet tar-reklami fl-istess livell. Fil-verità mhux

hekk jiġri. Nafu lkoll, it-Times tiddeċidi s-suq, tgħolli t-Times jew tnaqqas it-Times u jsegwu l-gazzetti l-oħra. Sa fejn naf jien, f'kull pajjiż fid-dinja s-suq ta' l-*advertising* huwa ħieles huwa relatat ma' l-*audience share* tal-*media* li hemm u jifflattwa regolarment.

Jiena nibża' wkoll minn dak li bdejt nisma' dalgħodu illi mhux il-telespettatur huwa l-'*king maker*' ta' kollox. Irridu qisna nimponu l-valuri ta' min ixandar fuq min jisma'. Irridu ngħidu aħna tajbin biex inxandru mela nxandru aħna biss u t-telespettaturi jew is-semmiegħa, mhux nagħtuh l-għażla biex jagħmel hu u jiddeċidi hu min hu b'saħħtu jew min mhux b'saħħtu, jew min hu aċċettabli jew min mhux aċċettabli. Imma naqilbu dan kollu ta' taħt fuq u minn flok allura mmorru għad-demokrazija u ngħidu f'din id-demokrazija jridu jfallu xi nies ukoll għax għamlu *assessments* ħżiena. Din hija l-ekonomija tas-suq u din hija d-demokrazija. M'għandniex nużaw l-argumenti ekonomiċi, l-argumenti tal-għeluq tas-suq biex niġġustifikaw l-impożizzjoni ta' fuq. Jiena kont ħsibt illi f'dan il-pajjiż dawn it-tip ta' ġudizzji spiċċaw darba għal dejjem.

Nemmen li r-realtà sa turina li mhux kulħadd kapaċi jkollu stazzjon televiżiv u dan jiena jbeżżani u għalhekk nistaqsi: jekk mhux ser ikollna pluraliżmu veru fil-prattika x'se nagħmlu? Ser nibqgħu kif aħna?

Qabel ma naraw x'jista' jsir irridu bilfors nanalizzaw is-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum.

Qabel xejn aħjar niżgumbraw il-kamp minn affarijiet li joħolqu problemi.

Fl-oqsma tal-gazzetti u tar-radjijiet il-partiti ma jgorrux dwar żbilanċ, indħil jew tbabis. It-tnejn li aħna għandna l-gazzetti u r-radjijiet, it-tnejn nagħżlu kuljum x'inhu l-aktar importanti li nirrappurtaw u t-tnejn kuljum niddeċiedu kif u x'importanza nagħtu lil kull aħbar. U irrid inżid ukoll, li kuljum l-qarrejja jew is-semmiegħa jiddeċiedu lil min iridu jisimgħu. Bħal partiti, jagħmlu l-gazzetti u r-radjijiet l-oħra li jeżistu.

Fix-xandir bit-televizjoni iżda, nafu li s-sitwazzjoni hi għal kollox differenti. Iż-żewġ partiti m'humiex kuntenti kemm kif jaħdem il-P.B.S. kif ukoll bl-Awtorità tax-Xandir. Din l-insodisfazzjoni hi xi ftit ta' sorpriża għaliex jekk hemm post fejn jeżistu strutturi influwenzati, direttament jew indirettament mill-partiti, hu proprju fil-P.B.S. u fl-Awtorità tax-Xandir.

Fil-P.B.S. nafu li t-tmexxija hi f'idejn persuni li huma nominati mill-Gvern. Iżda nafu wkoll li l-maġġoranza kbira sew tan-*newsroom* huma nies li ġew impjegati fi żmien Gvern differenti.

Dan il-bilanċ apparenti fl-istruttura tal-P.B.S. hu aktar evidenti fejn tidħol l-Awtorità tax-Xandir billi nafu li kull partit, bażikament, jinnomina żewġ membri tagħha.

Il-bilanċ partitokratiku apparenti, iżda mhux qed iwassal biex il-partiti politiċi jkunu kuntenti bil-prodott li qed jingħata - eżempju ċar, fl-opinjoni tiegħi - li f'ċerti oqsma l-influwenza tal-partiti ma hi ebda garanzija ta' suċċess.

Iżda' l-problema mhix qiegħda hawn u nispera li ma nismax lil xi ħadd jgħid, bħas-soltu, li la ż-żewġ partiti qed igorru allura bilfors li l-P.B.S. u l-Awtorità mixjin tajjeb. Il-problema vera hi li l-kunċett ta' imparzjalità hu kunċett totalment soġġettiv, ma tistax tkejlu bi kriterji oġġettivi u konsegwentement dak li hu mparzjali għalik mhux neċessarjament imparzjali għalija - aħseb u ara kemm se jkun imparzjali għaż-żewġ partiti.

Meta konna żgħar tgħallimna li Alla biss għandu l-monopolju tal-verità iżda aħna nippretendu li kuljum il-P.B.S. jaghmluha ta' allat zghar fid-deċizjoni ta' x'jirrappurtaw, kif jirrappurtaw u x'importanza jagħtu għal kull storja. U noħorġu l-*stop watches* biex niżguraw li l-verità hi wkoll bilanċjata, kontrosens fit-termini, għax jekk int assolutament u kompletament imparzjali l-bilanċ hu nsitu fl-imparzjalità nnifisha.

F'dan il-kuntest irrid ngħid li meta qed nitkellem dwar imparzjalità mhux qed nifhem

l-obbligu li tirrapporta kull naħa ta' l-argument, obbligu li fl-opinjoni tiegħi hu bilanċ u mhux imparzjalità. Bil-kelma imparzjalità jien nifhem l-obbligu tal-ġurnalist li ma jagħti ebda *slant* lill-istorja, la apparenti u l-anqas moħbija, li jiġġudika jekk hiex ta' *news value* fuq kriterji strettament ġurnalistiċi - kriterji li fl-istess ħin ma nafx kif tiddefinihom - u jittratta storja mingħajr ma jħalli l-*punto di vista* tiegħu jinfluwenżah.

Jiena naħseb kellna każ klassiku ta' kif tista' tinterpreta l-istess fatt b'mod differenti fuq il-livell tal-imparzjalità. Fuq dan il-podjum hawn jien u s-sur Jimmy Magro, ovvjament is-segretarji ġenerali tal-partiti li huma rappreżentati fil-Parlament. Is-sur Joe Azzopardi li tkellem qabilna, probabbilment jgħidlek li dan huwa żbilanċ. Din mhix imparzjalità, għax hu partit daqsna u jmissu jpoġġi ħdejna mhux jitkellem qabilna.

Jien, mill-*punto di vista* tiegħi, ngħid le. Jiena nippreferi li nitkellem waħdi kif tkellem is-sur Azzopardi għax għandu l-attenzjoni kollha fuqu u mhux ser naqsam l-attenzjoni. Dan huwa tipikament kif iħarsu l-affarijiet in-nies lejn l-istess fatt u jinterpretawh b'mod differenti.

Ħaġa oħra, u hawn niddivaga minn dak li lestejt, hija l-idea li ssemmiet dalgħodu illi ser jkollna *media* li mhix kontroversjali. Jien ma nistax nimmaġina l-ebda *media* li hi nteressanti u mhix kontroversjali. Ma nafx minn iħobb jara xi stazzjonijiet fejn m'għandekx il-kontroversja insita f'dak li qiegħed jiġri ma' dwarek. M'inix nitkellem fuq *media* li jagħtu nformazzjoni, kultura, eċċ. Għaliex il-programmi li naraw kuljum fuq ir-RAI huma nteressanti, għaliex huma kontroversjali: għax min imexxihom, imexxihom lejn ċertu konklużjonijiet. Iħalli lil kulħadd liberu biex jesprimi l-opinjoni tiegħu, però, hemm insitu ġo fih li jrid jasal għal x'imkien.

Ebda wieħed mill *hosts* tat-*talk shows* tar-RAI m'hu mparzjali u anqas jgħid li hu. Hawn Malta jrridu li jkollna televiżjoni li huwa interessanti, però fl-istess ħin mhux kontroversjali. Jiena naħseb illi din hija ħaġa fiżikament impossibbli, aħseb u ara kemm mentalment possibbli.

Fl-opinjoni tiegħi, l-imparzjalità fil-ġurnaliżmu hu kunċett idealistiku li ma jistax realistikament jintlaħaq. Ma naf bl-ebda ġurnal f'Malta u f'barra minn Malta li jsejjaħ lilu nnifsu mparzjali. Ma naf bl-ebda stazzjon televiżiv li ma jagħtix *slant*. Għandi ma ntqajt ma' ebda editur jew ġurnalist ta' gazzetti jew ta' televiżjoni li jsostni li l-veduti personali tiegħu ma jeffettwawx l-għażla ta' l-aħbarijiet jew kif jiġu jppreżentati.

Iżda' f'Malta nippersistu li rridu l-imparzjalità u issa, biex inkunu konsistenti, m'għandix dubju li l-Awtorità tax-Xandir sejra mhux biss teżiġi iżda sejra tara li l-imparzjalità tiġi osservata wkoll mill-Partit Laburista meta jibda jxandar bit-televiżjoni! U m'għandix dubju wkoll li l-istess Partit Laburista hu ħerqan biex ma jiksirx il-kostituzzjoni. U għalhekk sejjer ikun imparzjali meta jibda jxandar.

Dan l-*impasse* m'aħniex se noħorġu minnu jekk m'aħniex lesti biex inbiddlu strutturi u kunċetti li m'għadhomx rilevanti llum. Qed naħdmu bi strutturi u kunċetti idejati fil-bidu tas-sittinijiet fejn l-aqwa u l-uniku forza fix-xandir kien ir-Rediffusion. Ma tistax tirrivoluzzjona x-xena tax-xandir u fl-istess ħin ma twettaqx l-istess rivoluzzjoni fl-istrutturi u l-kunċetti li suppost jikkontrollawh.

Diġa' spjegajt li l-pluraliżmu tal-liċenzji televiżivi jista' jirriżulta li jkun ħolma. J'Alla li ma jkunx hekk! Iċ-ċertezza hi, iżda, li se jkun pluraliżmu limitat għal min għandu s-saħħa finanzjarja li jidħol għalih. Dan kollu jwassalni biex insostni li indipendentement minn dan il-pluraliżmu, l-Istat għandu l-obbligu li jwettaq il-pluraliżmu fuq il-mezzi tax-xandir li għalihom hu responsabbli. U meta f'dan il-kuntest qed nitkellem dwar pluraliżmu mhux qed nitkellem dwar aċċess akbar għal partiti politiċi, iżda aċċess għal kulħadd.

Bażikament, il-partiti politiċi jistennew żewġ affarijiet mix-xandir:

- li jkollhom spazju biżżejjed biex iwasslu l-opinjonijiet tagħhom;
- li x-xandir ta' l-Istat ma jiffavorixix xi parti jew oħra fil-*coverage* li jagħti.

Ma naħsibx li partit politiku jinteressah li jkollu stazzjon televiżiv jew tar-radju biex

jagħmel il-flus u wisq anqas biex jittrażmetti *films* jew idoqq id-diski. Kemm il-darba l-organizzazzjoni tax-xandir statali jissodisfa ż-żewġ kriterji fuq imsemmija naħseb li m'hemmx wisq sens li l-partiti jkunu involuti direttament fix-xandir. Ġew involuti proprju għax iħossu, tajjeb jew ħażin, li l-organizzazzjoni statali ma tissodisfax l-aspettattivi tagħhom.

Is-soluzzjoni li jien noffri, u nenfasizza jien u mhux il-Partit Nazzjonalista, mhux bħala alternattiva għall-pluraliżmu iżda parallela miegħu, hu kanal televiżiv speċifiku immexxi mill-Awtorità tax-Xandir u li jagħti lill-partiti politiċi u organizzazzjonijiet non-politiċi ħin wiesgħa sabiex itellgħu l-programmi li jridu, u parzjali u żbilanċati kemm iridu. Min irid jismagħhom jogħxa u min idejqu jaqliblu.

Din mhix xi idea nnovattiva. Hi sempliċement l-użu b'mod differenti tal-*Community Channel* diġa previst għall-*Cable*. Ċertament, ikun hemm diffikultajiet biex wieħed jattwa dan il-ħsieb, iżda mhux se jkun hemm diffikultajiet wisq akbar sabiex twaqqaf u tmexxi professjonalment stazzjon tat-televiżjoni?

L-aktar aspett pożittiv ikun li minn naħa l-partiti politiċi jakkwistaw awtonomija fuq dak li jipproduċu u garanzija ta' aċċess regolari u minn naħa l-oħra nnevitabbilment jonqsu l-*pressures* politiċi fuq ix-xandir ta' l-Istat.

La jonqsu l-*pressures* tal-partiti politiċi fuq il-P.B.S. ikun hemm aktar possibbiltà li s-servizzi tiegħu jitjiebu. Ma jfissirx li l-partiti se jaċċettaw xi tip ta' parzjalità iżda żgur li jkun hemm aktar possibbiltà li l-bilanċ jiġi nterpretat b'mod aktar immaġinattiv milli jiġri llum. Organizzazzjonijiet li m' humiex politiċi jakkwistaw ukoll spazju fejn isemmgħu leħinhom, avvanz essenzjali jekk irridu pluraliżmu veru.

U dan kollu jseħħ paralellament mat-twaqqif ta' stazzjonijiet privati oħra li jkunu essenzjalment proġetti kummerċjali mwaqqfa minn min għandu u lest jirriskja flusu għal skop ta' profitt u li lest jagħti garanzija ta' kwalità fit-trasmissjoni.

F'temp qasir ta' tlett snin ix-xena lokali tal-*media* ġiet rivoluzzjonata u forsi din hija parti mill-problema. Aħna qed nippretendu illi nagħmlu f'temp ħafna iqsar milli għamlu pajjiżi oħra, dak kollhu li għamlu pajjiżi oħra. Għandna, jew se jkollna, pluraliżmu sħiħ għax il-Partit Nazzjonalista wettaq dak li wiegħed u kellu l-kuraġġ li jħares 'l hemm mill-orizzonti partiġjani ta' x'jaqbel jew ma jaqbilx.

F'din l-era l-ġdida, aħna fil-partiti rridu noqogħodu attenti ħafna li ma nkunux proprju aħna stess li nfornu l-provi li m'aħniex kapaċi namministraw bis-sens dan l-iżvilupp hekk importanti.

Il-pluraliżmu ma seħħx għall-partiti, seħħ biex it-telespettatur ikollu għażla vera.



## JIMMY MAGRO
*Segretarju Ġenerali*
*Malta Labour Party*

Is-Sur Jimmy Magro huwa s-Segretarju Ġenerali tal-Malta Labour Party. Fost il-karigi li għandu fil-Partit, huwa wkoll fil-*Board of Management* ta' Rainbow Productions Ltd., il-kumpanija responsabbli għat-tmexxija ta' Super One Radio li jittrasmetti fuq 92.7 FM.

Jimmy Magro

# Ix-Xandir u l-Politika

Fil-folder illi qasmet l-Awtorità tax-Xandir kien hemm żewġ rapporti: wieħed huwa rapport li għadha kif xandret, jiġifieri r-Rapport Annwali tagħha u l-ieħor huwa l-ftit noti li kull kelliem għal din il-Konferenza ser jippreżenta. Jekk kellkom l-opportunità li taqraw ir-rapport ta' l-Awtorità naħseb aħjar ngħidu l-kru biex jitfulna d-dawl għax quddiemkom bħalissa qegħdin taraw id-dimonju tax-xandir. Jiena stennejt illi n-nies kif nibda nitkellem jien, joħorġu l-barra għax dik hija l-konklużjoni li wieħed jieħu.

Kelli pjan li nattendi minn filgħodu, imma b'dispjaċir għalija, l-esiġenzi tax-xogħol ma ppermettulix, allura ma nistax nikkummenta fuq dak illi sar dalgħodu. Jiena nfurmat, waqt il-ftit stennija li għamilna għat-te, illi kienet konferenza ta' utilità u naħseb li joħroġ ġid finalment minnha u naħseb li kienet f'waqtha wkoll għaliex fl-istadju li wasalna ser ikun hemm żviluppi oħrajn u żviluppi li ukoll huma mixtieqa. Mill-bidu tal-introduzzjoni tax-xandir f'pajjiżna, l-ewwel kellna r-Rediffusion imbagħad kellna t-televiżjoni u imbagħad kellna r-radju ta' Malta, għaliex ir-radju huwa wkoll fenomenu reċenti, u mbagħad qbiżna wkoll għat-tarġa tal-pluraliżmu. Dan wassalna għal dak li qal s-sur Lawrence Zammit, kif imbidlet ix-xena. Naħseb il-fatt li kellna Radju Malta u t-televiżjoni tal-kulur ukoll kienu żewġ fatturi li bidlu x-xena tax-xandir ġo pajjiżna mhux biss l-iżvilupp soċio-ekonomiku imma wkoll dawn il-fatturi taw kontribut biex imbidlet ix-xena tax-xandir lokali.

Hi ħaġa ċara li x-xandir bil-fors jinteressa lil min jinsab fil-politika. L-għan ewlieni tal-ħidma politika hu li twassal messaġġ liċ-ċittadini - dwar dak li jkun għaddej fil-pajjiż, dwar deċiżjonijiet li jkunu jridu jittieħdu, dwar alternattivi li jkunu qed jitpoġġew quddiem in-nazzjon, jew kif qed nużaw il-kelma llum, iċ-ċittadin. Biex dan il-messaġġ

jasal, jiftiehem, u jippermetti liċ-ċittadini jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom, l-mezzi tal-komunikazzjoni huma essenzjali.

L-aktar qawwi u immedjat, fost dawn il-mezzi, huwa x-xandir permezz tar-radju u tat-televiżjoni. Meta wieħed ikun qal dan, irid joqgħod attent madankollu li ma jissottovalutax l-importanza tal-*print media*, tal-ġurnali u pubblikazzjonijiet oħra.

Bil-fors li l-ħidma politika jkollha tfittex aċċess, influwenza u kontroll fuq mezzi ta' komunikazzjoni fix-xandir li jistgħu jwasslu l-messaġġ tagħha. Waqt li qed tagħmel hekk, qed tidħol f'kompetizzjoni ma' interessi oħra li huma wkoll għandhom ix-xewqa li jwasslu l-messaġġi tagħhom: kummerċjali, kulturali, reliġjuzi u soċjali. F'demokrazija wieħed jistenna li l-interessi kollha jsibu arranġament li jakkomoda t-talbiet tagħhom skond l-interess nazzjonali, u b'mod li l-maġġoranza l-kbira taċ-ċittadini jqisu bħala leġittimu.

Kunsiderazzjonijiet bħal dawn kienu parti mid-dibattitu dwar l-hekk imsejjaħ pluraliżmu fix-xandir li kellna fl-aħħar snin. Il-Partit Laburista kien jemmen li l-ħtieġa li kulħadd ikollu mezz fuq ix-xandir biex iwassal il-messaġġ tiegħu, seta jintlaħaq permezz ta' trasmissjoni li jkunu taħt il-kontroll ta' organi ta' l-Istat. Ħaġa bħal din kienet teħtieġ disinn ġdid għall-mezzi pubbliċi ta' komunikazzjoni, mhux l-anqas b'riforma fl-istruttura ta' l-Awtorità tax-Xandir. B'hekk setgħu jkunu evitati l-iżbalji li saru minn tarf is-snin ħamsin lil hawn, meta t-tmexxija tax-xandir kienet spiss materja kontroversjali għall-aħħar.

F'qagħda fejn kulħadd jaqbel mal-għanijiet tal-pluraliżmu, il-pożizzjoni li kien ħa l-Partit Laburista hi waħda intellettwalment u politikament valida. Biss, ma ntlaqgħetx mill-Parlament u l-izvilupi politiċi li seħħew minn meta ddaħħlet il-Liġi tax-Xandir lil hawn, ikkonfermaw sistema differenti.

Żgur m'huwiex il-każ issa li wieħed joqgħod jerġa' jara kif se jdawwar l-arloġġ lura, b'sens ta' pika jew biex jibqa' jinsisti għat-triq ta' l-imgħoddi. U allura, fis-sistema

ta' privatizazzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni, bħala t-triq tal-pluraliżmu, quddiemna għandna l-mistoqsija ta' x'sehem se tieħu l-ħidma politika.

Ejjew inkunu ċari dwar dawn il-fatti: is-sistema preżenti ta' pluraliżmu ġabet magħha l-privatizazzjoni tax-xandir. Fir-radju, sehem qawwi tas-suq ma baqax ma' Xandir Malta, jew P.B.S., u ttieħed mis-settur privat. L-istess għad irid jiġri fix-xandir bit-televiżjoni, bid-differenza li dal-proċess diġa' ġara bil-kbir, għax proporzjon kbir tat-telespettaturi diġa' qed isegwi l-istazzjonijiet privati barranin u l-*videos*.

Il-mudell li qed insegwu fix-xandir hu wieħed ta' kompetizzjoni bejn xandara differenti li jaraw kif se jagħmlu biex jaqbdu u jżommu l-attenzjoni ta' l-udjenzi tagħhom. Dan imbagħad iġibilhom dħul finanzjarju permezz tar-reklami. Fejn id-dħul mix-xandir privat ma jibbilanċjax l-ispejjeż tiegħu, u s-sid ikun irid ikompli jittrażmetti, irid jara kif se jsib riżorsi biżżejjed biex juża l-istazzjon tiegħu bħala *loss leader*, bħala attività li għalkemm qegħda titmexxa b'telf, qed tgħin bil-preżenza tagħha lill-bqija ta' l-operazzjonijiet l-oħra tiegħu.

Nimmaġina li fil-każ ta' partit politiku finanzjat tajjeb, dawn ir-riżorsi jiġu mill-kontribuzzjonijiet li jirċievu mingħand sostenituri. Fil-każ ta' kumpanija kummerċjali, r-rizorsi jiġu minn ħidmiet kummerċjali oħra, fin-negozji tal-proprjetà jew fin-negozju tad-diskoteki, li jkunu jrendu in parti, minħabba l-pubbliċità li jkun qed jagħtihom il-mezz privat tax-xandir marbut magħhom.

Naħseb illi l-kunċett tax-xandir, meta wieħed jitkellem dwar il-kunċett ekomoniku tiegħu, huwa l-istess kunċett illi japplika għal kull intrapriża oħra, u għaldaqstant ma nistgħux naċċettaw illi xi ħadd għandu d-dritt li jxandar u jkun allura jssussidjat biex jagħmel din l-attività. Jekk qegħdin inqisuwa bħala attività kummerċjali mingħajr ma ndaħħlu l-interess politiku jew l-għanijiet politiċi tagħha ma nistgħux, naħseb, ngħaddu biex dan id-dritt ikun qiegħed marbut ma' xi finanzjament minn għand xi ħadd. Jew kapaċi jżomm u tirrendi l-istess soċjetà tiegħek jew inkella jkollok tasal biex l-istess intrapriża li tkun qed tmexxi jkollha tasal għall-konklużjonijiet

tagħha, bħal ma jiġri fil-każ tal-manifattura tal-jeans, tas-salamun u f'kwalunkwe ħaġa li taqla' jew titlef skond l-andament u s-suċċess tagħha.

Sal-lum, il-Partit Laburista jinsab fil-pożizzjoni fortunata li l-mezz tax-xandir privat tiegħu, ir-radju, jinsab għaddej bla telf u qed jiffinanzja l-istess operazzjonijiet tiegħu mid-dħul li jagħmel. Parti mir-raġuni għal dan ġejja mis-suċċess li kiseb r-radju tal-Partit Laburista mas-semmiegħa Maltin u Għawdxin, u hawn mhux qed nuża superlattivi. Parti oħra ġejja mill-fatt li aħna, forsi aktar minn kwalunkwe organizzazzjoni oħra, nistgħu nistrieħu fuq l-appoġġ ta' firxa sħiħa ta' kontributuri, ta' kwalità kbira, li jagħtu s-sehem tagħhom jew volontarjament (u ta' dan jiena nixtieq pubblikament nirringrazzjhom) jew għal ħlas li xejn m'hu kummerċjali.

Tajjeb li wieħed isemmi kif fis-sistema ta' pluraliżmu li qed insegwu fix-xandir, ħafna - inklużi l-istess nies li tant tkellmu favur tagħha - m'humiex jifhmu jif inbidlu r-regoli fix-xandir, jew kif loġikament għandhom jinbidlu jekk tabilħaqq is-sistema magħżula se titwettaq kif imiss. Uħud, qiesu bħala kuntradizzjoni, li l-Partit Laburista applika l-ewwel wieħed għal liċenzja biex ixandar bit-televiżjoni. Ma naħsibx li l-kuntradizzjoni tinsab hawn, daqskemm tinsab f'inċidenti li rajna jiġru fl-aħħar xhur.

Ngħidu aħna, l-istqarrija ta' negozjant privat operatur tar-radju - li żgur m'huwiex wieħed mill-ħafjin - li se jirtira l-applikazzjoni tiegħu għal-liċenzja tat-televiżjoni għax qata' qalbu quddiem il-kompetizzjoni tal-partiti.

Ngħidu aħna, it-twiddiba ta' Mons. Arcisqof li wisq nies qed ikollhom il-libertà jgħidu affarijiet fuq xandiriet bir-radju li m'humiex kompetenti li jsostnu.

Ngħidu aħna, id-deċiżjoni tal-Partit Nazzjonalista li japplika għal liċenzja tat-televiżjoni, ftit wara li kien iddikjara li t-twaqqif minnu ta' stazzjon televiżiv jammonta għal ġennata.

Ngħidu aħna, l-istqarrija ta' operatur privat tar-radju li jistenna li l-Awtorità tax-Xandir

tillimita n-numru ta' liċenzji għal xandir bir-radju u t-televiżjoni, ħalli b'hekk dawk li jkollhom licenzja jkollhom ċans aħjar li jżommu fil-wiċċ - li fiha nnifisha tnaqqas l-istess kompetizzjoni.

Ngħidu aħna l-istess mod goff u burokratiku li bih l-Awtorità tax-Xandir qed topera quddiem l-esiġenzi tal-pluraliżmu.

Jew ninsabu f'sistema ta' xandir kompetittiv u privat ħalli jintlaħqu l-għanijiet tal-pluraliżmu jew inkella m'aħniex.

Għalhekk, il-ħidma politika trid tiżviluppa fis-sistema ta' pluraliżmu kif inhi, jew kif jingħad li hi. Dan ifisser li l-kompetizzjoni għandha titħalla u mhux tkun limitata. Dan ifisser ukoll li m'għandux ikun hemm xkiel artifiċjali għal min jixtieq jidħol fil-qasam tax-xandir, ħlief regolamentazzjoni raġonevoli li ma tħallix jidħol xi konċentrament żejjed ta' poter fil-qasam tax-xandir.

Il-ħidma politika trid tkun lesta tiżviluppa f'dan il-kuntest u tikkompeti ras imb'ras ma' operaturi oħra, fuq l-istess bażi bħalhom. Hi ħaġa ironika li, milli jidher, hemm operaturi privati li qed jaqtgħu qalbhom li jikkompetu ma' partiti politiċi fix-xandir, meta qed ngħidu li l-bażi għal din il-kompetizzjoni għandha tkun il-kejl ta' kemm wieħed jirnexxielu jattira u jżomm l-attenzjoni tal-pubbliku. Min ma jridx jisma' jew jara dan jew dak l-istazzjon, għandu soluzzjoni faċli - li jaqleb l-istazzjon, kemm jekk ikun stazzjon politiku kemm jekk ikun wieħed kummerċjali.

Hu minn din il-perspettiva li l-Partit Laburista ma jaqbilx li għandha titpoġġa xi restrizzjoni fuq l-għadd ta' frekwenzi ta' trasmissjoni għax-xandir bit-telviżjoni f'Malta.

L-argument li l-pajjiż għandu biss erbgħa kanali mgħoddija lilu bil-Konvenzjoni li ffirma fl-1962, hu kontradett mill-fatt li stazzjonijiet barranin qed jittrasmettu fuq żewġ frekwenzi hekk imsejħa "tagħna" u qisu ma ġara xejn, la minn naħa Maltija u lanqas minn naħa Taljana. Ir-raġuni u l-interess nazzjonali jindikaw b'mod ċar li

Malta għandha tħossha ħielsa li tuża dawk il-kanali ta' frekwenza li jinsabu vojta, b'qawwa ta' trasmissjoni li ma tmurx aktar 'l bogħod mit-territorju tal-gżira tagħna. Dan ma jfixkel u ma jkun ta' dannu għal ħadd - u jippermetti lil kull min jixtieq ixandar bil-televiżjoni li jipprova xortieh.

U nixtieq ukoll inżid ma' dan illi l-anqas huwa argument illi għaliex il-frekwenzi li għandna m'humiex liberi, jiġifieri li hemm xi ħadd li qiegħed jittrasmetti fuqhom, ma jistgħux ikunu allokati.

Dan iwassalna għall-argument illi prodott, u f'dan il-każ huwa frekwenza, tista' timbieħ bir-riskju ta' min qiegħed jixtri. Il-frekwenzi li għandna jistgħu jiġu allokati bir-riskju ta' u lil min qegħdin jiġu allokati. Jekk nixtri, per eżempju, karrozza *second hand*, sa kemm id-difetti li fiha jiġu magħrufa lili, jiena naċċetta dik il-karrozza bl-istess kundizzjonijiet li nkun naf li dieħel għalihom.

Għaldaqstant, minn naħa tagħna, il-fehma tagħna, u naħseb li hija ukoll b'konvinzjoni li qed ngħiduha, aħna ma naraw l-ebda xkiel illi, kemm dawk għandna, biex ngħid hekk, legalment u kemm dawk li nistgħu nieħdu moralment (għax kull pajjiż addotta din is-sistema li qassam frekwenzi fuq bażi ta' reġjonalità) għandha ssir u sseħħ fl' iqsar żmien possibbli.

Mill-istess perspettiva, jeħtieġ li l-Awtorità tax-Xandir allura tnaqqas il-burokrazija li biha qed tittratta l-qasam tax-xandir. Il-fehma tiegħi hi li din m'hi xejn ħlief parti mill-attitudni partiġġjana li ta' spiss l-Awtorità turi fil-mod kif tittratta kontroversji li jinqalgħu fil-qasam tax-xandir.

Imma biex nagħti eżempju konkret ta' kif ma għandhiex titħaddem din il-burokrazija tqila u suspettuża, ħa ngħid li ma nistenniex li l-Awtorità ssegwi l-istess proċeduri dettaljati li segwiet meta ġiet biex tipproċessa l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tat-televiżjoni. It-taparsi *feasibility studies* li saru bid-dettalji kollha li nħadmu, forsi

qallgħu ftit tal-flus lill-*accountants* li ppreparawhom, imma tista' tgħid li ma servew għal xejn aktar.

L-Awtorità stess, jekk jien imgħarraf tajjeb, ammettiet li ma għandha l-ebda possibbiltà li tkejjel l-istimi li saru tas-suq li kellhom jiksbu l-istazzjonijiet privati skond l-istudji li ssottomettew. Lanqas hi f'pożizzjoni biex tevalwa bis-serjetà l-oġġettivi li tpoġġew dwar il-mod kif l-istimi setgħu jintlaħqu. Wisq anqas għandha l-possibbiltà biex issegwi jekk l-oġġettivi kummerċjali ta' l-istazzjonijiet humiex jintlaħqu jew le.

Barra minn hekk, nistenna li ma jitpoġġiex xi ħlas kbir għall- ħruġ ta' liċenzja għal xandir bit-televiżjoni. Ħlas bħal dan ma jista' jkollu l-ebda impatt fuq id-*deficits* li dejjem jiżdiedu fil-*budget* tal-gvern. Jiġifieri m'għandux ikun bħala *revenue earning solution* u għalhekk iservi biss biex iżid il-barrieri għad-dħul ta' operaturi privati fil-qasam tax-xandir. Dan ma għandux ikun.

Biex nagħlaq: Nemmen li għal li ġej, il-ħidma politika fix-xandir taħt is-sistema privata preżenti, għandha tkun dik li tfittex li tikkompeti ma' l-operaturi privati oħrajn. Dan għandu jsir f'kundizzjonijiet ta' trasparenza li japplikaw bl-istess mod għal kulħadd. Ma għandu jkun hemm l-ebda diffikultà biex min jixtieq jidħol fil-kamp ta' trasmissjonijiet televiżivi jitħalla juża fuq it-territorju Malti frekwenza vojta.

Jekk tiżviluppa f'daqqa waħda, l-ironija li biha xi negozjanti privati jaħsbu li ma jistgħux jikkompetu fuq bażi ta' suq ħieles max-xandir kompetittiv li joħroġ mill-istazzjon tal-partiti, allura ngħid jien, hemm xi ħaġa stramba fil-mod kif dawn l-operaturi privati jikkonċepixxu l-kompetizzjoni ħielsa. Daqs kemm it-telespettaturi jistgħu jaqilbu mill-istazzjon tan-negozjanti, daqstant ieħor it-telespettaturi jistgħu jabbandunaw l-istazzjon televiżiv ta' partit jew ieħor.

It-*test* m'huwiex jekk min qed jara jew jisma' huwiex qed jara stazzjon tal-politiċi jew stazzjon tan-negozjanti. It-*test* huwa kemm dak li qed jara u jisma' hux ta' interess għalih u għall-familja tiegħu. Jekk stazzjon, ikun liema jkun, qed joffri

programmar ta' interess biżżejjed, u ta' interess akbar minn dak li qed joffri ħaddieħor, allura t-telespettatur se jibqa' jsegwieh. Hu b'dan il-mod li fis-sistema ta' pluraliżmu bbażat fuq xandir privat u kompetittiv, il-Partit Laburista se jibqa' jqies is-sehem li beħsiebu jieħu fil-qasam tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni.

# DISKUSSJONI

**Is-sinjorina Sylvana Debono:** Ma nafx jekk fihmtx sew il-punt li għamel is-sur Jimmy Magro dwar il-frekwenzi allokati għat-televiżjoni meta qal li l-Awtorità għandha tallokhom anke jekk dawn qed jiġu użati minn ħaddieħor. Mela jekk għandna erba' frekwenzi tax-xandir: tnejn minnhom qed jiġu użati minn stazzjonijiet ta' barra, waħda qed tiġi użata mill-PBS, u l-oħra qegħda viċin wisq tal-frekwenza tal-PBS biex tiġi utilizzata. F'dan il-każ, lesti ż-żewġ partiti politiċi jaċċettaw din it-tip ta' frekwenza meta jafu li ma jistgħux ixandru fuqha? Lest il-Partit Laburista, jew il-Partit Nazzjonalista, jaċċetta l-frekwenza tal-Canale 5 u jagħlaq il-Canale 5 barra minn Malta?

**Is-sur Jimmy Magro:** Jien għidt iżjed minn hekk fil-fatt. Dan l-aħħar ġie quddiemi *handbook* tal-frekwenzi kollha li hawn mad-dinja kollha. Fih daqs set ta' enċiklopedija. Jiena m'hinix tekniku imma mill ftit li jġiegħlni nidħol il-partit ikolli noqgħod naqra, ikolli nitkellem ma nies tekniċi u jkolli noqgħod nistudja ċerti affarijiet. Il-frekwenza hija waħda limitata. Hawn espert, is-sur Joe Bartolo, li żgur jista' jispjega iżjed minni.

Anke l-FM. L-FM jibda mill-88 sal-108, jiġifieri fid-dinja kollha għoxrin stazzjon jista' jkun hawn? Ma naħsibx. Anke jekk naċċettaw li 0.3 ta' frekwenza huwa l-minimu li stazzjonijiet jistgħu ikunu l-bogħod minn xulxin. Jista' jkollok 101.3 u jista' jkollok il-101. Ma naħsibx li dak hu l-istat ta' fatt.

L-istat ta' fatt huwa li fl-Italja biss hemm biżibilju ta' stazzjonijiet. Tista' xxandar minn Siracusa bħal ma għandna tal-*Community Radio* hawn Malta. Aħna dan il-kunċett nafu bih għax il-*Community Radio* hekk ser jaħdem. Li kellna jkun hawn f'Malta elf miġnun li jiddeċiedu li japplikaw għal *Community Radio* jiena ngħid li għandna minn fejn nakkomodawhom. Għaliex tagħti frekwenza li l-*power* tagħha ma twassalx waħda fuq l-oħra.

Fit-televiżjoni jista' jiġri l-istess ħaġa. It-Taljani, żgur li m'għamlux il-miraklu tal-ħobż u nbid. Kellhom erba' u ippruvaw jagħtu l-eluf. Użaw l-intelliġenza teknika. La hija politika din, la hija kummerċjali, m'hi xejn ħlief intelliġenza teknika li tgħid din il-frekwenza lilek ser nallokahilek biex twassal minn hawnhekk sa hemmhekk.

L-istazzjonijiet nazzjonali li għandhom mhux minħabba li għandhom xi *transmitters* qawwijin imma għandhom sistema ta' *repeaters*. Issa hawn Malta għandna t-topografija ta' pajjiżna diffiċli. Il-Partit Laburista ilu jiddiskuti, biex jkun hawn sistema ta' *repeaters* għar-radjijiet tagħna għaliex hemm postijiet li, minkejja x'jgħidu n-nies tekniċi, fil-fatt hemm nies li r-radju l-anqas jafu bih. Jekk tmur l-Imtaħleb, jew tmur fiż-żewġ bajjiet l-aktar popolari ta' Għawdex, ix-Xlendi u Marsalforn, dawn ir-radju ma jisimgħuhx. Jekk nemmnu fil-pluralizmu, dan x'ifisser kemm għandek stazzjonijiet jew kemm għandek postijiet li qed jisimgħuk?

Il-kwistjoni tat-televiżjoni mhix ta' kemm aħna jew aħniex lesti naċċettaw frekwenza li hija imbabsa jew li hija difettuża. Fil-kwistjoni kollha irridu nirraġunaw fl-interess nazzjonali tagħna. Jekk kien hemm pajjiżi li kisru l-konvenzjonijiet, mhux qed ngħid ejja niksru l-liġijiet, imma, l-Italja żgur li ma kelliex il-frekwenzi li għandha, u dan huwa ippruvat. Jekk wieħed jagħmel ir-riċerki, jsibhom. Allura aħna ser noqgħodu ngħidu li fl-1962 tawna erba' frekwenzi issa li qegħdin fl-1993 għandna nużaw dawk l-erba' biss? Dan hu l-argument tagħna.

Jirraġuna ħażin min jgħid li għax frekwenza qed tintuża minn xi ħadd ma tistax tiġi allokata. Jekk jiena lest biex nixtri karrozza mkissra, ma tistax tgħid li inti fid-dover li tbiegħli affarijiet tajbin biss. Għidli li l-karrozza tiegħek hija mkissra u mbagħad jiena nirrimedja. Jista' jkun li jiena lest naċċetta li nxandar fuq frekwenza imbabsa.

**Mr Chairman:** Jekk tippermettili, sur Magro, il-mistoqsija diretta li għamlitlek is-Sinjorina Sylvana Debono, hi: jekk kemm il-darba tiġi l-għażla bejn li trid tieħu frekwenza li qed juża l-Canale 5, u biex teħodha trid tagħlaq il-Canale 5, x'ser tkun ir-reazzjoni tal-Partit? Din il-mistoqsija irid li jirrispondiha l-Partit Nazzjonalista wkoll.

**Is-sur Jimmy Magro:** Jiena ssuperajtha billi applikajna għal Kanal UHF 29.

**Dr Austin Gatt:** Definitivament bħala Segretarju Ġenerali tal-partit, għalkemm id-deċizjoni m'hijiex tiegħi, nirrakkomanda li ma naċċettawhiex. Naħseb li rridu nkunu boloh politikament biex anke biss nikkunsidraw li dan il-pajjiż ser jikkonsidra stazzjon televiżiv tal-partit iktar importanti mill-Canale 5.

Il-problema vera mhux din, jien teknikament ma nifhimx u forsi nifhem inqas mis-sur Magro. Jiena intenni biex ngħid fuq dak l-argument li kien qed jagħmel is-sur Magro fuq il-*Community Radio.* Jista' jkun li teknikament huwa fattibli, u j'Alla ikun fattibli, u jekk hu fattibli j'Alla jsir. Pero`, il-problema li qiegħed jevita s-sur Magro f'dan l-argument kollu huwa, jekk dan huwa illegali li tagħmlu fuq termini ta' konvenzjonijiet internazzjonali, l-Italja kisru l-Liġi meta għamluh, allura pajjiżna għandu jgħid li għax kisru l-konvenzjoni huma għandna niksruha aħna wkoll. Ma naħsibx li dan huwa mod kif pajjiż responsabbli għandu jirraġuna. Mhux kwistjoni li tipprovdi, qed ngħid jekk niġu f'dan il-punt tlaqt il-premessa. J'Alla din m'hijiex kontra l-konvenzjonijiet internazzjonali.

**Is-sur Joe Bartolo:** Ħassejt li għandi nagħmel klarifika għall-informazzjoni tal-parteċipanti dwar il-frekwenzi u l-kanali. Ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-uniċi strumenti li jirregolaw il-frekwenzi u l-kanali fl-Ewropa huma l-Ftehim ta' Stokkolma tal-1961 għal dak li hu televiżjoni u dak ta' Ġinevra tal-1984 għal dak li huwa radju. Skond dawn iż-żewġ Ftehim, l-ebda pajjiż ma jista' jassenja lil xi stazzjon, frekwenza jew kanal jekk dik il-frekwenza jew dak il-kanal ma jkunux irreġistrati fil-Ftehim f'isem il-pajjiż. Kull Gvern li huwa firmatarju tal-Ftehim jista', meta u jekk ikun meħtieġ, jipproponi tibdil fil-frekwenzi jew kanali rreġistrati f'isem pajjiżu, jew jintroduċi servizzi tar-radju jew tat-televiżjoni ġodda billi jsegwi l-proċeduri provduti fil-Ftehim rispettiv. Fost dawn il-proċeduri hemm li jikkoordina mall-pajjiżi li jistgħu jkunu affettwati ħażin mit-tibdil jew mis-servizzi ġodda li jkunu qiegħdin jiġu proposti. Dik hija waħda mill-kundizzjonijiet li min jiffirma dak il-Ftehim ikun intrabat biha.

Jekk niġu għal frekwenzi vojta, jew frekwenzi li tużahom b'*power* baxx, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh l-ewwelnett li skond il-Ftehim, pajjiż ma jistgħax jassenja frekwenzi li ma jkunux irreġistrati f'ismu jew li ma jkunux ġew koordinati. It-tieni, jekk inti tassenja frekwenza, kif għamlu t-Taljani, inti ma tkunx tista' tagħti protezzjoni lil dik il-frekwenza, u jekk ikun hemm xi tfixkil, int ma tkunx tista' tilmenta ma dak il-pajjiż li jkun qiegħed jikkaġuna t-tfixkil.

**Is-sur Joe Flask:** Jiena nixtieq nistaqsi lill-partiti politiċi, għaliex il-proposta ħarġet minn Dr Austin Gatt, kemm huma lesti li verament jagħtu lill-PBS il-libertà kollha li huma jaġixxu liberament kif iħossu u kif suppost għandu jsir il-veru xandir pubbliku fil-pajjiż? Kemm huma lesti li jagħtu l-mezzi wkoll biex dan isir, għax faċli ngħidu li Canale 5 u r-RAI huma aħjar minnha, pero`, ħafna drabi naraw ukoll id-difetti tagħhom li aħna narawhom u l-popolazzjoni ma tarahomx. Dana nistaqsi liż-żewġ partiti politiċi biex ma niddiskriminax.

Jiddispjaċini nerġa lura fuq id-diskors ta' dalgħodu, imma weġgħani l-argument ta' Dr Austin Gatt, li l-mexxejja tal-PBS jiġu nominati mill-Gvern, imma l-maġġoranza tal-ħaddiema tan-*News Room*, bħal li kieku x-xandir huwa biss *News Room*, huma nies li kienu taħt ir-reġim l-ieħor. Jiena il-parti l-kbira ta' ħajti għaddejtha barra minn Malta u f'dik is-sitwazzjoni stajt nimpjega ruħi. Jiena wieħed minnhom.

**Dr Austin Gatt:** Il-fatt huwa li mill-1987 'l hawn ma ġie impjegat ħadd ġdid fin-*News Room* sa fejn naf jien. U dan huwa fatt, jiena semmejt il-fatti. Kont ġust li għidt, il-mexxejja li qed imexxu il-PBS huma nominati mill-Gvern u fin-*News Room* hemm nies li ġew impjegati fiż-żmien il-Gvern Laburista. Dan għidtu biex nikkritika l-fatt li ħafna drabi naħsbu li l-bilanċ bejn il-partiti, bħal ta' l-Awtorità tax-Xandir fejn ninnominaw tnejn u tnejn, u għalhekk assoċjajthom ma dan il-bilanċ li suppost iġib lil kulħadd kuntent u ferħan. Ġibtha sempliċement biex ngħid li fir-realtà dan mhux hekk fil-każ tax-Xandir.

Punt ieħor. M'inhix ser nidħol fuq il-livelli tekniċi biex inkunu bħal Canale 5 jew ir-

RAI. Jiena sinċerament naħseb li dan il-pajjiż qatt mhu ser jasal biex ikollu dawk il-livelli ta' programmi, għax naħseb li l-*budget* li għandhom probabbilment huwa nofs il-*budget* nazzjonali li għandna aħna. Jiġifieri, ma noqgħodux nilludu ruħna li f'dan il-pajjiż ahna kapaċi ukoll nilħqu dawn il-livelli.

Ħalli mmorru għall-mistoqsija l-oħra. Kemm huma lesti l-partiti jagħtu l-libertà lill-PBS li jaħdmu? Din aċċenna għaliha iċ-Chairman dalgħodu u jiddispjaċini li jkolli nirrimarka fuq kumment ieħor li ntqal u li beżżani. Il-libertà, speċjalment il-libertà ġurnalistika, u l-libertà professjonali ma tridx ittiha, trid tittieħed. Jiena drajt, fil-Partit Nazzjonalista, li jekk irrid inbiddel, kif ilni nipprova nbiddel l-istil tal-gazzetti tagħna, m'inhix niġġieled mal-qarrejja, qed niġġieled mal-politiċi tal-partit tiegħi stess. Jekk jien m'inhix lest, li għax sinċerament nemmen li ħaġa għandha issir hekk u nagħmilha hekk u nirriskja li nagħmilha hekk jiena, bir-rispett kollu, ma ngħidx li jiena ġurnalist.

Alla ħares f'dan il-pajjiż il-Partit Nazzjonalista kellu, fiż-żminijiet l-imgħoddin, jgħid x'inhu l-aħjar: li noqgħod id-dar u naqla' l-flus jew nagħmel ġlieda fejn nirriskja ħajti. Il-gurnalist għandu jkollu, fl-aħħar mill-aħħar, il-konvinzjoni ta' dak li jgħid. Aħna kemm niġġieldu ma ġurnalisti għax ngħidu li jirrapurtawna ħażin, għaliex ngħidu li huma *opinionated*, għax ngħidu li mhux qed jagħtu kollox, għax mhux qed jagħtu l-veduti tagħna, għax mhux qed ikopruna biżżejjed. Kemm niġġieldu ma edituri ta' gazzetti. Pero`, fl-aħħar mill-aħħar kulħadd jammira min għandu l-kuraġġ li joħroġ għonqu.

Jiena nifhem illi s-sitwazzjoni fil-PBS hija diffiċli għax hija taħt attakki il-ħin kollu. Pero`, kemm fl-aħħar mill-aħħar hemm nies *who are prepared to be counted*. Jiena ma naf ebda sitwazzjoni storika fejn xi ħadd għadda il-poter lil xi ħadd ieħor. Il-poter dejjem ħadnieh għaliex kellna l-kuraġġ li nieħduh. Beżżatni id-dikjarazzjoni li għamel qabel is-sur Flask. Is-sur Flask qal li s-semmiegħ m'għandux kuxjenza kif jagħmel l-għażla għax m'għandux edukazzjoni. Mela qegħdin ngħidu l-injorant m'għandux dritt jagħmel l-għażla għax hu injorant, għax ma ġiex edukat. Issa

wasalna f'demokrazija allura fejn l-għazla tiġi determinata mill-intelliġenza ta' xi wħud. Issa mhux nagħmlu *Nielsen Ratings* u valuri u *surveys*, imma nibdew naraw u nassesjaw l-intelliġenza ta' kulħadd. Naħseb li b'din is-sentenza is-sur Flask wera preċiż x'ifisser li n-nies ġew impjegati qabel l-1987.

**Is-sur Joe Flask:** Il-poplu irridu nedukawh, appuntu irridu nedukaw il-poplu f'kollox. Aħna ma nistgħux nippretendu li meta qabel ma kellu xejn u issa għandu kollox, nippretendu li issa jaf kollox.

**Mr Chairman:** Nixtieq nagħmilha ċara - qed nitkellem bħala Chairman ta' l-Awtorità tax-Xandir - li m'inhix lest biex nittollera xi ħadd li ma jaqdix dmiru sempliċement għax jibża'. Jiġifieri ma nistgħux ngħidu li jekk xi ħaġa qed issir ħażin, miskin il-ġurnalista ma jistax jagħmel ħaġa oħra għax xi ministru tah l-ordni. Jekk ġurnalist tal-P.B.S. ma jaqdix dmiru sew għax jibża', din hija ħaġa ħażina, u bħala Chairman ta' l-Awtorità ngħid li ma nistgħax nittolleraha. Semmejtha biss fil-kuntest li ntqalet dalgħodu: fil-fatt jien għidt li s-sitwazzjoni hija ħażina u ġejna f'hiex ġejna, għax hemm daqshekk rabta bejn ix-xandir u l-Gvern.

**Is-sur Jimmy Magro:** Jiena naħseb li anke l-istess natura tax-xandara huma differenti. Parti mix-xogħol tiegħi hu li nagħmel l-ilmenti fuq ix-xandir. Rari għamilna bħala Partit Laburista ilmenti kontra stazzjonijiet privati għaliex nagħmlu distinzjoni bejn dak li huwa privat u bejn dak li huwa taċ-ċittadini, u taċ-ċittadini huwa l-PBS.

Jiena nħoss, b'konvinzjoni, li n-natura tal-PBS ma tistax tpoġġiha fuq l-istess statura bħal l-istazzjonijiet tar-radju privati. Is-sur Piju Spiteri, il-konsulent tal-Ministru Galea kiteb kemm il-darba lil-Radju Super One biex dak li jrid ixandar hu ikun mxandar ukoll mid-disa' stazzjonijiet l-oħrajn. Kontra stazzjon privat ma tistax tapplika l-istess kriterji li wieħed japplika fuq il-PBS, għax il-PBS minnha nnifisha hija taċ-ċittadini u għandha iżżomm dak li jissejjaħ bilanċ.

Anke, per eżempju, it-tweġibiet li jingħata l-Partit mingħand l-Awtorità tax-Xandir,

fejn tagħmel paragun bejn in-numru ta' stqarrijiet maħruġa mill-Partit Nazzjonalista u dawk mill-Partit Laburista. L-Awtorità qaltilna li fl-aħbarijiet matul dawn l-aħħar għoxrin ġurnata, il-Partit Nazzjonalista kellu erba' stqarrijiet filwaqt li l-Partit Laburista kellu dsatax il-stqarrija imxandra fl-aħbarijiet. Imma jekk il-Partit Laburista ħareġ dsatax il-stqarrija u l-Partit Nazzjonalista ħareġ erba', bilfors se tasal għal dik il-konklużjoni aritmetika. Li rrid ngħid jien, il-bilanċ mhux fin-numru biss irid ikun, iżda wkoll fil-mod kif jiġu imdaħħla l-*items*. F'ħafna mill-każijiet meta aħna noħorġu xi stqarrija jkun hemm direttament wara xi *feature* li kumbinazzjoni jkun ġie ppreparat għal wara l-istqarrija tagħna. Ma naħsibx li dan isir bit-telepatija li jkun hemm *feature* bi tweġiba għall-istqarrija tal-Partit Laburista. Għal dawn il-punti aħna ġeneralment nirreżistu.

**Is-sur Richard Matrenza:** Nixtieq, Mr Chairman, li s-segretarju tal-Partit Nazzjonalista jilluminani fuq punt għax inħossni ftit disturbat. Dr Gatt qal li fl-1987 il-*coach* jew il-*coaches* inbiddlu imma l-*players* baqgħu l-istess mill-1987 'l hawn. Dan hu l-messaġġ li Dr Gatt ried jagħti fuq il-PBS? Jekk le, nixtieq inkun naf x'kien eżatt li ried jgħid Dr Gatt biex inkun nista' nagħmel il-mistoqsija tiegħi.

**Dr Austin Gatt:** Il-konkluzjoni kienet sempliċi: li jekk hemm post fejn hemm bilanċ bejn il-partiti huwa x-Xandir. Minkejja dan il-bilanċ it-tnejn ingorru fuqu. Ma noqgħodux naħsbu li għas-soluzzjonijiet, mhux biss fix-Xandir imma f'ħafna oqsma oħra, l-bilanċ tal-partiti huwa kollox. Qabel l-1987 il-ħaddiema kollha kienu ġew impjegati minn dak il-Gvern u min kien imexxi x-Xandir kien ukoll nominat minn dak il-Gvern.

**Is-sur Richard Matrenza:** Mela jiġifieri l-*coaches* inbiddlu u l-*players* baqgħu l-istess. Mela allura kif jispjegali Dr Gatt id-dokument tal-Partit Nazzjonalista "Il-Logħba tal-Qerq" ippublikat qabel l-1987, (sa llum ma ħariġx dokument ieħor?). Jew dak inhar mhux veru kien hemm logħba tal-qerq, jew inkella llum hemm logħba ta' akkomodazzjoni. Liema waħda minnhom?

**Dr Austin Gatt:** Jiena ma nafx jekk ippubblikajniex id-dokument "Il-Logħba tal-Qerq". Jista' jkun li ppubblikajnieh. Pero`, mhux dan huwa l-punt, bir-rispett kollu. Naħseb li noqgħodu nitkellmu fuq ix-xandir qabel l-1987 f'dan l-istadju, naħseb li huwa *passé*.

**Is-sur Roland Flamini:** Forsi waħda mill-problemi prinċipali ta' min jipprova jidderieġi stazzjon tat-televiżjoni hawn Malta, u mhux qed ngħid biss għal dan li jeżisti illum, imma anke kif jiskopru dawk li jiġu fil-futur, hi li aħna ngħixu taħt id-dell tat-televiżjoni Taljana li huwa ta' livell professjonali, eċċezzjonali, fl-Ewropa stess biex ma ngħidux fid-dinja. Allura kull ma tagħmel, tista' toqgħod żgur, li inti ser issofri fil-paragun mar-RAI jew mal-Canale 5, *a priori*. Kif qal Dr Gatt, mhux il-*budgets* tat-tlett stazzjonijiet tar-RAI flimkien, imma it-telf tat-tlett stazzjonijiet RAI flimkien huwa kważi daqs il-*budget* nazzjonali Malti.

Wieħed qed jgħum kontra l-kurrent kontinwament. Dan jirrifletti, sa ċertu pont, il-perfezzjoniżmu tagħna għaliex hemm stazzjonijiet fl-Italja li nistgħu nipparagunaw ruħna magħhom, u dawn huma stazzjonijiet li aħna nirċevuhom daqs kemm nirċevu r-RAI u daqs kemm nirċevu l-Canale 5. Dawn huma l-istazzjonijiet Sqallin, l-istazzjonijiet lokali. Ħadd ma qatt jgħidli imma Teleregione jagħmlu hekk, għax ma tagħmlux it-*talk shows* li jagħmlu Teletna. Isemmuli lil Mike Bongiorno u lil "Mixer".

Ma rridx nibda polemika ma' Dr Gatt fuq il-libertà ta' espressjoni u l-fatt li l-partiti politiċi għandhom stazzjonijiet tar-radju. Pero`, Dr Gatt ma rrispondiex għal osservazzjoni tiegħi li ma nafx nazzjon ieħor demokratiku li jagħti direttament lill-partiti l-opportunità li jagħmel propaganda (fis-sens li jesprimi l-punt tal-partit) fuq livell nazzjonali kif qegħdin nagħmlu aħna. U jien dik naraha li hija żball fil-Liġi.

Kif qal korrettament Dr Gatt, mill-1987 'l hawn ma żdied ħadd fl-istaff tan-*News Room*. Jista' jkompli jgħid li mill-1987 'l hawn ma żdied ħadd fl-istaff ta' Xandir Malta ħliefi. Id-deċiżjoni, nimmaġina, kienet meħuda minn xi livell tal-Gvern attwali. Ma nistax nara kif Dr Gatt jista' jġib bħala punt ta' kritika kontra l-PBS il-fatt li mill-1987 'l hawn in-nies baqgħu l-istess.

**Dr Austin Gatt:** Naħseb is-sur Flamini ma kienx hawn għad-diskors tiegħi. Il-punt għamiltu biss fil-kwistjoni ta' kif inhu bilanċjat ix-xandir, biex ngħid kif sar ix-xandir iddominat mill-partiti. Hemm bilanċ relattiv, għaliex il-Gvern illum innomina min imexxieh, il-ħaddiema daħlu qabel l-1987, fl-Awtorità tax-Xandir għandna tnejn u tnejn u dan xorta mhux qed iġib soluzzjoni.

Fuq id-dritt ta' partit li jkollu stazzjonijiet tiegħu, is-sur Flamini qal li ma rrispondejtx għall-osservazzjoni li ma jafx pajjiż ieħor demokratiku li jagħti stazzjonijiet lill-partiti.

L-ewwel ħaġa f'dan il-pajjiż aħna skizofreniċi. Il-Partit Nazzjonalista meta uża dan l-argument fil-każ tal-kunsilli lokali, fid-dinja kollha jikkontestaw il-partiti politiċi, kif f'Malta ma jikkontestawx? Qalulna għax aħna speċjali. Issa, għal kuntrarju, kif id-dinja kollha ma jagħtux, mela m'għandniex nagħtu aħna.

Fir-realtà il-pajjiżi l-oħra mhux ma jagħtux lill-partiti, fir-realtà ma jipprojbux li l-partiti jkollhom stazzjon tagħhom. L-ebda partit ma għandu l-istazzjon bħala xelta tiegħu - l-istess xelta li għamel il-Partit Nazzjonalista.

**Is-sur Roland Flamini:** Il-Liġi ġdida Taljana tgħid li l-partiti politiċi, per se, m'għandhomx ikollom mezzi tax-xandir tagħhom. Sa fejn naf jien, parti miċ-*Charter* tal-BBC huwa eżattament dan il-fatt: fl-Ingilterra, l-partiti politiċi huma rappreżentati fuq il-*Board of Governors* tal-BBC għaliex huma m'għadhomx, u ma jistgħux ikollhom, *by Act of Parliament*, l-istazzjonijiet tagħhom. Dawn huma żewġ pajjiżi biss. Fi Spanja ma nafx x'jiġri u l-anqas fil-Ġermanja.

**Mr Chairman:** Nixtieq nagħmel rimarka għal dak li qal Dr Gatt, fuq il-membri ta' l-Awtorità tax-Xandir. Ilna ngħiduha ħafna din u ħassejt li lanqas għandi għalfejn noqgħod nirrepetiha. Il-membri fl-Awtorità tax-Xandir jirrappreżentaw lilhom infushom. Spiċċa dak iż-żmien li huma jirrappreżentaw lil naħa u lil naħa oħra. Tant ilna ngħiduha din il-ħaġa li ħsibt li m'hemmx għalfejn ngħidha mill-ġdid.

**Dr Emy Bezzina:** Jiena ninsab diżappuntat fuq dan il-jum ta' diskussjoni, għaliex ħafna mill-interventi li saru, minn hekk imsejjħa xandara, kollha raw il-każ personali tagħhom, u injoraw l-effetti tal-pluraliżmu fix-xandir għal Malta Maltija. Kulħadd qed jara l-interess personali tiegħu li żgur ma kienx l'għan li tiġi organizzata din il-Konferenza. Per eżempju, jien għamilt domanda qasira dalgħodu li ħadd ma weġibha.

Jiena stennejt li minn din il-Konferenza ser ikollna nkwadratura ċara, u issa ser insaqsiha lir-rappreżentanti taż-żewġ partiti politiċi ewlenin hawnhekk preżenti. Għaliex fl-1976, per eżempju, il-Partit Nazzjonalista, Dr Gatt kellu sehem tajjeb ħafna, kien jagħmel kważi kull ħmistax rikors kostituzzjonali fil-qorti għal imparzjalità u l-iżbilanċ. Issa probabbli għax kull naħa tħoss li għandha l-mezz tagħha, ovvjament tnaqqset din l-esiġenza.

Iżda, nixtieq inkun naf mir-rappreżentanti tal-partiti ewlenin, u hawn jiena noħroġ miċ-ċirku politiku bħala kandidat, jekk iż-żewġ partiti tant iħossuhom b'saħħithom li fil-konfront ta' l-Awtorità tax-Xandir iħarsu lejha bħala wiċċ biex jagħmlu propaganda għal xi punt politiku, iżda meta tiġi biex l-Awtorità tinforza s-saħħa tagħha, iż-żewġ partiti kważi jinjorawha għax jgħidu li għandhom in-nies warajhom.

It-tieni punt, għad li aħna nieħdu l-kelma tar-rappreżentanti ta' l-Awtorità tax-Xandir, li dawk suppost qegħdin hemm fil-kwalità personali tagħhom, biss għad hemm min jgħid, dawk it-tnejn tal-Partit Laburista u t-tnejn l-oħra tal-Partit Nazzjonalista. U nafu li fil-passat, l-istrateġija ta' spiss intużat meta t-tnejn ta' naħa waħda kienu joħorġu 'l barra waqt xi punt sħun biex ma jkunx hemm *quorum*.

Jiena qed ngħid wasalx iż-żmien li, l-Gvern mingħajr ma jħares lejn il-partit tiegħu imma lejn Malta Maltija u għal xandir ta' bilħaqq ħieles, għandniex inkabbru l-Awtorità tax-Xandir sa sitt membri kif anke l-istess Kostituzzjoni tippermetti. Dawn is-sitt membri jkunu hemm fil-kwalità personali tagħhom u, jemmnu x'jemmnu, mingħajr indħil, la blu, la aħmar, la aħdar u l-anqas tal-knisja.

L-aħħar punt li xtaqt nagħmel huwa li jiena ma nemminx li t-Taljani huma aħjar minna. Aħna nistgħu nagħmlu programmi ta' livell għola jekk min ikun qed jagħmel il-programm ma jsibx indħil. Jien kull meta sibt lil xi ħadd min jindaħalli, kien min kien, ħriġt 'l barra.

**Is-sur Jimmy Magro:** Xtaqt li qabel ma nirrispondi għall-mistoqsija li saret, xtaqt nikkummenta fuq x'intqal qabel u ndaħħal perspettiva ġdida. Ma jfissirx li għax il-ħaddiema tax-xandir ma żdiedux, ma kienx hemm *input* indirett minn terzi persuni. Biex tagħmel programm m'hemmx għalfejn tkun impjegat ma' Xandir Malta jew mal-PBS. Jiġifieri l-argument li wieħed jgħid li nbidlu l-propjetarji jew inkella l-*coaches* ma jreġġix. Għax fix-Xandir kien hemm nies barranin, nies li m'humiex direttament impjegati mal-PBS jew ma' Xandir Malta, li kellhom l'influwenza li jgħażlu l-kelliema huma, li jagħżlu s-suġġetti huma u li jmexxu d-diskussjoni. Programm ta' siegħa u nofs ta' diskussjoni jinfluwenza iżjed minn programm ta' xi għoxrin minuta ta' aħbarijiet, li tmien minuti minnhom ikunu fuq suġġetti barranin. Liema l-iktar jinfluwenza liċ-ċittadin Malti?

Issa ħa nirrispondi għall-mistoqsija ta' Dr Bezzina. Jiena naħseb li l-kredibilità ta' xi ħadd, individwu, istituzzjoni, ikun min ikun, tiġi mill-mod kif topera. Il-Partit Laburista jgħidu li m'għandux kredibilità. Jekk dan huwa stat ta' fatt u naċċettawh dan, ġie minn dak li għamilna, mhux għaliex qagħdna kwieti. Meta toqgħod kwiet, la tista' tirbaħ kredibilità, tista' titlifha kważi, jekk nitkellmu forsi b'mod filosofiku.

L-Awtorità tax-Xandir hija waħda minn dawn l-istituzzjonijiet bħal ma huma l-Kummissjoni Elettorali, l-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, l-Kummissjoni Kontra l-Inġustizzji, il-Qrati, il-Parlament innifsu. Kull istituzzjoni ġewwa pajjiżna tirbaħ il-kredibilità miċ-ċittadin jew inkella mill-istituzzjonijiet l-oħra, minn kemm taġixxi tajjeb fil-*perception* ta' min qed jiġġudikaha. Għax meta jien nikteb u nagħmel appell jew ilment lill-Awtorità tax-Xandir, l-Awtorità tirrispondini lura u tgħidli m'għandekx raġun. Fil-*perception* ta' l-Awtorità m'għandix raġun u fil-*perception* tiegħi l-Awtorità m'għandiex raġun. Min se jirbaħ? Finalment jiġġudika ċ-ċittadin.

Naħseb li kellna minflok li nagħmlu *audience survey* ikun aħjar li jsir *survey* dwar il-*perception* ta' kemm hu bbilanċjat ix-xandir, jew inkella ta' min hu l-aħjar. Jekk tieħu, per eżempju, l-aħbarijiet ta' Super One Radio, mhux qed ngħid minn *survey* li għamilna aħna, imma minn *survey* li sar minn nies indipendenti, jgħidu li 24% tas-semmiegħa jsegwu l-aħbarijiet tas-Super One Radio għaliex l-aktar li jemmnuhom. Imma din ma tistax tgħid li l-poplu kollu, minħabba li 24 fil-mija qalu hekk, jaċċettawha. Jiġifieri biex l-Awtorità, biex kull istituzzjoni li hawn f'pajjiżna tirbaħ kredibilità trid tkun kredibbli fiha innifisha.

Jekk wasalx il-waqt li l-Awtorità tespandi, jiena naħseb li fuq din il-Partit Laburista diġa esprima, kemm il darba, l-opinjoni tiegħu. Meta l-partit kien qed jgħid li għandu jkun hawn stazzjon nazzjonali u mbagħad fiha jidħlu l-għaqdiet u l-partiti politiċi, konna rbatniha wkoll ma tibdil kemm fl-istruttura tal-PBS innifisha, f'dak iż-żmien kienet Xandir Malta, u kif ukoll mal-istruttura ta' l-Awtorità tax-Xandir.

Jiena naħseb li trid tinqata' jew tinstab soluzzjoni, għal dawn l-istituzzjonijiet ta' natura nazzjonali, fosthom il-Kummissjoni Elettorali, fejn trid tinstab soluzzjoni fejn verament il-forzi politiċi, inkluż forsi t-tielet partit, irridu nibnu kredibilità f'dawn l-istituzzjonijiet. U jekk ser nibqgħu bit-termini kostituzzjonali li għandna llum li l-Prim Ministru jinnominhom wara li jkun ikkonsulta lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni, din illum m'għadiex treġġi iżjed f'pajjiżna.

Mela rridu nsibu alternattivi oħrajn li jkollhom il-kunsens ta' kull parti ġewwa pajjiżna. Kien hemm ix-xogħol tas-*Select Committee* u naħseb li diġa hemm bażi fejn wieħed jista' jiddiskuti.

**Dr Austin Gatt:** Fiż-żmien meta l-Partit Laburista kien iddeċieda li jibbojkottja l-provvedimenti kostituzzjonali li jobbliga l-Kap ta' l-Oppożizzjoni jikkonsulta mal-Prim Ministru l-unika eċċezzjoni li saret kienet fl-Awtorità tax-Xandir. Għaliex issa ilha prassi ta' żmien twil li mhux isiru konsultazzjonijiet bejn il-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni fuq iċ-Chairman u l-membri tagħha, imma l-Kap ta' l-Oppożizzjoni

jinnomina direttament hu tnejn (u dawn il-kliem li użajt hawn jien u mhux rappreżentanti tal-partit) u l-Prim Ministru direttament jinnomina tnejn. L-anqas jitkellmu bejniethom fuq dawn. Dawn tnejn u tnejn. Din ilha ssir hekk minn żmien żemżem. U mbagħad jitkellmu u jaraw jistgħux jaqblu fuq iċ-Chairman. Din hija l-prassi, din hija l-prattika. Dawn, teknikament m'humiex rappreżentanti tal-partiti, veru, imma n-nomina hija diretta, l-anqas jikkonsultaw bejniethom.

Fuq il-kwistjoni sħiħa ta' l-Awtorità, jiena l-ewwel wieħed li ngħid li wasal iż-żmien li l-Awtorità tiġi revoluzzjonata mhux biss fil-kompożizzjoni, imma wkoll fl-idea sħiħa tal-Awtorità.

Waqqafna l-Awtorità bil-Kostituzzjoni tal-1964, u fil-fatt bdiet taħdem qabel taħt il-*Broadcasting Act* fl-1961, meta f'Malta kien hawn it-Times u r-Rediffusion. Din daħlet biex tikkontrolla r-Rediffusion. Illum is-suq tal-media huwa kompletament differenti. U parti mill-problema għaliex l-Awtorità m'għandiex kredibilità fil-prattika u ma tistax tattwa dak li hemm previst fil-Liġi, hija għax il-liġijiet għadhom antikwati u qed jitolbu wisq mill-Awtorità.

Waħda mill-problemi li jeżistu llum hija li l-Kostituzzjoni tgħidlek li l-Awtorità trid tara li tinżamm imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali. Issa dan jagħmel sens fl-istazzjonijiet privati? Teknikament kulħadd qed jikser il-Kostituzzjoni. Dan jagħmel sens li nitolbu lill-Awtorità timmonitorja kull stazzjon, l-għaxra jew disa' li hawn, il-ħin kollu u tieħu l-passi kontra tagħhom?

Teknikament, iva, kulħadd qed jinjora lill-Awtorità jekk irridu ngħiduha ċara u tonda. Imma r-realtà hi li rridu nbiddlu l-istruttura sħiħa. Nibdew mill-kompożizzjoni, u hawnhekk jien ma naqbilx assolutament ma' l-istand tal-Partit Laburista, l-ebda Awtorità m'għandha tkun tiddependi mill-partiti politiċi biss. Għandu jkun hemm rappreżentanti tal-partiti politiċi, u għandhom ikunu diretti.

Jekk għandu jkun hemm Awtorità insostnu li ż-żewġ partiti għandhom jinnominaw

tnejn, pero`, għandu jkun hemm nies oħra. Għandha tkun ħafna ikbar. Irridu naraw ukoll, jekk irriduha tkun effettiva u li kulħadd jibda jimxi mad-direttivi tagħha, irridu naraw x'għandha verament tirregolamenta.

**Is-sur Joe Azzopardi:** Ftit żmien ilu, kellna l-Partit Nazzjonalista li kien qed jgħid li għandu jkun hemm il-pluraliżmu fix-xandir u min ikollu l-flus kellu kull dritt li jiftaħ stazzjon tar-radju. Il-Partit Laburista, qabel l-elezzjoni, kien jgħid li għandu jkun hemm stazzjon li fih jipparteċipa kulħadd, biex il-mezzi finanzjarji ma jkunux ta' xkiel lil min jista' jsemma' leħnu. Kienu jitkellmu fuq il-ħaddiema tax-Xandir, jaqbżu għal dawk li m'għandhomx flus, u allura kulħadd ikun qed jaqsam xi ħaġa bejniethom.

Illum mid-dehra il-folja nqalbet. Dwar it-televiżjoni, għandna lil Dr Austin Gatt li qed jgħid, u jien naqbel miegħu, li għandu jkun hemm dik il-liċenzja li tkun allokata għall-partiti, għall-movimenti u għaqdiet oħra, u għandna lis-sur Magro li qed jgħid li għandu jkun hemm stazzjon għall-partit tagħhom.

Nagħmel mistoqsija lis-sur Magro. Issa jekk qabel kien hemm dan il-prinċipju, (l-Alternattiva għidna l-istess ħaġa dalgħodu, u l-Partit Nazzjonalista qed jgħid l-istess ħaġa) jekk forsi l-Partit Laburista jistax jikkonsidra li din l-unika frekwenza li hemm, mid-dehra hemm waħda, tkun frekwenza li l-partiti, il-movimenti, l-għaqdiet, ir-reliġjonijiet differenti, jkollhom ċans li jagħmlu programmi fuq din il-frekwenza? Ma jaħsibx is-sur Magro li nkunu qed insegwu l-prinċipju li l-Partit Laburista tant ippriedka qabel l-elezzjoni, u nkunu qegħdin insolvu din il-problema biex kulħadd ikun jista' jsemma' leħnu indipendentement mill-mezzi finanzjarji li jkollu.

**Is-sur Jimmy Magro:** Nixtieq nikkoreġi lis-sur Azzopardi fejn qal li għandu jkun hawn stazzjon għall-Partit Laburista biss. Aħna mhux hekk qed ngħidu. Aħna qegħdin ngħidu issa li l-priniċipju ta' pluraliżmu huwa aċċettat, u mhux aċċettat fuq il-karta, imma aċċettat fil-prattika, ser immorru it-triq kollha għaliex ma tistax tieqaf f'nofsha. Għax dak li japplika għall-gazzetti, dak li japplika għal *magazines,* dak li japplika

għal min jista' jagħmel konferenzi u *meetings*, dak li japplika għar-radjijiet, jista' japplika wkoll u għandu japplika wkoll għat-televiżjoni.

Jien ma għidtx li għandna niksru l-konvenzjonijiet. Qed ngħidu l-kostituzzjoni tal-1964 m'għadhiex treġġi. Jekk il-Konvenzjoni saret fl-1961, bl-istess argument, m'għadhiex treġġi. Jekk ma treġġix għall-Kostituzzjoni li għamilna aħna l-Maltin, hekk ukoll ma treġġix il-Konvenzjoni li saret mill-Ewropej, għax għaddew minn dak iż-żmien 'l hawn 32 sena.

Fuq il-flus hija kwistjoni oħra: fuq il-flus l-argument huwa dan: il-ġustifikazzjoni li jkollna stazzjon tat-televiżjoni tagħna hija għaliex m'hemmx soluzzjoni fil-PBS. Is-soluzzjoni llum hija li jkun hawn diversi stazzjonijiet biex jagħtu xelta fl-opinjonijiet.

M'aħniex qegħdin ngħidu li ser nagħmlu stazzjon għax għandna l-flus. Jien injorajt l-argument li beda jgħid Dr Gatt li aħna għandna l-flus. Il-Partit Nazzjonalista għandhom l-istamperija tagħhom, aħna m'għandniex stamperija, per eżempju. Ma tistax tgħid għax il-Partit Laburista ser jagħmel stazzjon tat-televiżjoni, il-Partit huwa sinjur iktar mill-Partit Nazzjonalista, hemm affarijiet oħrajn. Il-Partit Laburista għandu l-Mexxej u jien *full time*, u xi tnejn oħra. Il-Partit Nazzjonalista għandu iżjed minn tnejn *full time*. Trid teħodha b'mod globali.

## Il-Pjan Nazzjonali għax-Xandir



**L-Onorevoli MICHAEL FRENDO**
*Ministru għaż-Żgħażagħ u l-Kultura*
*(b'responsabbiltà għax-Xandir)*

L-Onor Michael Frendo LL.D., LL.M. (Exon), MP. kien il-Ministru responsabbli għaż-Żgħażagħ u l-Kultura sal-bidu tas-sena 1994. Illum, l-Onor Frendo huwa responsabbli għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija.

## L-Onorevoli Michael Frendo

## Il-Pjan Nazzjonali għax-Xandir

Mr Chairman, matul din il-ġurnata, hawn min iddikjara li huwa verġni fix-xandir, u kien hemm ħaddieħor li ddikjara li huwa martri. Fl-aħħar tal-ġurnata jiena nħossni li ġejt biex inkanta l-Hallelujah. U l-Hallelujah mhux biss għaliex qegħdin niġbru ġurnata li tat diversi ideat, imma l-Hallelujah wkoll għaliex dan huwa qasam li, minkejja d-diffikultajiet tiegħu kollha, (u ma jistax ikun li ma jkunx hemm diffikultajiet f'qasam li huwa ġdid) huwa mill-aktar eċċitanti f'pajjiżna. Jekk hawn effett pożittiv tal-pluraliżmu fix-xandir hija din il-ġabra ta' nies hawnhekk b'ideat differenti, anzi, bħas-soltu fix-xandir, b'ideat li huma *strongly felt*, u qegħdin hawnhekk nitkellmu fuq minn xiex għaddejna u kif irridu nimxu 'l quddiem.

L-ewwel punt li rrid nagħmel hu li jiena naħseb li hija ħaġa pożittiva ħafna li l-Awtorità tax-Xandir, tagħmel *review* bħal dan prattikament sentejn wara li għaddiet il-Liġi dwar ix-Xandir minn pajjiżna. Pero`, fil-fehma tiegħi għadu m'għaddiex biżżejjed żmien biex nifhmu, biex noħorġu mill-ewforija u mill-isturdament ta' tant attivitajiet għaddejjin kollha f'daqqa, biex nifhmu eżattament x'fissret din il-bidla radikali għall-pajjiżna. Madankollu dan ma jfissirx li m'għandniex noħorġu l-analiżi tagħna, u ma nfittxux li mill-analiżi tagħna noħorġu l-apprezzament tagħna. Qiegħed ngħid biss li naħseb li hemm bżonn ta' medda ta' żmien li timmaturana daqsxejn iktar. U hawn qed naqbel ma' editorjal li deher dan l-aħħar fuq dan is-suġġett, f'wieħed mill-ġurnali, li qal li fil-fatt tant ġraw affarijiet b'mod mgħaġġel fil-qasam tax-xandir li forsi ma kienx hemm il-perjodu ta' maturazzjoni li jtik iċ-ċans li tara l-affarijiet b'mod ċar.

Nħoss li irridu nifhmu li qegħdin f'dan l-istadju ta' maturazzjoni ta' ideat u li għadna fi stadju fejn id-dinamiżmu li beda minn mindu ftaħna il-pluraliżmu fix-xandir f'pajjiżna, huwa dinamiżmu li ser ikompli għaddej, fil-fehma tiegħi, għal diversi snin.

Żgur li hawn konsensus fuq il-pluraliżmu li qatt ma kien hawn qabel. Din hi xi ħaġa li ġiet direttament u bl-iktar mod ċar espressa fil-Parlament ftit ġimgħat ilu mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni li qal li l-Partit Laburista jaqbel mas-sistema tal-pluraliżmu li ġiet introdotta u li mhux bi ħsiebu jagħmel bdil għaliha jekk huwa jkollu l-poter. Din hija dikjarazzjoni li fil-fehma tiegħi juri li dak li għamilna sentejn ilu kien suċċess.

Kien suċċess għall-pajjiż naturalment bid-diffikultajiet tiegħu kollha. B'mod ġenerali, f'soċjeta` Maltija li dejjem tfittex "l-imma", naħseb li nistgħu ngħidu li kien suċċess, u li fi żmien sentejn wasalna għal maturazzjoni tal-ħsieb fejn għandna l-ikbar żewġ forzi politiċi li għandhom konsensus fil-pajjiż - l-ikbar żewġ forzi politiċi li jivvotaw għalihom in-nies - qed jiddikjaraw li din it-triq li qbadna għandna nibqgħu fiha.

Allura jiena naħseb li rridu nieħdu kuxjenza tal-fatt li f'dan il-bdil kollu li qiegħed isir fil-qasam tax-xandir għandna punt li huwa punt ta' stabbilità. U f'tant oqsma fejn ikun hawn kontroversji politiċi, - u jiena ma nippretendi qatt li fil-ħajja tal-pajjiż ma jkunx hawn daqsxejn kontroversja politika - fix-xandir għandna ftehim, konsensus, kbir fil-pajjiż li s-sistema tal-pluraliżmu li torbot is-sistema pubblika tax-xandir u s-sistema privata wkoll, li toħloq xenarju tax-xandir fejn għandek dawn iż-żewġ elementi, hija rikonoxxuta mill-ikbar forzi politiċi fil-pajjiż li għandhom konsensus tan-nies.

Minn dan il-lat, jien inħoss li l-Pjan Nazzjonali dwar ix-Xandir li għadda l-Parlament sentejn ilu huwa pjan li diġà qiegħed, fil-qafas tiegħu, jitwettaq. Huwa pjan li llum għandu ħafna iktar nies li qed iħarsu lejh u qed jaraw kif għandu jiżviluppa milli forsi anke f'dak iż- żmien meta għaddiet il-Liġi nnifisha. Infakkarkom ftit li kien il-Pjan li kien iħares lejn il-pluraliżmu bħala punt ta' libertà ta' espressjoni.

Hawnhekk ippermettuli nirrejaġixxi ftit għal xi punti li ssemmew fid-diskussjoni dalgħodu li fosthom kien hemm il-kwistjoni jekk il-partiti politiċi għandhomx ikollhom televiżjoni jew radju. Forsi ftit minnkom jafu, probabbilment ma jaf ħadd, li fid-diskussjonijiet interni li kellna biex nagħmlu dik il-Liġi biex inħarsu lejn il-mod kif

għandna nifformulaw dik il-Liġi, din id-diskussjoni qamet ukoll, għaliex hija diskussjoni naturali li tqum meta tifformula liġi ġdida għall-pajjiżek fix-xandir. Allura tibda tistaqsi fuq kollox, u tibda tara x'jagħmel ħaddieħor f'diversi pajjiżi.

Aħna ħassejna f'dak il-punt żewġ affarijiet: L-ewwelnett ħassejna li l-Kostituzzjoni, u din m'hemmx prova tagħha, kif inhi llum, tagħmilha diffiċli ħafna li inti ma tirrikonoxxix id-dritt ta' kull assoċjazzjoni u partiti (li huma assoċjazzjonijiet bħal ħaddieħor) li jkollhom dritt għal espressjoni tagħhom. U allura rridu nifhmu li għandek il-qafas kostituzzjonali ta' pajjiżna li nbena mill-1964 'l hawn li huwa l-fondament ta' kull ma nagħmlu fl-azzjonijiet tagħna.

Punt ieħor li kien importanti, u naħseb li huwa importanti wkoll għal dak li ntqal dwar l-Awtorità tax-Xandir, kien li meta inti qed tagħmel bidliet tant radikali fil-qasam tax-xandir jagħmel ukoll sens, jekk trid tiggverna tajjeb, li ma tbiddilx kollox f'daqqa imma li tħalli ċerti affarijiet stabbli.

Hawn tradizzjoni kbira fl-istorja politika Maltija tal-partiti li involvew ruħhom fil-qasam kollu tal-istampa u tax-xandir. Hija tradizzjoni twila li tiġi minn diversi fatturi, mill-fatt li aħna pajjiż żgħir, mill-fatt li dawn kienu forzi politiċi li kienu qed jaħdmu għad-diversi bidliet. Deherilna, sussegwentement għal-punt tal-kostituzzjoni, li huwa importanti wkoll li ċertu affarijiet li huma stabbiliti f'pajjiżna, inżommuhom b'mod li huma f'dak il-mument. Il-bidla fil-qasam tax-xandir kienet tant radikali li ridna nżommu element ta' stabbilità li magħha nankraw il-kontinwità f'dan is-settur.

U dan irrid ngħidu wkoll għall-Awtorità tax-Xandir. Kien hemm ukoll diskussjoni jekk l-Awtorità tax-Xandir għandniex inbiddlulha n-natura tagħha kompletament u għandniex nagħmlu bdil radikali fil-poteri ta' l-Awtorità tax-Xandir. Fil-fatt l-Oppożizzjoni, dak iż-żmien, kienet ikkritikat lilna, bħala Gvern, għaliex kienet qed tgħid li naqqasna l-poteri ta' l-Awtorità tax-Xandir, li ma kien minnu xejn. Fil-fatt, l-Awtorità tax-Xandir ma tnaqqsulhiex anzi naħseb li żdiedulha l-poteri. Il-poteri huma qawwijin, u nżammu żgur qawwijin bil-mod li kienu fl-Ordinanza. Din kienet għażla

konxja mhux sempliċiment għaliex qbadna parti mil-Liġi l-antika u poġġejnieha fil-Liġi l-ġdida, imma kienet għażla konxja f'mument li inti kont qed tintroduċi s-sistema ta' pluraliżmu li kont taf minn fejn se tibda pero` ma kontx taf fejn se tispiċċa għax ma kellekx esperjenza tagħha.

Aħna deherilna li kien iggvernar tajjeb u għaqli li ma tbiddilx l-Awtorità tax-Xandir u n-natura tagħha kollha f'dak il-mument partikolari. Għaliex qiegħed ngħid dan? għax jiena naħseb li llum qegħdin f'sitwazzjoni daqsxejn aktar żviluppata. Vera li, kif diġa' għidt, m'għaddiex iż-żmien forsi mixtieq li wieħed jista' jimmatura l-ideat daqsxejn iktar. Pero`, għadda biżżejjed żmien li tista' tifhem li dawk il-punti fissi li kienu l-Awtorità tax-Xandir u l-qafas kostituzzjonali jista' jasal iż-żmien li nerġgħu nħarsu lejhom. Fost dawn il-punti żgur li hemm il-kwistjoni għandekx ikollok il-bilanċ f'kull stazzjon, anzi f'kull programm, li nsistew fuqha l-Oppożizzjoni fil-Parlament kuntrarju għal dak li konna qegħdin nissuġġerixxu aħna, bħala Gvern, li għandu jkollok bilanċ fil-firxa kollha tax-xandir f'pajjiżna. Pero` ma stajniex, u għadna sal-lum ma nistgħux bil-Kostituzzjoni, nagħtu direttiva lill-Awtorità tax-Xandir biex timxi fuq dawn il-linji, għax il-Kostituzzjoni tgħid li ħadd ma jista' jagħti direttiva lill-Awtorità tax-Xandir fuq dik il-materja. Biex din l-interpretazzjoni tkun tista' ssir, trid issib postha fil-Kostituzzjoni stess u dan jeħtieġ ftehim bejn Gvern u Oppożizzjoni biex jintlaħqu ż-żewġ terzi neċessarji. Jew inkella l-istess Awtorità tax-Xandir, *sua sponte*, tiddeċiedi hi waħedha, li tagħti din l-interpretazzjoni.

F'dan il-qafas kostituzzjonali, aħna xtaqna li jkun hemm, u daħlet fil-liġi, rakkomandazzjoni li fil-qasam tax-xandir l-idea tal-bilanċ tittieħed fil-firxa kollha tax-xandir. L-Oppożizzjoni, dak iż-żmien, kienet assolutament kontra dan. Illum, iżda, fid-diskors li għamel il-Kap ta' l-Oppożizzjoni stqarr illi l-Oppożizzjoni tħoss li għandna nimxu fuq l-istess linji li mxejna fil-qasam ta' l-istampa! Allura jien, b'konsegwenza ta' din l-istqarrija, noħodha li l-Kap ta' l-Oppożizzjoni ma jridx li jkun hemm regolamentazzjoni daqshekk stretta ta' bilanċ f'kull programm għar-rigward ta' kwistjonijiet ta' natura kontroversjali, ta' natura politika kif hemm fil-Kostituzzjoni. Jiġifieri, anke illum il-ħsieb qiegħed jimmatura, qiegħed jiżviluppa

fid-direzzjoni li għandna nimxu 'l bogħod minn ċerti regolamentazzjonijiet kostituzzjonali li biex jinbidlu jridu żewġ terzi tal-Kamra. U dan anke jekk ma jkunx hemm sintonija perfetta, għaliex naturalment jibqa' dejjem xi differenzi fin-natura tat-televiżjoni u tar-radju minn dak ta' l-istampa, u dawn kull regolamentazzjoni għaqlija trid tirrikonoxxihom.

Qed insemmi dawn il-punti għaliex huma punti li tqajjmu fid-diskussjoni, u nħoss li huwa importanti li dan il-*background* ta' kif il-Gvern ħaseb f'dak il-mument, kif irrifletta fuq il-bżonnijiet ta' dan il-pajjiż, jiġi mixtarr anke pubblikament għaliex huma konsiderazzjonijiet li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-futur tax-xandir f'pajjiżna.

Il-Pjan Nazzjonali għax-Xandir huwa pjan li jħares ukoll lejn kif għandna nimxu lejn il-pluraliżmu fit-televiżjoni Maltija. U l-kunċett li jkollna pluraliżmu fit-televiżjoni kien kunċett li kien espliċitament inkluż fl-Att dwar ix-Xandir u għalhekk l-iżviluppi li qegħdin naraw illum huma żviluppi li joħorġu direttament mill-introduzzjoni tal-pluraliżmu. Ma tistax tintroduċi l-pluraliżmu fir-radju mingħajr ma tkun ħloqt *impetus* kbir minnu nnifsu li jwassal għal-pluraliżmu fit-televiżjoni, u dan intqal fit-Tieni Skeda tal-Pjan Nazzjonali għax-Xandir tal-Liġi stess.

Illum, fi żmien qasir ħafna, fi ftit snin, għandna sitwazzjoni li hija radikalment differenti minn kif dan il-pajjiż kien qed jgħix qabel. Qabel f'dan il-pajjiż kien hawn mumenti fejn kien illegali li jkollok set tat-televiżjoni bil-kulur. Illum minn din is-sitwazzjoni ta' "biża'" mill-qasam tax-xandir, imxejna għal sitwazzjoni fejn ix-xandir huwa aċċettat, fejn neħħejna il-biża' minnhu, fejn sparixxiet il-biża' tal-polarizzazzjoni li, skond xi nies, kien ser ikun il-konsegwenza tal-pluraliżmu.

Hemm min għad għandu dan il-ġudizzju. Il-ġudizzju li għandi jien huwa li l-pluraliżmu fix-xandir għamel effett enormi fil-ħajja demokratika tal-pajjiż għaliex naqqas ħafna l-polarizzazzjoni u żied ħafna t-tolleranza. Dan ġara anke minħabba ċerti fatturi, li jiena kont nemmen minn dejjem li huma naturali fil-ħajja demokratika ta' pajjiż meta jkollok iktar vuċijiet u allura jkollok iktar għażliet.

Il-fatt li inti semmiegħ, inti telespettatur għandek fejn tmur u timxi minn stazzjon għall-ieħor, *zapping*, (anke fir-radju llum hemm iż-*zapping*) jġiegħel lill-istazzjon innifsu li jersaq b'xi mod lejn iċ-ċentru għaliex inkella jista' jitlef il-kredibilità tiegħu, u magħha jitlef l-udjenza tiegħu ukoll.

U dan, apparti l-fatt prattiku, li spjegali ftit ilu wieħed minn nies li jxandru fuq dawn l-istazzjonijiet, li tant hemm *pressure* biex ikollok nies biex timla' l-ħin li inevitabilment trid tistieden nies oħrajn li ma jaqblux mal-fehma tiegħek. Dan huwa effett pożittiv ta' pajjiż li hu żgħir.

Żgur li x-xandir huwa llum, sentejn wara l-Liġi tax-Xandir, sentejn wara li nfetaħ dan il-qasam, suċċess għar-rigward ta' dik li hija demokrazija, dik li hija l-kapacità li tesprimi ruħek, li tinvolvi ruħek, li ċċempel, li titkellem, li titwassal il-vuċi ta' ċittadin għar-rigward tal-politika, għar-rigward ta' l-*issues* li jiġu diskussi fil-pajjiż.

Waħda mill-affarijiet li forsi tkun interessanti hi li meta jsiru dawn is-*surveys* dwar ix-xandir isir *survey* dwar x'*issues* gew diskussi fil-qasam tar-radjijiet f'dan il-perjodu li kien jeżisti dan il-pluraliżmu. Għax jiena nemmen li kien hemm diversi *issues* li kieku mhux għax kien hawn din l-atmosfera ta' diskussjoni, ma kienx ikun hawn lok li jiġu parti mid-dibattitu nazzjonali, u naħseb li dan huwa kontribut kbir li jagħti l-qasam tax-xandir.

Naturalment filwaqt li l-Pjan tax-Xandir qiegħed jiġi attwat diġa' kważi fil-qafas tiegħu kollu, dan ma jfissirx li m'hemmx aktar x'tagħmel f'kull parti li ntmisset. Nista' ngħid li kull parti tal-Pjan intmisset, imma mhux kull parti hija kompleta. Fost dak li sar hemm li jkollna televiżjoni bis-satellita, (illum in-nies għandhom il-possibbiltà li jirċevu wkoll bis-satellita); it-tneħħija tal-monopolju ta' l-Istat; il-fatt li mxejna wkoll għall-pluraliżmu fit-televiżjoni; l-iffirmar tal-Konvenzjoni Ewropea għat-Trasmissjoni bit-Televiżjoni lil hinn mill-Fruntieri.

Xtaqt nitkellem ftit fuq dan l-aħħar aspett, għax dan huwa aspett mniżżel fil-Pjan

Nazzjonali għax-Xandir, li jagħtina l-possibbiltà, bħala pajjiż, li mhux biss nirċievu, u aħna riċevituri kbar ta' sinjali ta' pajjiżi oħrajn, (it-televiżjoni f'pajjiżna beda billi bdejna nirċievu sinjali ta' pajjiżi oħrajn), imma anke il-possibbiltà li nittrasmettu aħna wkoll lejn pajjiżi ġirien tagħna li rratifikaw din il-Konvenzjoni li fil-fatt issa bdiet topera. Dan huwa aspett interessanti li fil-fehma tiegħi għandu wkoll ikollu spazju għall-futur tax-xandir f'pajjiżna. għaliex huwa aspett fejn ix-xandir f'pajjiżna għandu l-possibbiltà li jidħol f'ċerti swieq ta' l-Ewropa. Hemm l-possibbiltajiet li iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar ma nkabbru l-fiduċja fina nfusna, iktar ma nieħdu esperjenza aħna stess, aktar nistgħu nagħmlu impatt f'dan il-qasam ukoll.

U dan iġibni għal punt ieħor li xtaqt insemmi għar-rigward ta' l-effetti tal-pluraliżmu f'pajjiżna. Jiena nemmen li l-pluraliżmu f'pajjiżna kellu effett ukoll ekonomiku, mhux biss fil-qasam ta' l-*advertising* li fetaħ ukoll il-possibbiltà ta' tip ta' reklamar li forsi qabel ma kienx utilizzat, mhux biss kellu effett fis-sens li kabbar anke l-ispazju fejn nies jaħdmu fil-qasam tax-xandir, imma kellu effett li bil-mod il-mod ħoloq spazju fejn jikber settur ekonomiku ġdid.

Dan huwa pajjiż li m'għandux riżorsi kbar, dan huwa pajjiż li m'għandux riżorsi naturali, u fl-iżvilupp ekonomiku tiegħu huwa pajjiż li allura jrid jiffoka fuq ċerti oqsma li huma naturali għalih. Jekk nieħdu l-eżempju tal-Freeport u l-eżempju tat-*trans-shipment*, huwa l-pajjiż li qiegħed jiżviluppa f'sens ekonomiku, l-pożizzjoni tiegħu strateġika li għal ħafna snin kienet titfisser biss f'termini militari. Dan il-pajjiż qed jiżviluppaha f'sens ekonomiku billi jisfrutta l-pożizzjoni strateġika tiegħu fil-Mediterran għal skopijiet ekonomiċi.

Jiena naħseb li bħala effett tal-pluraliżmu, rridu nibdew inħarsu lejn il-qasam tax-xandir bħala qasam li jista' jkun ta' natura ekonomika. Li jkun qasam li fih inkunu nistgħu nagħmlu żviluppi ekonomiċi li jkunu ta' importanza għal pajjiżna fl-istrateġija ta' l-iżvilupp tiegħu. Dan huwa aspett li diġa' beda jiffunzjona bil-ftit il-ftit, jekk inti tara l-esperimenti li għamlu l-PBS għar-rigward tal-*farming out* tal-programmi. F'mument minnhom kien hawn il-Unions li kienu qegħdin jibżgħu minn dan il-pass,

u kienu lesti jagħtu direttiva ta' azzjoni industrijali meta l-PBS taw l-ewwel programm b'kuntratt lil Għawdxin biex jipproduċu il-programm 'Għawdex' f'Għawdex stess. Dik id-direttiva eventwalment ġiet irtirata u jiena naħseb li dan ġara għaliex irrejalizżaw li din m'hijiex ta' theddida għax-xogħol ta' ħadd.

Din m'hijiex ta' theddida imma opportunità kbira ta' żvilupp fil-qasam tax-xandir li jrid jikber f'pajjiżna: li jkollok iktar *studios*; ikollok iktar nies fis-settur li mhux neċessarjament jaħdmu fix-xandir pubbliku jew fix-xandir privat; li jkollok postijiet indipendenti ta' produzzjoni, ta' materjal li jintwera jew jinstema' fuq ix-xandir. Għaliex hawnhekk inkunu qegħdin niżviluppaw karatteristika tal-Maltin u importanti li aħna nisfruttawha. Li forsi anke b'effett tal-mod li naqsmu l-ideat flimkien kontinwament, li nutilizżaw l-element qawwi ta' kreattività f'xenarju ta' pluraliżmu biex insaħħu dan is-settur, u nkabbru il-produzzjoni ta' films, ta' programmi, għall-qasam tax-xandir. Nemmen li din hija direzzjoni li għandna nieħdu, direzzjoni li hija msemmija fil-Pjan Nazzjonali għax-Xandir. Dan huwa żvilupp eċċitanti. Fil-fatt, il-PBS għandhom iktar esperjenzi minn dawn il-programmi dwar Għawdex: kellhom programm ieħor dwar il-films f'Malta li wkoll kien *farmed out*, u għandhom programm ieħor bħalissa li huwa programm għaż-żgħażagħ sponsorizzat minn kumpanija tar-reklamar li ukoll huwa prodott kollu kemm hu minn waħda mill-aġenziji pubbliċitarji ta' pajjiżna.

Dan qed insemmieh għaliex forsi huwa aspett li jintesa fil-ħerqa f'Malta biex jinstab il-bilanċ perfett, qiesha din hija l-ikbar missjoni ta' dan il-pajjiż, fatt li kultant ikolli nammetti li jiddiżappuntani fid-diskussjoni dwar ix-xandir għaliex hija aspettativa impossibbli. Jiena nemmen li l-*farming out* huwa aspett li meta jutilizzawh il-Maltin għas-suq lokali jkunu wkoll jistgħu, fiż-żmien, iħarsu lejn swieq barranin ukoll.

Hawn ħafna affarijiet favur li f'pajjiżna isiru produzzjonijiet għat-televiżjoni. Meta tara li stazzjonijiet privati bħal ma huma Canale 5 u l-stazzjonijiet l-oħra ta' Fininvest, jmorru u jipproduċu l-programmi tagħhom fil-Portugal, tifhem li aħna bħala pajjiż għandna wkoll nibdew, fil-qasam tal-pluraliżmu fix-xandir, niġġieldu biex f'pajjiżna nressqu dan it-tip ta' produzzjonijiet għal ġid tal-poplu Malti u ta' kull min investa f'dan il-qasam.

Mr Chairman, jiena naħseb li l-qasam tax-xandir huwa qasam li dejjem ser jibqa' xi ftit kontroversjali. Huwa qasam li lkoll inħossu li għandna raġun fih. Għandu l-isfortuna kbira li kulħadd jaħseb li huwa espert fih, u allura rridu llkoll inbatu dawn il-konsegwenzi. M'hemmx dubju li kien suċċess fil-qasam demokratiku u politiku. Kienx suċċess fil-qasam ekonomiku u li jagħti lok għall-ħolqien ta' settur ġdid ekonomiku rridu naraw aktar 'l quddiem. Jiena naħseb li hawnhekk irid ikollna l-kuraġġ li ngħidu li l-Gvern fetaħ ir-regolamentazzjoni, il-Gvern ta l-opportunitajiet lil kull min ried li jieħu r-riskju kummerċjali f'sistema ta' suq liberu. Is-suq liberu għandu ħafna vantaġġi, iżda għandu l-iżvantaġġi: hemm min jirnexxi, u hemm min ifalli. Irridu nkunu ċari, irridu nkunu realistiċi u rridu naċċettaw ir-regoli tas-suq. Huwa importanti li nagħtu iktar żmien biex ngħidu kienx suċċess ekonomiku jew le, u nispera li ma jkunx hawn min jgħid li ma kienx suċċess ekonomiku għaliex ikun hemm xi ħadd li ma jkomplix.

Jiena nħoss li ħafna drabi f'diversi oqsma għadna l-*forma mentis* ta' min irid ikun liberu pero` jrid fl-aħħar mill-aħħar li jkun hemm l-id tal-missier li tieħu ħsiebu u li meta jiġi darhu mal-ħajt, irid allura li jkollu l-protezzjoni ta' xi ħadd, inkluż il-protezzjoni ta' l-Istat. Il-logħba tas-suq liberu m'hijiex dik u jekk tidħol għaliha fil-qasam tax-xandir trid taċċettaha għax dawk huma r-regoli tal-logħba. U naħseb li din hija xi ħaġa li rridu ngħiduha. M'hemmx dubju iżda li fil-qasam ekonomiku nfetħet wisa' ġdida li qatt ma kien hemm qabel.

Niġu għax-xandir pubbliku: aħna nemmnu, u hawnhekk għandna konsensus fil-forzi politiċi ewlenin, probabbilment konsensus anke fil-forzi politiċi kollha, li minkejja li għandek tiżviluppa l-qasam privat, għandu jkollok ukoll qasam pubbliku fix-xandir. Jidher li kulħadd qiegħed jgħid li għandu jkollok il-qasam pubbliku fejn inti jkollok il-possibbiltà li tagħti messaġġi daqsxejn differenti. Għaliex messaġġi differenti? Għax il-qasam pubbliku għandu diffikultà ħafna ikbar mill-qasam privat biex jaqdi il-missjoni tiegħu. Għax fil-qasam pubbliku hemm żewġ missjonijiet li mhux dejjem neċessarjament faċilment tħaddimhom flimkien.

Hemm il-missjoni ta' żvilupp kulturali. Fis-soċjetà ssib organizzazzjoni li hija orjentata lejn missjoni pubblika, u ssib organizzazzjoni li għandha biss esiġenzi kummerċjali. U hawn id-diffikultà tax-xandir pubbliku. Fil-qasam pubbliku, għandek id-diffikultà li trid tlaqqa' dawn iż-żewġ missjonijiet flimkien. Dawn mhux neċessarjament jeżistu fl-istess intensità fil-qasam privat fejn il-missjoni kummerċjali, bla dubju, hija iktar prevalenti, jekk mhux unika. Naħseb li għalhekk irridu nifhmu li l-qasam pubbliku għandu jfittex li jkun kummerċjali, pero`, jrid ukoll jissodisfa l-bżonnijiet kulturali ta' pajjiżna.

Dan huwa qasam li fil-Pjan Nazzjonali għax-Xandir wasalna għalih biċċa, pero`, ma wasalniex għalih bil-biċċa l-oħra u din hija kruċjali jekk irridu nkomplu nimxu 'l quddiem. Jiena ma naqbilx ma' l-*assessment* li għamel il-Kap ta' l-Oppożizzjoni fil-Parlament ftit ilu fejn qal li l-PBS qiegħed jitlef ħafna udjenza u li għandu diffikultajiet kbar. Mir-riżultat tal-MISCO *survey* ta' Jannar 1993 deher li filwaqt li fl-Lulju tal-1992 15% biss kienu jkomplu jaraw ix-xandir pubbliku wara li jispiċċaw l-aħbarijiet, f'Jannar ta' l-1993 ir-riċerki urew li din il-figura kienet telgħet għal 50% fid-disa' u għal 35% fl-għaxra. Wara l-għaxra biss bdew jaqilbulu jew jitfulu.

Żgur li kien hemm żvilupp pożittiv f'din id-direzzjoni. Ma jfissirx li hemmhekk ilħaqna dak li nixtiequ u jiena nħoss li x-*schedule* ta' Ottubru - Jannar li għadda kien forsi wieħed mill-aħjar *schedules* illi kellna għal ħafna żmien [1]. Jiena m'għandix dubju li dak il-progress li sar, ma jkunx sostenibbli jekk ma jkunx hemm il-ftehim li tant qegħdin infittxu mal-Unions biex ikun jista' jsir bidu ġdid u importanti għat-televiżjoni pubblika [2].

U l-aħħar ħaġa dwar it-televiżjoni pubblika hija li hemmhekk għandna bżonn li nagħmlu *Charter*. Ma jistax ikun li t-televiżjoni pubblika u x-xandir pubbliku kollu f'pajjiżna ma jkollux karta li sservi bħala gwida għalih u sservi wkoll bħala gwida għar-relazzjoni li għandu jkollu ma' min, fl-aħħar mill-aħħar, jispiċċa jirrispondi l-

---

1. Ottubru 1991 - Jannar 1992
2. Il-ftehim bejn PBS u l-Unions intlaħaq fl-1993.

Parlament dwaru, u r-relazzjoni li għandu jkollu wkoll ma' l-Awtorità tax-Xandir. Dawn ir-relazzjonijiet bejn l-Awtorità tax-Xandir u l-istazzjon pubbliku u bejn l-Awtorità tax-Xandir u l-Ministru responsabbli mix-xandir huma relazzjonijiet li f'pajjiżna bdew jiżviluppaw, pero`, hemm bżonn li ndaħħluhom ukoll fid-diskussjoni kollha biex inkunu nistgħu nagħmlu l-affarijiet b'viżjoni ċara.

Xtaqt nifraħ lill-Awtorità tax-Xandir għal inizjattiva li ħadet u li biha l-Awtorità uriet li riedet tieħu l-opinjonijiet u l-viżjonijiet ta' ħaddieħor ukoll fuq qasam li huwa dinamiku ħafna u li lkoll irridu fih nagħmlu mill-aħjar li nistgħu, biex niggwidawh fid-direzzjoni ġusta. Żgur li jrid jgħaddi iktar żmien biex nifhmu l-effetti radikali li l-pluraliżmu għandu f'pajjiżna illum u fil-futur. Ix-xandir huwa qasam importanti li pajjiżna għandu jiffoka fuqu biex itejjeb il-formazzjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku tiegħu u, fuq kollox, biex isaħħaħ il-pluraliżmu u d-demokrazija fis-soċjetà Maltija.